# Il-Konċilju Reġjonali ta' Malta
## u l-Iżviluppi fit-Tagħlim tal-Knisja

*Kitba ta' Joe Flask*

### Nota Editorjali

*Intopp kbir u kbir sew li sabet il-Festa ta' San Ġużepp fl-iżvilupp tagħha, kien żgur il-Konċilju Reġjonali li tlaqqa' f'Malta fl-1935, kważi tmenin sena ilu. Fost ħafna raġunijiet għala tlaqqa' dal-Konċilju, kien hemm it-trażżin tal-festi mhux titulari, li sa minn dak iż-żmien, kienu diġà bdew jerfgħu rashom u juru li ma kinux kuntenti bi ftit u riedu aktar. F'dan l-aspett, il-Konċilju rnexxielu jxejjen dik l-evoluzzjoni billi daħħal numru ta' restrizzjonijiet, imqar fl-aktar affarijiet banali ta' numru ta' bozoz mixgħula! Minn dal-Konċilju, dal-Festi li kienu t-tieni fl-importanza fil-parroċċi, tlaqqmu bħala sekondarji. Uħud minnhom spiċċaw bħal Għargħur, in-Naxxar, Ħal Lija u s-Siġġiewi. Iżda numru mdaqqas ieħor, fosthom il-Festa tagħna ta' San Ġużepp f'Ħal Kirkop, kellhom art fertili biżżejjed, sostnuta mid-devozzjoni, biex jgħaddsu rashom u jkomplu għal triqithom. F'din il-kitba, li aktar tista' ssejħilha teżi, Joe Flask jikteb dwar l-aspett storiku u l-effetti tal-Konċilju msemmi.*

### Daħla

Madwar sena ilu, irċevejt e-mail, mingħand il-ħabib tiegħi u tagħkom Angelo Schembri, fostkom iktar magħruf bħala s-Segretarju tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp, Ħal Kirkop. Angelo, talabni li bħala kontribut tiegħi, bil-kitba, għall-Festa ta' San Ġużepp ta' dis-sena, kontx lest nagħmel analiżi tad-"Dokument Aħħari"[1] tal-Konċilju Reġjonali li sar f'Malta fl-1935. Apparti l-interess qawwi tiegħi fuq dak kollu li għandu x'jaqsam mal-istorja u ma' dak kollu li għaddiet u għadha għaddejja minnu l-Knisja Kattolika f'Malta, ma stajtx ma naċċettax proposta bħal din, anke jekk konxju mill-impenn u mid-diskrezzjoni li titlob minħabba d-delikatezza tal-kwistjonijiet trattati, li l-eku ta' wħud minnhom għadu jidwi sal-lum. Għalhekk, tlabtu jibgħatli kopja tad-Dokument li, fil-fatt, irċevejt erbat ijiem wara. Minnufih, qrajt id-Dokument, miktub bil-Latin, flejtu sewwa, għaliex, anki jekk diġà kont ilqajt il-proposta li kienet saritli, xorta waħda ridt ngħarraf lil Angelo, bl-opinjoni tiegħi fuq il-kontenut tad-Dokument, u dwar il-bixra li eventwalment kont se nagħti lil kitbieti.[2]



L-Eminenza Alessio Enrico M. Lepicier, Kardinal Legat tal-Papa li mexxa l-Konċilju Reġjonali tal-1935.

Għalija, u mhux neċessarjament kulħadd irid jaqbel miegħi, id-Dokument propost, żmienu għamlu u, għaldaqstant, ma naħsibx li hemm lok li wieħed joqgħod janalizza n-normi u l-proposti approvati fi tmiem il-Konċilju Reġjunali msemmi li sar 78 sena ilu. Madanakollu, inħoss li, xorta nista' nislet mid-Dokument, uħud min-normi, li jistgħu jitqiesu bħala li għadhom attwali u xi punti oħrajn, bil-għan li nkewwes u nħażżeż kitba li tagħti ħjiel dwar dak li hemm fl-istess Dokument. Imma, biex il-kitba tkun konsistenti, irrid ninkludi tagħrif fuq l-iżviluppi li saru, permezz tal-Konċilju Vatikan II, ir-Riformi fil-Liturġija u fil-Liġi tal-Knisja, kif ukoll Dokumenti ekkleżjastiċi oħrajn, inklużi dawk lokali. Inħoss ukoll il-ħtieġa ta' kunsiderazzjonijiet, ibbażati fuq dokumenti tal-Knisja, u anke personali, fuq aspetti oħrajn li baqgħu ma nbidlux f'dawn is-snin kollha: użu xieraq t'apparat u oġġetti sagri fil-Knejjes, il-kwistjoni tal-Legati, Ċelebrazzjonijiet liturġiċi ta' Ġesù, il-Madonna u San Ġużepp, Festi Titulari u Festi Sekondarji(sic!).[3]

IMPORTANTI! Qabel ma nibda, nixtieq nagħmilha ċara mill-ewwel, ħalli ma niftiehemx ħażin, li: jiena ma rrid nipponta subgħajja u ma rrid nikkritika jew niġġudika lil ħadd, tant anqas nikkundanna dak li kien isir u/jew sar jew għadu jsir. Daqshekk ieħor, ma rridx inqanqal polemiki bla bżonn u, bħala bniedem li m'għandux awtorità, mhux sewwa li nkun jien li ngħid x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin fil-Knisja, speċjalment f'pajjiżna. Madanakollu, inħoss li, bħalma dejjem għamilt, għandi dritt, bħal kull persuna oħra – anki jekk l-opinjoni personali ma tkunx nieqsa, u naf li bosta, forsi, mhux se jaqblu miegħi - ngħid dak li nħoss li hu sewwa, fid-dawl ta' dak li sibt u qrajt fuq is-suġġett li se nikteb dwaru.

## Tagħrif Storiku

Qabel ma nidħol fis-suġġett, naħseb li jkun għaqli nagħti ftit tagħrif u ħjiel storiku, fuq il-kelma Konċilju li, fit-terminoloġija tal-Knisja spiss hija marbuta mal-kelma Sinodu, teknikament sinonimi. Iżda, maż-żmien, b'Konċilju sirna nifhmu laqgħa li tiġbor fiha numru konsistenti ta' mexxejja tal-Knisja (Isqfijiet) filwaqt li b'Sinodu nifhmu laqgħa iktar ristretta, anki jekk fiż-żewġ okkażjonijiet soltu jsiru diskussjonijiet u jittieħdu deċiżjonijiet ekkleżjastiċi importanti.[4]

### a) Konċilju

Fil-bidu ta' kull "Storja tal-Konċilji", hemm definizzjoni komuni fuq il-ħsieb reliġjuż ta' Konċilju u/jew Sinodu, aktarx ibbażat fuq stqarrija li għamel Ġesù: "Fejn hemm tnejn jew tlieta miġburin f'ismi, jiena nkun f'nofshom". Konċilju, hija kelma ġejja mil-Latin *Concilium* = laqgħa, filwaqt li Sinodu, għalkemm għandha l-istess sinifikat, ġejja mill-Grieg *σύνοδος*. F'Konċilju/Sinodu, soltu jkunu mistiedna jieħdu sehem numru ta' Isqfijiet u Prelati tal-Knisja Kattolika, biex flimkien jiddeċiedu u jagħtu interpretazzjonijiet xierqa lid-Duttrina tal-Knisja kif ukoll biex jeżaminaw u jirribattu żbalji jew teoriji eretiċi. Fl-istess ħin, laqgħat bħal dawn, isiru wkoll minn żmien għall-ieħor, kull meta l-Knisja tħoss il-ħtieġa li tirrevedi jew tipprovdi liġijiet li wara li jkunu studjati jkunu approvati mill-maġġoranza tal-Isqfijiet. B'hekk it-tifsira ta' Konċilju/Sinodu tikseb ir-rwol ta' awtorità u ta' organiżmu dixxiplinari.[5]

### b) Il-Konċilju Appostoliku

Hemm min isostni li l-ewwel laqgħa, magħrufa bħala l-"Konċilju Appostoliku", fl-Istorja tal-Knisja, saret fl-Ewwel Seklu, għal ħabta tas-sena 51 w.K., f'Ġerusalemm,[6] fuq insistenza ta' San Pietru, San Pawl u San Barnaba minħabba xi problemi li nqalgħu b'konnessjonji mal-Evanġelizzazzjoni tagħhom fost il-Pagani.[7] Il-kwistjoni kienet dwar jekk il-Pagani li kienu saru Nsara kellhomx ikomplu "jħarsu l-Liġi ta' Mosè u fuq kollox ir-rit taċ-ċirkonċiżjoni" għax la San Pawl u lanqas l-Appostli ma kienu jgħallmu dan. Din id-differenza fil-ħsieb, speċjalment fid-dawl li anki l-Lhud Insara kienu qed isostnu li l-Liġi ta' Mosè 'kienet meħtieġa għas-salvazzjoni', qanqlet ftit agħa u ħolqot tfixkil fil-Knisja ta' Ġerusalemm, u li kieku l-Appostli ma ndaħlux u ltaqgħu bejniethom biex tinstab soluzzjoni, kienet toktor il-firda bejn l-ewlenin Insara li bdiet tinfirex sewwa.[8] Proprju minħabba f'hekk, mhux eskluż li saru żewġ laqgħat u mhux waħda: tal-ewwel, li tista' tissejjaħ Sinodu, kienet laqgħa privata bejn l-Appostli u l-qassisin tal-Belt u t-tieni waħda li ovvjament tista' tissejjaħ Konċilju għaliex fiha minbarra l-Appostli u l-qassisin, ħa sehem ukoll il-poplu biex jisma' d-deċiżjonijiet tal-Appostli.[9] Iż-żewġ laqgħat tmexxew minn San Pietru, imma speċjalment fit-tieni waħda tkellmu diversi Appostli oħrajn fosthom San Ġakbu.[10] Ta' min jgħid li laqgħat ta' dan it-tip bl-isem ta' Konċilju/Sinodu kellhom jgħaddu mal-100 sena.[11]

## ċ) Tifsiriet varji

L-ewwel darba li ntużat il-kelma teknika Konċilju, skont l-ispjegazzjoni li tajna, kien madwar is-sena 200 w.K. minn Tertulljanu (160 ċ – 225 ċ w.K) li ismu proprja kien *Quintus Septimius Florens Tertullianus*, minn Kartaġni, kittieb prolifiku Nisrani, magħruf bħala Missier il-Kristjanità Latina u Fundatur tat-Teoloġija tal-Punent.[12] Filwaqt li l-kelma Sinodu ssemmiet fis-sens tekniku tagħha madwar 100 sena wara fil-Kanoni Appostoliċi.[13] Magħrufin ukoll bħala "*Kanoni Ekkleżjastiċi tal-Qaddisin Appostli*" huma ġabra ta' Deċiżjonijiet ta' bixra Ekkleżjastika li kienu jirregolaw it-tmexxija u d-dixxiplina fi ħdan il-Knisja tal-bidu. Ta' min iżid li l-attribuzzjoni tagħhom lill-Appostli ma għandha ebda bażi storika.[14]

Tul is-snin, anki fid-dawl ta' dak li għidna, il-kliem Konċilju/Sinodu, ngħataw ismijiet varji marbutin l-aktar mal-għanijiet li għalihom saru: l-importanza, l-argumenti trattati jew deċiżi, min ħa sehem fihom eċċ. Biex inkun iktar ċar ħa nagħti lista t'ismijiet li bihom huma distinti Konċilju/Sinodu minn ieħor.

1. *Konċilju Ekumeniku*: f'każ li teżisti kategorija/klassifikazzjoni tal-Konċilji, ċertament dan, huwa l-iktar wieħed importanti, tant hu hekk li hemm min isejjaħlu "Universali'. Fih jieħdu sehem rappreżentanti tal-Konferenzi tal-Isqfijiet ġejjin minn kull rokna tad-Dinja, flimkien mal-Kardinali u s-Superjuri Ġenerali tal-Ordnijiet, Kongregazzjonijiet/Soċjetajiet Reliġjużi. Il-Konċilju Ekumeniku jitnieda u jitmexxa mill-Papa li, personalment, jistabbilixxi x'għandu jkun diskuss u deċiż, kif ukoll ifassal il-proċeduri u r-regolamenti li għandhom isegwu "il-Padri" Konċiljari.[15]

Ta' min ifakkar li l-ewwel tmien Koncilji Ekumeniċi, li saru kollha fil-Lvant, ibda mill-Ewwel wieħed li sar f'Niċea fis-sena 325, fil-maġġoranza tagħhom, kienu tnedew mill-Imperatur ta' Biżanzju[16] li dak iż-żmien, kien igawdi minn ċerta superjorità fuq il-Papa ta' Ruma. Dak iż-żmien, fil-Lvant, kien fis-seħħ 'l hekk imsejjaħ "*Ċeżripapiżmu*" li fil-qosor tirreferi għal dak it-tip ta' relazzjoni li kienet teżisti bejn is-seta' Ċivili "Ceżri" (=Imperatur) u s-seta' Reliġjuża "il-Papa".[17] B'saħħet dis-sistema, l-Imperatur, spiss, kien jestendi setgħatu u l-ġurisdizzjoni tiegħu anki fil-qasam reliġjuż bħal problemi dixxiplinarji u teoloġiċi, u mhux l-ewwel darba li kien jiġġudika wkoll għemil il-Papa u l-qasam reliġjuż/ekkleżjastiku. L-aħħar Konċilju Ekumeniku li sar fil-Lvant, biex ngħidu hekk, taħt il-kappa tal-Imperatur, kien ir-Raba' Konċilju ta' Kostantinopli (869-870). Minn wara l-Konkordat ta' Worms(1122) 'il quddiem il-Konċilji Ekumeniċi dejjem issejħu mill-Papiet u kollha saru fil-Punent.[18] Madanakollu, kellhom jgħaddu iktar minn 300 sena, qabel mal-Papa ngħata s-setgħa li huwa biss jista' jsejjaħ, iniedi jew ixolji Konċilju Ekumeniku, waqt il-Ħdax-il Sessjoni tal-Ħames Konċilju tal-Lateran(1512-1517) fi żmien il-Papa Ljun X(1513-1521).[19] B'dan li għidna ma jfissirx, li fl-ewwel tmien Konċilji, il-Papiet kienu ġew esklużi għal kollox, anzi, spiss tnedew fuq insistenza tal-Papa fil-ħatra, li kien ukoll iressaq għad-diskussjoni suġġetti partikolari. Wara kollox, m'hemmx għalfejn wieħed jiskanta, għaliex nafu b'Imperaturi tas-Sagru Imperu Ruman u Rejiet, li kellhom sehem fit-tnedija ta' Konċilji li saru fil-Punent, anki jekk, forsi, kienu Konċilji minuri.[20]

2. *Sinodi "Ekumeniċi" tal-Lvant u tal-Punent*: Mingħajr ma mmur kontra l-ispjegazzjoni li tajt fil-bidu, nixtieq nenfasizza li, fl-Istorja tal-Knisja, jissemmew Konċilji li, fl-aħħar mill-aħħar, ma kinux għajr Sinodi. Dan huwa l-każ tal-Ewwel Konċilju ta' Kostantinopli (381) li tnieda għall-Knisja tal-Lvant, iżda, huwa mniżżel fit-tieni post tal-Lista tal-Konċilji Ekumeniċi għaliex, id-deċiżjonijiet li ttieħdu fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' Fidi, ġew approvati u assimilati mill-Knisja tal-Punent. Wara kollox, it-tmien Konċilji ta' Kostantinopli, kollha tqiesu bħala "Ekumeniċi" għaliex apparti l-ġerarkija u l-membri tal-Knejjes tal-Lvant ħadu sehem ukoll dawk l-Isqfijiet u Mexxejja ekkleżjastiċi mill-Punent u minn inħawi oħra tad-dinja li inzertaw kienu f'Kostantinopli. Forsi, għal din ir-raġuni wkoll, kif diġà aċċennajna, li huma magħrufin ukoll bħala "Sinodi (Konċilji) Universali".

3. *Konċilji varji*: Sa minn wara l-Konċilju Appostoliku, il-Mexxejja (għalina, l-Isqfijiet) tal-Knejjes lokali ta' xi provinċja jew reġjun bdew isejħu laqgħat biex jiddiskutu u jiddeċiedu dwar kwistjonijiet lokali ta' xejra dommatika u/jew morali kif ukoll ta' dixxiplina u ġurisdizzjoni ekkleżjastika. Fid-dawl ta' dan, bdew jitniedu Konċilji/ Sinodi fuq bażi lokali b'bixra partikolari:

a) Patrijarkali, Nazzjonali, Reġjunali, Plenarji meta jitniedu minn Patrijarkat jew fuq bażi Nazzjonali inkella

b) Primazjali meta kienu jitniedu mill-Isqof Ewlieni ta' għadd ta' Provinċji. Fil-Konċilji Primazjali ġieli ħadu sehem ukoll rappreżentanti ekkleżjastiċi minn Provinċji li ma kinux taħt il-ġurisdizzjoni ekkleżjastika tal-Isqof Primat.

ċ) Reġjonali li normalment jitniedu mill-Isqof Metropolitan[21] u jkunu miftuħin għall-Isqfijiet u Mexxejja ekkleżjastiċi kif ukoll rappreżentanti mid-Djoċesijiet dipendenti.

Spiss dawn il-Konċilji jkunu preseduti minn Legat tal-Papa.

d) Provinċjali li wkoll jitniedu mill-Isqof Metropolita

e) Djoċesani li huma iktar Sinodi milli Konċilji, għaliex fihom normalment jieħdu sehem il-Kleru regolari u r-reliġjużi ta' dik id-Djoċesi partikolari u tkun preseduta mill-Ordinarju (Isqof tal-post) jew mill-Vigarju Ġenerali.

4. *Konċilji/Sinodi imħallta*: jissejħu hekk għaliex fihom kienu jieħdu sehem mhux biss ekkleżjastiċi imma wkoll esponenti lajċi[22] li flimkien kienu jiddiskutu u jiddeċiedu dwar kwistjonijiet ta' natura spiritwali u ċivili. Interessanti li f'dawn il-Konċilji/Sinodi, mhux l-ewwel darba li r-rappreżentanti tal-Knisja u dawk Lajċi kienu jivvutaw separatament anki fi kmamar differenti. Sa fejn hu magħruf, Konċilji/Sinodi ta' dan it-tip, saru l-aktar fiż-Żminijiet tan-Nofs: fl-Italja, Franza, Ingilterra, Ġermanja u anki fi Spanja.[23]

## d) Approvazzjoni mis-Santa Sede

Wieħed jifhem li minħabba ċirkustanzi storiċi u anki ta' natura politika, seta' ġara li għadd ta' Djoċesijiet u Ċentri Reliġjużi, imsaħħin minn drittijiet miksuba tul is-snin, kif ukoll minħabba ċertu iżolament li sabu ruħhom fih, inqatgħu b'xi mod, mir-rabta stretta tagħhom ma' Ruma. B'hekk, kull min kien ifettilu jagħmel jew jorganizza xi attività, fosthom Konċilji/Sinodi, mhux dejjem kien iħoss li għandu jitlob il-permess tas-Sede Appostolika, b'periklu kbir li, uħud mid-deċiżjonijiet li kienu jittieħdu, mhux dejjem kienu konformi mal-prinċipji reliġjużi Nsara, mat-Tagħlim u/jew mal-Maġisteru tal-Knisja.

Għaldaqstant, sa mis-seklu XIX, is-Santa Sede ħasset li kien wasal iż-żmien li filwaqt li terġa' tiġbed lejha lill-Ġerarkiji lokali, tagħtihom sura ġdida u iktar definita, b'mod li mingħajr ma toħnoq inizjattivi partikolari, forsi, ta' ħtieġa spiritwali għall-Poplu ta' Alla, jekk xejn, kollox isir taħt is-superviżjoni tagħha. Imma l-Beatu Papa Piju IX(1792-1878),[24] magħruf għall-ħidma tiegħu favur is-supremazija tal-Papa fuq il-Knisja Kattolika, mar iktar lil hemm u pprojbixxa li d-Djoċesijiet u l-Knejjes lokali jniedu Konċilji/Sinodi, sakemm ma ssirx talba formali quddiem is-Santa Sede u wara li l-istess talba, tkun approvata minnu personalment. M'eskludiex ukoll il-possibiltà li jibgħat rappreżentanti tiegħu (Legati Pontifiċji) biex jippresiedu l-Konċilji/Sinodi u jaraw li kollox ikun organizzat u jitmexxa kif suppost.[25]

## e) Il-Liġi tal-Knisja u l-Konċilji/Sinodi

Il-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Knisja Kattolika[26] jikkonsisti f'sistema ta' liġijiet u prinċipji legali stipulati u approvati mill-Ġerarkija tal-Knisja Universali, bil-għan li jirregolaw l-organizzazzjonijiet esterni u t-tmexxija tal-Knisja, kif ukoll jindirizzaw ħidmet l-Insara lejn il-Missjoni tal-Knisja Kattolika.[27] Jista' jingħad li l-Knisja, sa mill-bidu tagħha, dejjem kellha xi forma ta' Liġijiet miġbura flimkien, iżda l-ewwel darba li ngabru u ngħataw sura ta' Ktieb (Kodiċi), f'kelma waħda: kodifikati, kien b'ordni tal-Papa Benedittu XV (1854-1922)[28] fis-17 ta' Mejju 1917[29], anki jekk imbagħad daħal formalment fis-seħħ fl-1918.[30] Il-format il-ġdid tal-Liġijiet tal-Knisja kien frott il-ħidma ta' Kummissjoni *ad hoc* li kienet twaqqfet mill-Papa San Piju X(1835-1914)[31] permezz ta' *Motu Proprio*.[32] Minn dak iż-żmien, il-Papiet kollha tista' tgħid għamlu xi tibdiliet u żidiet, sakemm fl-1983, il-Beatu Papa Ġwanni Pawlu II(1920-2005)[33], ordna li ssir reviżjoni sħiħa u l-Kodiċi tal-Liġijiet ingħata libsa ġdida u iktar moderna adattata għall-ħtiġijiet tal-Knisja ta' żmienna.[34] Kien il-Papa Emeritu Benedittu XVI(1927 - )[35], li għamel l-aħħar tibdil ta' wħud mill-kanoni, fil-15 ta' Diċembru 2009.[36]

Skont il-Liġi tal-Knisja tal-1917 (kanoni 283-291) l-Isqfijiet kienu obbligati li minn żmien għall-ieħor jorganizzaw laqgħat ta' konsultazzjoni fuq bażi reġjonali; ta attenzjoni partikolari lill-Konċilji Provinċjali, li baqgħu jżommu l-identità tagħhom bħala mezzi ta' espressjoni Sinodali fi ħdan il-Knisja Kattolika biex b'hekk tinżamm il-kontinwità tal-imgħoddi b'analoġija mal-Knisja Ortodossa tal-Lvant.[37] Fid-dawl ta' dan il-Konċilji/Sinodi fuq bażi reġjonali, nazzjonali, provinċjali u anki djoċesani tkattru. Biżżejjed wieħed ifakkar dawk li tnedew mill-Arċisqof ta' Firenze il-Kardinal Elia della Costa (1935 u 1946) u dawk li tnedew mill-Arċisqof ta' Milan il-Beatu Kardinal Alfredo Ildefonso Schuster OSB (1931, 1935, 1941, 1946 u 1951).[38] Anki l-Konċilju Reġjonali li sar f'Malta fl-1935 kien sar fil-kuntest ta' dan li għadna kemm għedna. Ta' min iżid

li t-tnedija ta' iktar Konċilji/Sinodi provinċjali baqgħet għaddejja, ukoll minkejja li l-Konċilju Vatikan II wera bil-miftuħ id-dispożizzjoni tiegħu biex ikun hemm sens akbar ta' kolleġġjalità fi ħdan il-Knisja.[39]

Il-Liġi tal-Knisja tal-1983, ħasbet biex il-ħidma pastorali flimkien fi ħdan il-provinċji Ekkleżjali, fil-każ ta' ċerti territorji, issir bit-tnedija ta' Konċilji/Sinodi partikolari (Kan.439), li jistgħu jkunu "plenarji" meta jkunu rappreżentati d-djoċesijiet kollha li jiffurmaw il-provinċja in kwistjoni, inkella "proviċjali" meta jkunu rappreżentati l-Knejjes kollha tal-istess provinċja ekkleżjastika. L-għan ewlieni kemm tal-Konċilju Plenarju kif ukoll dak Provinċjali hu li jipprovdi ħtiġijiet pastorali konnessi mas-setgħat u r-regolamenti tat-tmexxija.[40]



**Monsinjuri, saċerdoti u patrijiet li ħadu sehem fil-Konċilju Reġjonali f'ritratt tal-okkażjoni mal-Kardinal Lepiċier u l-Isqof Mawru Caruana.**

## Il-Konċilju Reġjonali ta' Malta

L-ewwel mistoqsija hi: għaliex tlaqqa' dan il-Konċilju? Naħseb, li kieku wieħed kellu jikteb dwar dak kollu li wassal biex jitnieda dan il-Konċilju żgur li ktieb mhux biżżejjed. Iżda, milli jidher, għalkemm inkiteb ħafna u fuq kollox, bir-raġun jew le, ma jidhirlix li xi ħadd, s'issa, ħass il-ħtieġa (*sic*!) li jippubblika tagħrif sħiħ, fil-forma ta' ktieb, fuq dan l-"avveniment ferm importanti fil-ġrajja tal-Knisja Maltija".[41] L-uniku ktieb li jirreferi għal dan il-Konċilju Reġjonali u dak kollu li sar b'konnessjoni miegħu, inkiteb minn Padre Raffaele Maria Taucci O.S.M.(1882-1971).[42] Naturalment, anke mid-Digrieti tad-Dokument finali, dlonk jasal biex jifhem għaliex tnieda dan il-Konċilju. Jiena konvint, li tnieda, biex wara tant snin, forsi mijiet ta' snin, tinfetaħ tieqa, ħalli fil-Knisja Maltija tidħol ftit arja friska, u mhux biss tiġġedded, imma tibda tkun konformi wkoll mal-bqija tal-Knisja Universali; biex jintwera bil-fatti, li l-Fidi li ġabilna San Pawl, mhijiex biss demagoġija, imma li tabilħaqq il-Maltin qed jgħixuha tassew, u mhumiex Insara, tal-isem biss!

Fil-paragrafi hawn taħt, se nipprova, fil-qosor, għar-raġunijiet ta' spazju, u mingħajr ma nidħol f'dettalji, nagħti ftit ħjiel li, jista' jgħin lill-qarrejja jifhmu r-raġunijiet li għalihom sar dan il-Konċilju f'Malta.

### a) Kriżi politiku-reliġjuża

Għajr għal xi inċidenti mhux daqstant rilevanti, in ġenerali, ir-relazzjonijiet bejn il-Knisja ta' Malta u l-Gvern Ingliż responsabbli mit-tmexxija politika ta' pajjiżna sa mill-bidu tas-seklu XIX, minn dejjem kienu tajbin, anke minħabba l-fatt li ż-żewġ naħat kienu jaraw kif jagħmlu biex jevitaw li jkollhom anke l-iċken kunflitt/kontroversja bejniethom. Fis-snin '20, iżda, f'Malta, seħħet taqliba soċjali determinanti fl-istorja tal-pajjiż, meta fl-1921, żviluppaw u qabdu għeruqhom l-ewwel Partiti Politiċi li bla dubju qanqlu ċertu ferment fost il-popolazzjoni Maltija li kienet ilha tistenna li xi darba jseħħ dan. Konsegwentement bdew jitniedu l-ewwel Elezzjonijiet Ġenerali, bil-Partiti jissieltu biex jiksbu s-setgħa, anke jekk limitata, u jkollhom sehem fl-Amministrazzjoni u t-tmexxija ta' Malta. Wieħed mill-Partiti ewlenin kien il-Partit Kostituzzjonali mmexxi minn Lord Gerald Strickland (1861-1940), politiku ewlieni u persuna influwenti kemm f'Malta[43] kif ukoll mal-ogħla awtoritajiet Ingliżi.[44] Huwa kien Prim Ministru ta' Malta, matul iż-żmien tas-*Self Government*, bejn l-1927-1932.[45] Sa mill-bidu tal-mandat tiegħu, Lord Strickland, ried jara kif jagħmel biex jagħmel tibdiliet, li skont il-Mexxejja tal-Knisja f'Malta, uħud minnhom kienu jimminaw l-integrità tal-Knisja f'Malta, bil-għan li jnaqqsulha l-influwenza li kellha fuq il-poplu Malti.[46] Ovvjament, l-akbar oppożizzjoni kienet ġejja miż-żewġ rappreżentanti tal-Knisja fis-Senat ,akkużati minn Strickland li għemilhom kien motivat politikament. Lord Strickland kompla bil-kampanja sovversiva tiegħu u għadda xi rimarki iebsin ħafna wara li kien ilu żmien jikteb artikli fil-gazzetti kontra l-Isqfijiet u kontra l-Knisja(il-Papa)[47], tant li spiċċa biex daħal f'kunflitt mal-Isqfijiet Mons. Mawru Caruana OSB Isqof ta' Malta-Arċisqof ta' Rodi u Mons. Mikiel Gonzi Isqof t'Għawdex.[48] Bosta kienu tal-fehma li kien kollu nkwiet bla bżonn.[49] Ir-relazzjonijiet bejn Stat u Knisja f'Malta waslu f'punt diffiċli tant li nħolqot kontroversja anke bejn il-Vatikan u l-Gvern Ingliż minħabba s-sitwazzjoni f'Malta.[50] Il-Papa Piju XI(1857-1939)[51], għalhekk, ħatar u bagħat f'Malta Delegat Appostoliku,[52] Mons. Pascal Robinson O.F.M.(1870-1948), Irlandiż, Arċisqof Titulari ta' Tiana.[53] Huwa dam Malta mit-3 ta' April sat-2 ta' Ġunju 1929.[54] Is-sitwazzjoni kompliet teskala, meta proprju ftit ġranet qabel l-Elezzjonijiet ta' Mejju 1930, l-Isqfijiet Caruana u Gonzi, xandru Ittra Pastorali li fiha l-punt kruċjali u importanti kien li wieħed ma setax "mingħajr ma jagħmel dnub kbir[55] jivvota għal Lord Strickland u għall-kandidati tiegħu u ...."[56] Interessanti li bosta huma dawk li jsostnu - anke l-istess Strickland kellu dil-fehma - li għalkemm il-Pastorali kien iffirmata miż-żewġ Isqfijiet, l-awtur tagħha kien Mons.M. Gonzi.[57] Iżda, "Għall-kuntrarju min jaf l-affarijiet minn ġewwa jaf illi kien l-Arċisqof Caruana li riedha. L-Arċisqof Caruana kien imdorri fi Scotland u, bħall-Kattoliċi f'art Protestanta, kien iebes u intransiġenti meta hemm fin-nofs ir-Reliġjon. Wera biċ-ċar li ma kienx se jiċċaqlaq"..... "...Kien bniedem li jdum ma jiddeċiedi imma, meta jiddeċiedi kien tal-azzar. Kien iktar iebes minn Monsinjur Gonzi."[58]

Bla dubju li, fil-bidu tas-snin '30, il-Knisja Maltija kellha tgħaddi minn waħda mill-agħar kriżijiet politiku-reliġjużi fl-istorja tagħha.[59] Il-ġlieda politiku-reliġjuża damet sejra tliet snin sakemm, fit-28 ta' Mejju 1932, Lord Strickland, għamel apoloġija, irtira dak li kien qal u talab maħfra.[60]

Skont Mons. Gonzi, "ta' kattoliku li kien"[61] Wara kollox anke d-Delegat Appostoliku Mons.Robinson, kien iddeskriva lil Strickland "kattoliku prattikanti, li jiftaħar bl-antenati kattoliċi tiegħu".[62] Imma skont Buttigieg "Jista' jkun li Strickland kien ġie imġiegħel jagħmel apoloġija mill-Gvern Ingliż..."[63] Is-sitwazzjoni f'Malta, ma qalbitx mill-ewwel għat-tajjeb, iżda, huwa fatt li sal-1935, it-tqanqil politiku intern f'pajjiżna beda jbatti u r-relazzjonijiet bejn Stat u Knisja tjiebu wkoll, minkejja li fix-xefaq feġġet theddida qawwija ta' gwerra bejn l-Ingilterra u l-Italja minħabba l-okkupazzjoni tal-Abbissinja mill-Qawwiet Armati Faxxisti ta' Mussolini.[64]

## b) Ħtieġa urġenti għal riformi

Il-mument storiku-politiku f'pajjiżna li għadna kemm ktibna dwaru, kixef sewwa li l-prinċipji ewlenin tal-Fidi, il-ħajja spiritwali u morali, iż-żwieġ u l-għaqda fil-familja, ir-rispett filjali, lejn il-Knisja f'Malta u l-Mexxejja tagħha - mhux biss mil-Lajċi - kienu għoddhom tmermru. Żgur, li l-Knisja Maltija, iktar minn qatt qabel, kienet qed tiffaċċja problemi ġodda u kien assolutament meħtieġ li jsir xi ħaġa. Kien fl-isfond ta' dan li, b'kollaborazzjoni sħiħa bejniethom, l-Arċisqof ta' Malta Mons. M. Caruana OSB, u l-Isqof t'Għawdex Mons. M. Gonzi "ħassew il-bżonn ta' riforma sħiħa fil-kleru u fil-Knisja"[65] ta' Malta; ħassew li kien wasal il-mument, għax qatt mhu tard wisq, kif jgħid il-Malti, biex jagħtu dawra ta' vit qawwija u jilqgħu għal dak kollu li kien inġema' tul is-snin u issa kien qed ixekkel serjament l-ispirtu u t-twemmin Nisrani tal-Maltin: f'dak li kellu x'jaqsam mal-prattiċi reliġjużi, mat-tagħlim tal-Knisja in ġenerali u t-tqegħid fil-prattika ta' dan l-istess tagħlim.

Kienu ilhom konxji bin-nuqqasijiet kontinwi u abbużi fis-sens wiesa: fil-Liturġija; fil-Mużika/Kant fil-Knejjes; fil-ħarsien tal-Liġijiet Kanoniċi; fl-amministrazzjoni tas-Sagramenti; bid-dispożizzjoni u t-tqassim arbitrarju tal-ġid u l-beni tal-Knisja u/jew tal-organizzazzjonijiet konnessi magħha; bid-deċiżjonijiet mingħajr il-permessi meħtieġa mill-Kurja, għalhekk abbużivi, u assolutament mhux konformi ma' li riedet il-Knisja Lokali u tant anqas mad-direttivi mill-Knisja Universali; bil-mod kif kienu qed jiġu ċċelebrati l-Festi eċċ.

L-Isqfijiet, ħadu wkoll in konsiderazzjoni li qabel il-ħatra ta' Mons. M.Caruana OSB, bħala Isqof, Malta għamlet ftit anqas minn sitt xhur mingħajr Isqof Djoċesan. Ċertament, dan huma għamluh, mingħajr ma naqqsu xejn mill-merti kbar ta' Mons. Angelo (Salvu) Portelli O.P. (1852-1927)[66] Isqof Awżiljarju[67], li huma dejjem ammiraw it-tjubija u l-qdusija tiegħu, kif ukoll apprezzaw ferm li fiż-żmien ta' *sede vacante*, Mons. Portelli kien ukoll Amministratur Appostoliku[68] tad-Djoċesi ta' Malta. Ħidma, li Mons. Portelli wettaq, mhux biss b'dedikazzjoni kbira imma wkoll bl-akbar umiltà u sens ta' lealtà lejn il-Knisja ta' Malta u ta' sottomissjoni lejn il-Papa, b'imħabba kbira lejn il-Poplu Malti l-aktar lejn il-ħaddiema u dawk fil-bżonn.[69]

Madanakollu, kien stat ta' fatt li, f'dawn ix-xhur imsemmija, id-Djoċesi kienet għaddiet minn sitwazzjoni ta' inċertezza, għadd ta' deċiżjonijiet kienu stagnati u konsegwentement il-bruda spiritwali fost il-Kleru u fost il-Lajċi, flimkien man-nuqqasijiet imsemmija mill-Isqfijiet Caruana u Gonzi, komplew jakkumulaw.

Għaldaqstant, ma kienx iktar żmien it-thewdin u l-ħsibijiet, fuq x'l-aħjar isir, kien jeħtieġ li jgħaddu għall-fatti. Kienu determinati għall-aħħar, li jagħmlu minn kollox, biex tkun normalizzata s-sitwazzjoni xejn tajba tal-Arċidjoċesi li, lejn tmiem is-seklu XIX u l-bidu tas-seklu XX il-veritajiet tal-Fidi u l-moralità Nisranija kienu ħadu daqqa 'l isfel sewwa.

## ċ) Tnedija tal-Konċilju Reġjunali

L-Isqfijiet Caruana u Gonzi, iddeċidew li jniedu Konċilju Reġjonali, l-ewwel wieħed u l-uniku wieħed tax-xorta tiegħu li qatt sar f'pajjiżna. Bħalma minn dejjem sar fil-Knisja Universali, anke fl-Istorja tal-Knisja Maltija, insibu li, minn żmien għall-ieħor, wara kull numru ta' snin, kif kienu jitolbu l-Liġijiet tal-Knisja, kienu saru bosta Sinodi.[70] Iżda Konċilju qatt! Għalhekk it-tnedija ta' Konċilju Reġjonali, kienet ta' importanza kbira, għaliex sal-1935, "f'Malta, kien ilu ma jsir Sinodu sa minn żmien il-Kavallieri".[71] F'Għawdex, kien sar wieħed, wara li Għawdex sar Djoċesi[72] għalih.[73] Mons. Caruana u Mons. Gonzi, kienu konvinti li b'Konċilju biss, huma setgħu jfasslu u jiddettaw normi u jagħtu direttivi prattiċi, li fuq kollox, jolqtu l-ewwel lill-membri tal-Kleru u tar-Regulari u r-Reliġjużi, ħadd eskluż, u jistabbilixxu mill-ġdid id-dixxiplina fi ħdan il-Knisja.

Mill-aktar fis ħejjew dak kollu meħtieġ u skont Bezzina "akħarx li kien imqabbad il-Latinista Malti, Dun Ġużepp Schembri, biex jagħmel ir-redazzjoni aħħarija tad-Digrieti".[74] Dun Schembri(1888-1953), minn Ħal Tarxien studja f'Malta u f'Ruma, u minbarra fl-Ilsna Klassiċi kien ukoll gradwat fil-Liġijiet tal-Knisja. Kien magħruf għall-pubblikazzjoni ta' Kitbiet bil-Latin.[75] Wara li kollox sar skont il-proċeduri kif hemm fil-Liġi tal-Knisja, l-Isqfijiet bagħtu id-dokumentazzjoni meħtieġa lis-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju, b'talba formali lill-Papa Piju XI, bil-għan li jkunu jistgħu jlaqqgħu l-Konċilju Reġjonali, u esprimew b'umiltà l-għanijiet tagħhom u finalment x'kienu qed jistennew minn dan l-istess Konċilju. Dak iż-żmien "iż-żewġ djoċesijiet kienu t-tnejn direttament dipendenti mis-*Santa Sede*, u għalhekk is-*Santa Sede* biss setgħet tlaqqagħhom flimkien f'Konċilju Reġjonali"[76] Sadattant, l-Isqfijiet baqgħu għaddejjin bid-diskussjonijiet bejniethom, xtarrew u reġgħu għarblu l-intenzjonijiet tagħhom, talbu huma u ġiegħlu lil min jitlob.

Fit-tieni ġimgħa t'April 1935, l-Arċisqof M. Caruana OSB u l-Isqof M.Gonzi, irċevew nota uffiċjali mingħand is-*Santa Sede* biex tgħarrafhom li fit-8 ta' April 1935, l-Em.T. il-Kardinal Alessju Enriku Maria Lépicier O.S.M. kien irċieva l-Ittri tal-Ħatra bħala Legat tal-Papa *a latere*,[77] għall-Konċilju Reġjonali ta' Malta.[78] Il-Kard. Lépicier(1863-1936), Franċiż, kien membru tal-Ordni tas-Servi ta' Marija.[79] Kien persuna ta' ħiliet kbar, kolt, kien jaf jitkellem b'diversi ilsna, fosthom l-Ingliż, u bniedem ta' talb u spiritwali ħafna. Fid-19 ta' Diċembru 1927, il-Papa Piju XI, ħatru Kardinal-Qassis, Titulari ta' Santa Susanna, u wara Prefett tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Reliġjużi.[80]

Għall-informazzjoni tal-qarrejja, skont Padre Taucci, il-

Kardinal Lépicier kien it-tieni Legat tal-Papa li żar Malta[81] wara l-Em.T. il-Kardinal Domenico Ferrata(1847-1914),[82] li kien ġie Malta bħala Legat tal-Papa *a latere*, biex jippresiedi l-XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien sar f'Malta bejn it-22 u d-29 ta' April tal-1913.[83] Ta' min iżid li, il-Kardinal Ferrata, kien ġie Malta wkoll fl-1905 biex bħala Legat tal-Papa *a latere*[84] "iqiegħed fuq ras il-Madonna kuruna tad-deheb imżewqa b'ħafna djamanti u ħaġar prezzjuż".[85] Iċ-ċerimonja tal-Inkurunazzjoni tal-Inkwatru tal-Madonna Kunċizzjoni meqjuma fil-Kor tal-Kolleġġjata Perinsinji Parrokkjali u Santwarju ta' Bormla saret fil-25 ta' Ġunju 1905.[86]

Malli kellhom il-konferma tal-ħatra tal-Kardinal Legat, mingħand is-Santa Sede, fil-21 ta' April 1935, Ħadd il-Għid il-Kbir, l-Isqfijiet Caruana u Gonzi, flimkien, permezz t'Ittra Pastorali "ħabbru li, bil-kunsens tal-Papa Piju XI, kellu jsir f'Malta l-Ewwel Konċilju Reġjonali".[87] Fil-Pastorali, li nqrat fil-Knejjes ta' Malta u Għawdex il-Ħadd ta' wara, 28 t'April 1935,[88] l-Isqfijiet stqarrew ukoll "...imxejna fuq dak li sar f'Konċilji li saru band'oħra matul iż-żmien twil ta' sabar li għaddejna biex ġbarna l-materja kollha: fidi, dixxiplina, kult, ġid spiritwali tal-Knisja. Fittixna li nkunu prattiċi ħafna..." Żiedu jgħidu li, skont il-Liġijiet tal-Knisja, il-Konċilju Reġjonali kien se jkun presedut minn Legat tal-Papa, u għall-okkażjoni, il-Papa Piju XI, kien se jibgħat lill-Em.T. il-Kardinal Alessju Enriku Maria Lépicier O.S.M.[89]

L-għada li nqrat il-Pastorali fil-Knejjes, fid-29 ta' April, Mons. M. Gonzi, mar il-Vatikan biex jiffinalizza l-aħħar tħejjijiet flimkien mas-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju, kif ukoll biex ikunu stabbiliti d-dati li fihom kellu jsir il-Konċilju u l-proċeduri kollha meħtieġa. Qabel ma ġie lura Malta, l-Isqof Gonzi, kellu wkoll udjenza speċjali mal-Papa,[90] li dwarha niktbu iktar 'l isfel.

Ġimgħa eżatt, wara l-aħbar mill-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex, fil-5 ta' Mejju 1935, it-Tieni Ħadd wara l-Għid, l-Kardinal Legat Lépicier, nieda d-Digriet Uffiċjali, biex jitlaqqa' l-Ewwel Konċilju Reġjonali f'Malta.[91] Id-Digriet miktub bil-Latin, għalhekk, qlibtu għall-Malti:

## DIGRIET biex jissejjaħ il-Konċilju Reġjonali ta' Malta

Wara t-talba li l-Isqfijiet Maltin għamlu lill-Q.T. u Missierna il-Papa Piju XI, li jinsab fil-ħatra, biex skont il-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Knisja - kanoni 281,[92] isir Konċilju Reġjonali f'Malta, kienet milqugħa bil-qalb mill-Q.T., lilna, mingħajr ma jistħoqqilna, ħatarna biex bħala Legat Appostoliku tiegħu nniedu u nippresjiedu dan l-istess Konċilju.

Għaldaqstant, aħna, mogħnija bl-awtorità kollha meħtieġa, b'rispett lejn it-talba tal-istess Isqfijiet, qed nagħmlu sejħa biex fil-Knisja Konkatidrali ddedikata lill-San Ġwann il-Battista, post tassew addattat u xieraq, li tinsab fil-belt Valletta, inniedu l-imsemmi Konċilju Reġjonali ta' Malta, li għandu jinfetaħ solennement fid-9 ta' Ġunju li ġej, Jum l-Għid il-Ħamsin.

Issa, aħna qed nistiednu lill-Eċċ. Tagħhom l-Arċisqof-Isqof ta' Malta u l-Isqof ta' Għawdex, li inħaddnu b'imħabba tal-aħwa, biex mill-imsemmi Jum l-Għid il-Ħamsin jattendu għaċ-ċelebrazzjoni tal-Konċilju Reġjonali ta' Malta, u jieħdu sehem b'vot deliberattiv. L-istess Isqfijiet, għandhom id-dritt, jekk iridu, jagħżlu li jingħaqdu magħhom xi membri tal-Kleru, wieħed jew tnejn, li jkunu esperti fis-Sagra Teoloġija jew fil-Liġijiet tal-Knisja, u magħrufin għall-ispiritwalità u l-prudenza, biex jagħmluha ta' Konsulenti.

Barra minn hekk qed nistiednu wkoll lill-Kapitli tal-Katidrali taż-żewġ djoċesijiet, jiġifieri ta' Malta u ta' Għawdex, biex mill-Kapitli rispettivi, jintgħażlu kolleġġjalment żewg membri ħalli jieħdu sehem f'dan l-istess Konċilju, iżda, il-vot tagħhom ikun konsultiv; l-istess se jkollhom vot konsultiv is-Superjuri Maġġuri tal-Ordnijiet Reliġjużi eżenti[93], u residenti l-Gżejjer Maltin, mistiedna biex jieħdu sehem fil-Konċilju.

Jekk iridu l-Isfqijiet, wara li jikkonsultaw bejniethom, jistgħu jagħżlu żewġ Ċerimonjieri, biex iħejju u jlestu kollox kif jixraq, għall-funzjonijiet sagri u ċ-ċerimonji li se jsiru, skont id-dispożizzjonijiet tal-Pontifikali Ruman (ara *Ordo ad synodum*) u ċ-Ċerimonjal tal-Isqfijiet(lib.I, kap.XXXI).

Fir-rigward tal-ħatra tal-Uffiċjali tal-istess Konċilju, kif hemm fiċ-Ċerimonjal tal-Isqfijiet (l-istess, n.18), isir kollox waqt l-istess laqgħat tal-Konċilju, skont kif stabbilit minn dawk li għamlu t-tħejjijiet.

Biex minn dan il-Konċilju Reġjonali ta' Malta, jinkiseb il-ġid mixtieq b'mod sħiħ u jkollu l-aqwa riżultat, skont kif hemm fil-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Knisja kanoni 290,[94] jiġifieri "li titkattar il-fidi, jikber il-qies fl-imġiba, jitrażżnu l-abbużi, tinstab soluzzjoni għall-kwistjonijiet, li darba għal dejjem tkun imħarsa jew tiddaħħal id-dixxiplina" għall-ġid ta' kulħadd, minnufih nordnaw li kemm mill-Kleru kif ukoll mill-poplu Nisrani jsir talb lil Alla, skont u kif jiġi stabbilit mill-Isqfijiet.

Għalhekk imqawwijin bit-tama, filwaqt li nitolbu l-interċessjoni speċjalment tal-Imqaddsa Verġni Marija imtellgħa fis-Sema, u tal-Qaddis Appostlu Pawlu, Patrun Ewlieni tal-Gżejjer Maltin, bis-saħħa kollha nawguraw li t-tajjeb li se joħrog mid-Digrieti ta' dan il-Konċilju, jissarraf f'ġid kbir għat-tisħiħ tar-reliġjon u tal-fidi u l-kleru u l-poplu Nisrani ta' dawn il-Gżejjer Maltin, li isem arthom minn dejjem baqa' miżmum għoli wara dak li qal l-Appostlu San Pawl, meta wara n-nawfraġju tela' fuq l-art "Urewna ġieħ kbir, laqgħuna tajjeb, ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha"(Atti 28 1)u hekk baqgħu tul is-snin, dejjem u anki fl-agħar mumenti, jistqarru r-Reliġjon Kattolika, u juru mħabba filjali lejn il-Papiet, il-Vigarji ta' Kristu, kif wara kollox kienu jagħmlu u hekk għadhom.

Fl-aħħar nett, qed ngħarrfu b'dan id-Digriet lill-Isqfijiet, li huwa fl-interess tagħhom li ma jonqsux li jaraw li jkun magħruf ma' kulħadd, skont kif provdut miċ-Ċerimonjal tal-Isqfijiet(l-istess, n.3) il-jum li fih se jibda l-istess Konċilju u jagħmlu pubbliku dak kollu li hemm fid-dokument waqt il-Quddies solenni fil-Knejjes tal-Katidral, tal-Kolleġġjati u fil-Parroċċi.

Mogħti f'Ruma, it-Tieni Ħadd wara l-Għid,
5 ta' Mejju 1935.

Il-Ħadd ta' wara, fit-12 ta' Mejju 1935, it-Tielet Ħadd

tal-Għid, l-Isqfijiet, flimkien, ħarġu Ittra Pastorali li nqrat fil-knejjes kollha ta' Malta u ta' Għawdex u taw ħjiel estensiv f'hiex kien jikkonsisti d-Digriet tal-Kardinal A.E.M. Lépicier.[95] Skont ma ppropona il-Kardinal Legat fid-Digriet, l-Isqfijiet ordnaw biex kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, isir talb speċjali waqt il-quddies u qabel ma tingħata l-Barka Sagramentali.[96] Fl-istess ħin, l-Isqfijiet, ħeġġu lil kulħadd, fl-opinjoni tiegħi iktar għamlu "twissija", u qalu: "Lestu ruħkom sa minn issa biex tilqgħu bl-akbar rispett u tħarsu kull direttiva tad-deċiżjonijiet konċiljari, anki jekk xi waħda ma tingħoġobx, u ftakru fil-qawl antik: Il-Liġijiet iridu jkunu osservati mhux diskussi."[97] B'żieda ma' dak li ntqal fid-Digriet, għarrfu lin-nies li l-għeluq tal-Konċilju kien se jsir il-Ħadd 16 ta' Ġunju 1935, Festa tat-Trinità Qaddisa. U fl-aħħar nett li l-Kard. Lépicier kellu jasal Malta fit-8 ta' Ġunju proprju lejliet il-ftuħ tal-Konċilju.

## d) Fid-dawl tal-isfera internazzjonali

Min jifli sewwa it-tħabbira tal-Konċilju Reġjonali, dlonk jintebaħ li l-Isqfijiet Maltin, kienu konxji ferm b'dak kollu li kien qed jiġri madwarhom f'pajjiżi oħra "...imxejna fuq dak li sar f'Konċilji li saru band'oħra..."[98] Meta wieħed iqalleb il-paġni tal-Istorja tal-Knisja Universali, Konċilji bħal dak ta' Malta ma sarux biss fl-Italja, fl-Ewropa iżda wkoll f'Kontinenti oħrajn fosthom l-Amerika. L-Isqfijiet stqarrew ukoll li "...matul iż-żmien twil ta' sabar li għaddejna biex ġbarna l-materja kollha. Fittixna li nkunu prattiċi ħafna..."

Personalment m'għandi ebda dubju li, anke jekk Mons. M. Gonzi kien il-promotur ewlieni tal-Konċilju Reġjonali, l-Arċisqof M.Caruana OSB, riedu akkost ta' kollox u kien hu l-moħħ wara l-ideat u l-proposti li saru. Wieħed ma jridx jinsa li, Mons. M. Caruana OSB, qabel ma sar Isqof ta' Malta, kien għal żmien twil Monaku Benedittin tal-Kongregazzjoni Benedittina Ingliża, fl-Abbazija ta' Fort Augustus, fl-Iskozja, fejn kien magħruf għall-għaqal u għall-għerf kbir tiegħu u l-ħidma pastorali li kien iwettaq fost dik il-popolazzjoni li mhux dejjem kienet issibha faċli biex tipprattika r-Reliġjon Nisranija għax imdawra b'tagħlim ta' denominazzjonijiet reliġjużi oħrajn (=Protestanti). Bħala Benedittin, u bil-provi, kellu għall-qalbu ħafna l-Liturġija fl-aspetti wiesa' kollha tagħha, li fl-aħħar mill-aħħar hemm aċċenn għalihom fil-Pastorali li għadna kemm semmejna "fidi, dixxiplina, kult, ġid spiritwali tal-Knisja".[99] Sa minn meta kien għadu fl-Abbazija tiegħu, kien midħla u kien isegwi mill-qrib l-iżviluppi li, mill-ewwel nofs is-seklu XX, kienu diġà bdew jiġu diskussi dwar riformi fil-mużika sagra, dwar il-bini tal-knejjes, fuq it- twieqi bl-*istained glass*, il-knejjes minn ġewwa u t-tiżjin. Huwa fatt li kellu sehem kbir fit-tibdil li kien seħħ fil-Knisja tal-Abbazija ta' Fort Augustus, fejn kien ħadem għadd ta' oġġetti sagri fosthom xi gandlieri, fl-injam, li illum, kieku, insejħulhom 'moderni'; fassal u ħiet personalment xi lbiesi liturġiċi.[100] Fir-rigward tal-ilbies liturġiku, li kien iħobb jilbes l-Isqof M. Caruana OSB, nagħmel tiegħi kumment li għamel fit-Teżi tiegħu, l-espert fil-Liturġija, ir-Rev. Dr. Jesmond Manicaro: f'Malta rajna bħalhom biss minn wara l-Konċilju Vatikan II.[101] U meta sar Isqof ta' Malta, ma neskludix li seta' kellu sehem ukoll, flimkien mal-Perit Godwin Galizia, fit-tfassil tal-Knisja tal-Parroċċa ta' San Girgor, Tas-Sliema,[102] Knisja tassew oriġinali, unika u li sa miż-żmien li nbniet kellha tkun xempju ta' kif għandu jkun it-Tempju t'Alla li jirrispetta l-kanoni liturġiċi imma jgħin ukoll lill-fidili jitolbu aħjar u jidħlu f'għaqda spiritwali sħiħa m'Alla. Imma, fuq l-Isqof Caruana, nirriserva li ngħid xi ħaġa iktar lejn tmiem din il-kitba, flimkien ma' tagħrif fil-qosor dwar l-Isqof Gonzi.

Wara l-iżviluppi fil-qasam tal-Liturġija li aċċennajna għalihom, kien hemm il-Moviment Liturġiku Internazzjonali, li twieled fl-ambjenti monastiċi fit-tieni nofs tas-seklu XIX, bil-għan li jitqajjem mill-ġdid l-ispirtu tal-Liturġija, u ħadem bla heda biex filwaqt li sseħħ ir-riforma fil-Liturġija, l-assemblea tiegħu sehem sħiħ fiċ-ċelebrazzjonijiet u fil-funzjonijiet.[103] Il-Papa San Piju X, konxju tal-interess, li kulma jmur kien qed jiżdied, dwar il-Liturġija, nieda *Motu Proprio*,[104] fejn fisser b'mod ċar kif għandhom ikunu ċċelebrati bl-iktar mod xieraq, u konformi mar-regoli proposti, il-funzjonijiet reliġjużi u dwar kif l-assemblea għandha tieħu sehem attiv f'dawn l-istess funzjonijiet. Dan il-Papa qaddis, kien tal-fehma li "l-Kristjaneżmu ma tilef xejn mill-qawwa tiegħu, iżda, fl-Insara naqsu sew il-fidi, it-tama u s-sens t'għaqda. Madanakollu permezz tal-Liturġija se jerġgħu jibdew jgħixu mill-ġdid".[105]

Dak li stqarr il-Papa Piju X, kien diġà parti essenzjali mill-ħidma tal-Moviment Liturġiku fuq dak li kien ilu jseħħ fl-ambjent monastiku Benedittin. Fil-fatt kienu l-monaċi ta' San Benedittu li, kull fejn kienu, minn dejjem taw importanza lit-tiġdid fil-Liturġija kif ukoll spinta biex il-parteċipazzjoni tal-Lajċi tkun sħiħa. Biżżejjed insemmu Solesmes fi Franza, Beuron u Maria Laach fil-Ġermanja, Montserrat u Silos fi Spanja, Oosterhout fl-Olanda u fuq kollox fil-Belġju li, fis-seklu XX sar iċ-Ċentru ewlieni tal-Moviment Liturġiku, l-aktar fl-Abbaziji ta' Maredsous, Keizersberg u Zevenkerken[106] u anke Schotenhof.[107] Kienu wkoll monaċi Benedittini dawk li, permezz tal-istess Moviment, mexxew kritika pożittiva dwar ċerta arkitettura, arti u mużika sagra fil-Knejjes u għalhekk fetħu laboratorji tal-arti, ċentri ta' tagħlim[108] u nedew pubblikazzjonijiet[109] bl-għan preċiż li joħolqu kuxjenza u jsiru r-riformi meħtieġa mhux biss fl-istrutturi arkitettoniċi u l-ispazji artistiċi fil-knejjes, imma wkoll biex isseħħ riforma radikali fl-oqsma kollha tal-Liturġija nkluża l-parteċipazzjoni sħiħa tal-assemblea.

## e) Żmien ta' tħejjija

Sinċerament nistqarr li xtaqt irnexxieli nikseb iktar tagħrif fuq it-tħejjijiet li saru qabel ma beda il-Konċilju Reġjonali, imma, kif diġà għidt ftit li xejn inkiteb, bħalma, wara kollox, f'dak li jirrigwarda s-Sinodi f'Malta u Għawdex. Imma, biex nagħti lil kulħadd dak li ħaqqu, fl-1979, il-Profs Rev. J. Bezzina kien ippubblika ktejjeb, ta' 31 paġna.[110] Ta' min jgħid li, fl-Arkivju tal-Kurja, hemm miġbura għadd ta' manuskritti, u dokumentazzjoni oħra fosthom Ċirkularijiet, kif ukoll pubblikazzjonijiet konnessi.[111] Jista' jkun ukoll, forsi, li ma fittixtx biżżejjed (sic!). Imma, ħa nkompli...

Aħna l-Maltin magħrufin li, fi ġrajjiet nazzjonali, naraw kif nagħmlu biex nifirħu u niċċelebraw, u ċertament iż-żjara tal-Kard. Lépicier, kienet okkażjoni tajba. Milli jidher, iżda, għall-bidu mhux biss ma kienx hemm xi ħsieb li jsiru dimostrazzjonijiet, anzi, aktarx li mal-wasla tiegħu kellu jintlaqa' b'forma privata.[112] Imma l-fatt li l-Kard. Lépicier,

personalità prominenti fil-Vatikan, kien se jiġi Malta bħala Legat tal-Papa, kien hemm minn, bħal Dr.H.Ganado li kien il-President Ġenerali tal-Azzjoni Kattolika u l-Editur tal-Ġurnal Leħen Is-Sewwa, wera x-xewqa li jorganizzaw dimostrazzjoni kif nafu nagħmlu aħna l-Maltin. Dr.Ganado, xi ġranet qabel il-wasla tal-Kardinal Lépicier, kellu jmur il-Kurja u ltaqa' ma' Monsinjur Gonzi. Ħin bla waqt, l-Isqof staqsieh: "M'intom se torganizzaw xejn biex tilqgħu lill-Kardinal Lépicier?"[113] Dr.Ganado kien pront wieġbu: "l-Arċisqof, milli jidher ma tantx iħobbhom id-dimostrazzjonijiet."[114] Mons.Gonzi, telaq u mar ikellem lill-Arċisqof u wara ftit ġie lura u qal lil Dr. Ganado: "Monsinjur Caruana ma jridx kumitati. Inkariga lilek bħala president tal-Azzjoni Kattolika, torganizza laqgħa sabiħa. Ara li toħroġ ta' raġel."[115] Dr. Ganado, minkejja li kien jonqos ftit jiem, feraħ, u minnufih beda jagħmel il-kuntatti meħtieġa biex il-membri tal-Azzjoni Kattolika jkunu minn ta' quddiem u jmorru l-Belt bi ħġarhom u jagħtu merħba xierqa lill-Legat tal-Papa u talabhom "jġibu magħhom il-fjuri, il-galjardetti u bandieri, eluf ta' bandieri bojod u ħomor, u bojod u sofor."[116] Ikkuntattja wkoll xi Baned fosthom iż-żewġ Baned ewlenin tal-Belt "King's Own" u "La Valette" li aċċettaw minn qalbhom u bla ħlas. Sadattant, Dr. Ganado talab l-għajnuna ta' sieħbu Dr. Joseph Flores, l-Arċisqof bagħtlu lil Mons. Enrico Bonnici biex jgħinu. Dr. Ganado kiteb ċar u tond "M'hemmx għalfejn ngħid li fhimt mill-ewwel għalfejn innominah. Tant aħjar."[117] Ħidmet Dr. Ganado ma kinitx mingħajr problemi u kwistjonijiet bla bżonn, din ukoll waħda mill-karatteristiċi tagħna l-Maltin, imma kif stqarr huwa stess: "Il-Kardinal Lépicier kellu f'pajjiżna laqgħa tal-għaġeb, kważi laqgħa eżaġerata. Il-pajjiż, imdejjaq bis-sitwazzjoni politika, mingħajr il-Parlament, ried bħal jiżvoga. U żvoga f'dimostrazzjoni enormi."[118]

### f) Il-wasla tal-Kard. Lépicier

Il-Legat tal-Papa, il-Kardinal Alessju Enriku M. Lépicier, beda l-vjaġġ tiegħu lejn Malta l-Ġimgħa 7 ta' Ġunju 1935. Huwa kien akkumpanjat minn Delegazzjoni Pontifiċja magħmula mill-E.T. Mons. Giuseppe Bruno, is-Segretarju tas-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju,[119] Mons. William Godfrey ir-Rettur tal-Kulleġġ Ingliż f'Ruma,[120] Mons. Giuseppe Calderari Ċerimonjier Pontifiċju, il-Markiż



**Il-wasla tal-Kardinal Lepicier fil-Port il-Kbir ta' Malta.**

Antonio Mattei "Cameriere di Cappa e Spada",[121] il-Konti Giuseppe Ceroni "Gentiluomo" tal-Kardinal[122] Patri Anacleto M.Brasa O.S.M. Segretarju u żewġ Konversi[123] mill-Ordine dei Servi di Maria: fra Paolino e fra Mariano li kienu għas-servizz tal-Kardinal. Waqt li kienu Malta kienu jaqdu wkoll il-bżonnijiet tad-Delegazzjoni Pontifiċja.[124]

Xieraq jingħad li l-Markiż A. Mattei[125] kien iben il-politiku Malti l-Avukat Alfredo Mattei "Cameriere di Cappa e Spada" tal-Q.T. il-Papa, u ħabib kbir ta' Padre Taucci.[126] Il-Papa San Piju X, barra li kien ħatar lill-Avukat Mattei (il-missier) bħala Ċambellan tiegħu kien tah ukoll it-Titlu ta' Markiż,[127] titlu li ma' mewtu intiret minn ibnu.

Il-Kardinal Legat u d-Delegazzjoni tiegħu, imbarkaw f'Napli, fuq il-vapur *Firenze* tas-Società di Navigazione "Tirrenia". L-għada, is-Sibt 8 ta' Ġunju, il-*Firenze*, daħal u trakka fil-port ta' Sirakuża għall-ħabta tat-8.00 ta' filgħodu. Ta' min jgħid li kemm f'Napli kif ukoll f'Sirakuża, il-Kardinal, bħala Rappreżentant tal-Papa, ingħata merħba kbira mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi, ċivili u militari u kellu laqgħa speċjali mal-ħaddiema tax-Xatt. Il-*Firenze*, salpa minn Sirakuża madwar siegħa wara.[128] Il-vapur baħħar lejn Malta u daħal fil-Port il-Kbir, il-Belt, dakinhar stess, is-Sibt 8 ta' Ġunju 1935.[129] Dakinhar[130] skont il-Ġurnal *MALTA* "Sa minn filgħodu kmieni l-Belt qamet imħeġġa u mżejna bil-bnadar. Wieħed seta' jara biss bnadar Nazzjonali u tal-Papa. L-uċuħ kienu jixhdu li kien hemm stennija għall-ġrajja eċċezzjonali li se timla qlub kulħadd bil-ferħ."

Il-wasla tal-Kardinal, kien mument kommoventi taħt kull aspett.[131] Sa mit-3.00 ta' wara nofsinhar mijiet ta' nies marru l-Barrakka ta' fuq u t'isfel u kien hemm minn mexa minn taħt Blata l-Bajda sax-Xatt tal-Belt jew marru lejn il-Belt billi għaddew mill-Furjana. Mijiet ta' nies oħra ħonqu s-swar fuq iż-żewġ naħat tal-Port il-Kbir, jew ħarġu fuq il-bjut ta' djarhom jistennew il-vapur *Firenze*, itajjar il-bandiera tal-Papa u mżejjen b'festuni ta' kull kulur għall-okkażjoni, li fuqu kien hemm il-Kardinal. L-entużjażmu tal-folla li infexxet f'għajjat ta' ferħ ta' "Viva l-Papa"u ċapċip li jtarrax, akkumpanjat minn tixjir ta' bnadar ta' Malta u tal-Papa, kompla jiżdied hekk kif il-vapur, għall-ħabta tal-4.00 ta' wara nofsinhar, qabeż il-moll, u beda dieħel 'il ġewwa bil-mod il-mod. Madwaru bdew iduru dgħajjes ta' kull tip imżejnin, filwaqt li l-laneċ u l-vapuri u vapuretti bdew isaffru s-sireni. Bdew jinstemgħu l-baned idoqqu mill-idwar – kien hemm anke waħda fuq barkun fil-Port[132] – u l-qniepen tal-knejjes tal-Belt, tat-Tliet Ibliet u ta' Malta kollha instemgħu jdoqqu moti ferrieħa.[133] Il-vapur *Firenze*, waqt id-daħla tiegħu fil-Port kien eskortat minn żewġ "*Destroyers*" il-*Witch* u l-*Whiteshed*, li ntbagħtu jilqgħuh mill-Logotenent Gvernatur Sir Harry Luke,[134] bħala ġieħ uffiċjali lill-Em.T. il-Kardinal Legat tal-Papa.

Minkejja din il-merħba kbira, jidher li bosta baqgħu diżappuntati għax stennew li mad-daħla fil-Port, il-vapur jintlaqa' bl-unuri militari permezz tas-salut ta' 21 tir, li soltu jingħata lil kull Rappreżentant ta' Stat Sovran li jżur Malta. Skont Ganado, ir-rappreżentanti tal-Gvern Ingliż f'pajjiżna (il-Gvern Kolonjali) irrifjuta li jagħti s-salut li kien jixraq lill-Kardinal Lépicier li kien ġie Malta bħala Legat tal-Papa u għalhekk Rappreżentant uffiċjali tal-Q. T. Il-

Papa[135] L-organizzaturi, li ħejjew għall-wasla tal-Eminenza Tiegħu, li kienu mmexxija mill-Avukat Ganado, ħasbu minn qabel biex xorta waħda, Malta ssellimlu u tagħtih il-ġieħ mistħoqq u "l-Kardinal daħal qalb is-salut ta' 21 murtal sparati mill-Isla..."[136]

Hekk kif tlestew il-manuvri kollha tal-ankrar u l-irbit tal-vapur quddiem id-Dwana, l-ewwel ma telgħu abbord fuq il-vapur, kienu l-Arċisqof Mawru Caruana OSB – Isqof ta' Malta u Mons. Mikiel Gonzi – Isqof ta' Għawdex, li sellmu u raddew ħajr lill-Em.Tieghu u wasslulu t-tislijiet tal-Kleru u tal-Poplu Malti.[137]

Fil-5.00 ta' wara nofsinhar, il-Kardinal Legat u d-Delegazzjoni Pontifiċja, niżlu minn fuq il-vapur u b'lanċa twasslu sad-Dwana mżejna bi bnadar u festuni. Kif niżel l-art, il-Legat tal-Papa *a latere*, il-Kardinal Alessju Enriku M. Lépicier O.S.M., akkumpanjat mill-Isqfijiet, intlaqa' mill-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef Sir Arturo Mercieca u mill-Brigadier General Samuel Faulkner[138] li kien qed jirrappreżenta lill-Qawwiet Armati Ingliżi f'Malta. Warajhom resqu: il-Vigarju Ġenerali Mons. Paolo Galea li mexxa delegazzjoni mill-Kapitlu tal-Katidral; personalitajiet ewlenin fosthom is-Segretarju tal-Gvern Sir Edoardo R. Mifsud u l-ex Prim Ministru Sir Ugo Mifsud; rappreżentanti tal-Ordni tal-Kavallieri ta' Malta u tal-Kamra Pontifiċja; delegazzjoni numeruża mill-Azzjoni Kattolika kif ukoll rappreżentanti mill-Korpi Kostitwiti kollha.[139]

Il-laqgħa uffiċjali tkompliet billi l-Em.Tiegħu kien mistieden jispezzjona l-Gwardja tal-Unur magħmula minn suldati Maltin membri tal-*King's Own Malta Regiment*.[140] Fl-1935, l-imsemmi Riġment kien taħt it-tmexxija tal-Logotenent Kurunell P. R. Worrall. Il-Kardinal ma naqasx ukoll li jersaq u jsellem b'mod informali għall-aħħar, lill-folla numeruża u ferrieħa. [141]

Barra mid-Dwana, il-Kardinal Lépicier sab *Landau*[142] miġbuda minn erbat iżwiemel sbieħ u flimkien maż-żewġ Isqfijiet beda t-triq tiegħu lejn il-Belt.[143] Ma kinitx ħaġa faċli għall-kuċċier li jikkontrolla liż-żwiemel qalb dik il-folla ċċapċap u xxejjer il-bnadar. F'ħin minnhom, ir-riedni, miġbudin bil-forza, ma felħux iktar u waħda minnhom tqaċċtet u l-karrozzella waqfet f'nofs ta' triq. Qam agħa sħiħ għax il-folla trasset iktar qrib il-karrozzella. Wara kwarta iżda, ir-riedna ssewwiet u l-karrozzella kompliet fi triqtha lejn il-Belt. [144] Minħabba fil-massa kbira tan-nies, il-qawwiet għaż-żamma tal-ordni kellhom jindaħlu kemm-il darba biex iħallu lill-Kardinal Legat u l-*entourage* tiegħu jgħaddu mingħajr xkiel. "Kienet dimostrazzjoni mill-ikbar li qatt saru, u quddiem San Ġwann, il-folla b'fanatiżmu esaġerat, kisret il-kurduni tal-pulizija u lil Lépicier kienet għoddha fgatu".[145] Minn hawn u minn hemm, irnexxielu jasal sa Misraħ San Ġwann fejn hemmhekk ukoll sab jistennewh mijiet ta' nies ta' kull età u familji sħaħ - anki ġenituri bit-trabi f'dirgħajhom - li daħlu l-Belt bi ħġarhom biex isellmulu u jagħtuh ġieħ. Qabel ma tela' t-taraġ ta' quddiem San Ġwann "il-Kardinal kien jidher kommoss meta ġie ppreżentat żewġ bukketti: wieħed ta' ward abjad u isfar u l-ieħor ta' ward abjad u aħmar. Wara li bierek il-folla numeruża u daħal fil-Konkatidral ta' San Ġwann,"[146] fejn wara li jingħata t-Tislima formali taż-żewġ Djoċesijiet jkun preżentat uffiċjalment lill-Maltin kollha permezz tal-Ittri Appostoliċi.

### ġ) Tislima lill-Kard.A.E.M. Lépicier – Legat tal-Papa *a latere*

Anki ġo San Ġwann "mimli b'għadd kbir ta' nies iċapċpu u jgħajtu bit-Taljan *Viva il Papa! Viva il Cardinale Legato!*, l-Em.T. il-Kardinal Lépicier qajla seta jgħaddi biex jitla' u jsib postu fuq l-Altar Maġġur".[147]

Iċ-ċerimonja bdiet bil-qari tal-Ittri Appostoliċi[148]li permezz tagħhom, il-Papa, ta l-kunsens tiegħu biex seta' jitnieda l-Konċilju Reġjonali ta' Malta u fl-istess ħin jagħmel pubblika, il-ħatra tal-Kard. Lépicier biex bħala Legat Tiegħu *a latere*, jippresiedi l-istess Konċilju. L-Ittri Appostoliċi li l-Papa Piju XI bagħat lill-Kardinal Lépicier inqraw mill-Isqof t'Għawdex Mons. M. Gonzi.

Minħabba l-importanza ta' dan id-Dokument Pontifiċju, ħassejt li tkun ħaġa sewwa li naqleb mil-Latin[149] għall-Malti dawn l-Ittri Appostoliċi.

## Ittri Appostoliċi

Lill-għażiż iben tagħna l-Em. T. Rev.ma Alessju Enriku Maria Lépicier Kardinal Qassis bit-Titlu ta' Santa Susanna u Prefett tas-Sagra Kongregazjoni tar-Reliġjużi.

Il-Papa Piju XI

Għażiż Ibni nsellmulek u nagħtuk il-Barka tagħna.

Huwa fl-interess, u fuq kollox dover tagħna bħala missier, li mmexxu kull inizjattiva li twassal għas-salvazzjoni eterna tal-erwieħ u għat-tkattir tar-Reliġjon Kattolika. Malli sirna nafu li, skont ix-xewqa tagħna u b'inizjattiva tal-istess Isqfijiet, dalwaqt se jsir Konċilju, fiż-żewġ Djoċesijiet ta' Malta u ta' Għawdex, fraħna bil-kbir għax huwa sinjal qawwi ta' attenzjoni pastorali qawwija.

L-argumenti, mbagħad, proposti għad-diskussjoni fl-istess Konċilju, huma tant serji u importanti li jidhru mmirati biex fuq kollox titħares ir-Reliġjon Kattolika. B'mod partikolari jittrattaw dwar kif, qabel xejn, b'rieda soda, għandha titħares il-ħajja spiritwali u l-qdusija tal-Kleru, ir-reqqa u l-attenzjoni tar-rwol tal-ġenituri fir-relazzjonijiet tagħhom mal-ulied, u biex l-Azzjoni Kattolika tikber u titkattar fost il-lajċi. Aħna napprovaw dawn il-proposti għaqlija u ninkoraġġuhom u nirrikmandawhom.

Peress li kemm id-Djoċesi ta' Malta kif ukoll t'Għawdex, jiddependu direttament mis-Santa Sede, bil-qalb kollha lesti nippresiedu l-Konċilju mistenni permezz ta' Legat tagħna.

Għalhekk, lilek dehen iben tagħna, li fik tant jispikkaw il-ħeġġa spiritwali u l-fedeltà lejn it-Tagħlim Sagru, kif ukoll għall-ħila fi kliemek u l-għaqal li bih tippresiedi l-Kunsill tal-Kardinali tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Reliġjużi, b'din l-Ittra, kif diġà ħabbarna, qed nagħżluk u naħtruk bħala Legat Tagħna, biex tirrapreżentana, u f'isimnA u bl-awtorità Tagħna Inti tippresiedi l-laqgħat tal-Konċilju li se jsir fil-Gżejjer Maltin".

Aħna ċerti li minn dan il-Konċilju se jinkisbu benefiċċji kbar u għajnuna tajba għas-salvazzjoni, għall-prosperità u għad-dinjità tal-poplu Malti.

Filwaqt nitolbu l-għajnuna t'Alla, biex jagħni bil-grazzja tiegħu u jdawwal l-imħuħ ta' dawk kollha li se jieħdu sehem, u jilqa' l-intenzjonijiet komuni, Lilek, Iben għażiż tagħna, lid-distinti Isqfijiet ta' Malta u t'Għawdex, lill-Kleru u lill-fidili kollha taż-żewġ Djoċesijiet, b'imħabba kbira nagħtu l-Barka Appostolika tagħna."

Maħruġa f'Ruma, f'San Pietru, nhar it-8 ta' Mejju 1935, festa tas-Solennità ta' San Ġużepp, l-14-il sena tal-Pontifikat tagħna.

Qabel ma nkompli ngħid dwar iċ-Ċerimonja fil-Konkatidral ta' San Ġwann, nixtieq nagħmel aċċenn fil-qosor biex niċċara żewġ punti minn dak li hemm fl-Ittri Appostoliċi t'hawn fuq. 1) Dwar il-ħatra tal-Kardinal Lépicier: Il-Papa Piju XI kien ħatru bħala Legat tiegħu għall-Konċilju Reġjonali ta' Malta fit-8 ta' April 1935.[150] 2) Dwar l-Azzjoni Kattolika u għaliex għoġbu jagħmel enfasi fuqha: l-Azzjoni Kattolika kienet ħafna għall-qalb il-Papa għaliex kien l-istess Papa Piju XI li riedha u nedieha fl-1922. Din kienet l-ewwel Enċiklika tiegħu, u kitibha għaxar xhur wara li sar Papa.[151] F'Malta bdiet mill-Prof. Patri Danjel Callus O.P. fil-5 ta' April 1929. Wara li li kienu ġew approvati l-Atti tal-Konċilju Reġjonali ta' Malta - 1935, l-Isqfijiet ta' Malta u t'Għawdex, ordnaw li kull Parroċċa għandu jkollha Ċirkolu tal-Azzjoni Kattolika.[152] Wara din il-preċiżazzjoni ħa nkompli nikteb fuq it-tislima uffiċjali li ngħatat lill-Kardinal Lépicier, f'San Ġwann nhar it-8 ta' Ġunju 1935, filgħaxija.

Wara l-qari tal-Ittri Appostoliċi mill-Isqof M.Gonzi, qam Mons. Arċisqof M.Caruana OSB, u filwaqt li ta merħba formali lill-Legat tal-Papa, għamel indirizz qasir, iżda imqanqal u ħiereġ mill-qalb f'isem il-poplu u l-Kleru[153] kollu ta' Malta u ta' Għawdex. Għar-raġunijiet ta' spazju se nislet biss xi paragrafi mid-diskors tal-Arċisqof.

Mons. Caruana beda biex sellem formalment, lill-Kardinal Legat, f'ismu u f'isem "ħija Mons.Isqof ta' Għawdex" kif ukoll f'isem il-Kleru u l-poplu taż-żewġ djoċesijiet, f'isem dawk preżenti u dawk li kienu magħqudin fl-ispirtu. Wara kellu kliem ta' tifħir u ta' Radd il-Ħajr għall-Papa, kif ukoll sellem u wera sentimenti ta' stima lejn l-Em. Tiegħu u qallu li l-poplu Malti bil-laqgħa li tah "sa mid-dħul tiegħek fil-Port tagħna" wera l-apprezzament għall-preżenza tiegħu fostna.

"Imma dak li jiena ma nistax ma ngħidx, huma r-raġunijiet għaliex aħna daqshekk ferħanin, jiġifieri: dak li aħna nafu fuqek u dak li qed nistennew minnek."[154]

L-Arċisqof indirizza direttament lill-Kardinal Lépicier u faħħru għall-ħiliet varji tiegħu.

"Kemm aħna kburin li tinsab fostna u qalbna qabżet bil-ferħ mill-mument li sirna nafu bl-għażla tiegħek".[155]

"Int ġejt fostna biex taħdem magħna, biex tgħinna f'biċċa iebsa tal-ministeru pastorali tagħna, fil-kumpilazzjoni tad-digrieti tal-Konċilju Reġjonali Malti, li bihom il-fidi għandha tissaħħaħ, il-moralità tal-pajjiż tgħaddi għall-aħjar, tiżdied id-dixxiplina: f'kelma waħda, il-ħajja nisranija tal-pajjiż tiġġedded. Minn hekk nistennew id-dawl, il-qawwa u l-għajnuna."[156]

Mons.M.Caruana fakkar li:

"Dawn l-artijiet imbierka, hekk kif l-Appostlu Pawlu nissel fihom iż-żerriegħa tal-Fidi f'Ġesù Kristu, komplew jikkoltivawha tul iż-żmien, minkejja l-għawġ minsuġ mal-istorja ta' pajjiżna li gawdiet ukoll minn grazzji kbar tas-sema – li aħna dejjem inqisu li ngħatawlna bl-interċessjoni qawwija tal-Imqaddsa Verġni Marija u ta' San Pawl – il-Protetturi tagħna fis-sema. Fil-kuntest tal-istorja tagħna, jiena nħoss, u ħadd ma jista' jiċħad, li l-miġja tiegħek fostna hija tassew providenzjali".[157]

L-Arċisqof Caruana radd ħajr lil Alla u qal li żgur kien se jkun t'għajnuna f'din l-okkażjoni filwaqt li wera t-tama li, l-Ispirtu s-Santu "...jsawwab il-grazzji spiritwali tiegħu, idawwal l-imħuħ u jħejji l-qlub biex il-Konċilju jilħaq għanijietu u jkun ta' ġid."[158]

Fi tmiem id-diskors tiegħu l-Arċisqof M.Caruana awgura lill-Kardinal Legat, biex imsaħħaħ bl-għajnuna ta' Protetturi daqstant qawwija u mdawwar b'tant ulied ta' rieda tajba jinsa l-hemm u n-nuqqasijiet li "...dejjem jakkumpanjaw kull ħaġa li ssir għall-glorja t'Alla u għall-ġid tal-bnedmin; ibda minnufih il-ħidma tiegħek imsejsa fuq l-għerf u t-tjubija: u aħna nħossuna iktar trankwilli..."[159]

Iċ-ċerimonja ta' merħba intemmet bit-tweġiba tal-Kardinal Lépicier li għamel diskors imdaqqas u għalhekk, bħalma għamilna bid-diskors tal-Arċisqof M.Caruana OSB, se nagħti biss xi siltiet.

Il-Kardinal Lépicier, wera bi kliem meqjus il-ħiliet tiegħu fuq l-Iskrittura u fuq id-Dottrina tal-Knisja. Huwa qal li waqt li l-vapur tiegħu kien dieħel fil-Port, ftakar fil-vjaġġ drammatiku li għamel San Pawl sakemm wasal f'Malta u rrefera għal dak li hemm fl-Atti tal-Appostli dwar il-mod kif il-Maltin laqgħu lill-Appostlu San Pawl. Tkellem fuq il-premura li wera l-Appostlu biex ixettel il-Fidi "li kienet qawwija fih" fost il-Maltin. Diki l-istess Fidi li meta telaq minn Malta lejn Ruma xtaq li tinxtered ukoll fil-Belt Eterna.

"Kattoliċi Maltin, jekk il-fidi tagħkom, bħalma kienet dik tal-ewwel Insara f'Ruma, minn dejjem kienet l-għaxqa tal-poplu tagħkom, ma nkunx qed niżbalja jekk ngħid li kienet grazzja mis-sema bl-apprezzament u bl-interċessjoni ta' San Pawl li baqa' dejjem iżommkom taħt il-ħarsien tiegħu."[160]

Il-Kardinal Legat żied jgħid li, din il-Missjoni tiegħu, tixhed il-kontinwità tar-rabta bejn Ruma u Malta permezz ta' San Pawl kif ukoll mas-suċċessur ta' San Pietru:

"Il-Papa bagħatni biex għan-nom tiegħu mmexxi dan l-Ewwel Konċilju Solenni Reġjonali billi, permezz ta' din il-missjoni personali li fdali huwa jrid ikun moralment preżenti fostkom."[161]

Il-Papa, li bl-awtorità tiegħu u f'ismu, bagħtu biex jippresiedi l-Ewwel Konċilju Reġjunali ta' Malta. Fakkar b'liema għożża l-Papa jħobb lil Malta, l-aktar minħabba li ż-żewġ Djoċesijiet ta' Malta u ta' Għawdex jiddependu, b'mod "partikolarment intimu u dirett" mill-awtorità mmedjata tas-*Santa Sede*. Ikompli jelabora fuq kemm il-Papa "jikkunsidra lill-Maltin bħala l-għeżeż minn fost uliedu" għaliex irid jara li dak li qed jagħmlu tajjeb "jitjieb u jagħmluh aħjar"; "dak li hu qaddis ikompli jitqaddes". Il-Papa, qal il-Kardinal Legat, irid jara li t-twemmin Nisrani li l-Maltin ħaddnu tul is-snin iqabbad għeruqu iktar fil-fond kemm materjalment kif ukoll spiritwalment, u għalhekk lest jgħin biex dan iseħħ.

"Dan hu l-għan, dan hu l-ħsieb, u dan se jkun, kif nittamaw, il-ġid minn din il-ġrajja straordinarjament

solenni fil-ħajja tal-Knisja Maltija tagħkom, li se jinkiseb permezz ta' dan il-Kunċilju Reġjonali".[162]

B'riferenza għall-punti imsemmija fl-Ittri Appostoliċi, il-Kardinal Lépicier, jieqaf fuq tlieta: il-qdusija tal-Kleru, id-doveri tal-Ġenituri u l-Azzjoni Kattolika, li skont hu, huma "l-programm" tal-Kunċilju Reġjonali.

"Il-Papa qabel xejn iqis *il-qdusija tal-Kleru* bħala l-qofol tal-ħajja tal-Knisja. Jekk il-qdusija hija l-kwalità mistennija minn kull poplu Nisrani, kemm aktar b'mod speċjali mistennija minn dawk li jħaddnu is-Saċerdozju Kattoliku. Itolbu bil-ħrara kollha lill-Missier tagħna fis-sema biex is-Saċerdoti tagħkom jikbru fil-qdusija li suppost diġà qed jgħixu, peress li huma mogħnija bis-Saċerdozju etern ta' Ġesù Kristu nnifsu".

"It-tieni l-Papa jirreferi għar-*rwol tal-Ġenituri*, li jfisser it-twettiq tal-missjoni msawba fuqhom minn Alla. Min jista' jifhem aħjar il-valur għoli tal-familja, xi tfisser tassew il-missjoni mogħtija lill-Missier u lill-Omm mill-Awtur ta' kull ġid biex "iwelldu qaddisin", biex irawmu persuni konxji bis-sbuħija tas-sewwa u tat-tjubija li tnissel sens ta' nobbiltà aqwa minn dik tad-demm jew tar-razza; min, ngħid jien, jista' jifhem dan id-dover aħjar minnkom, ja Poplu Malti, li għandkom storja epika, spiss erojka, imsejsa fuq il-fidi Kattolika?"

"Fl-aħħar nett, il-Papa jixtieq li tikber u titkattar fostkom l-*Azzjoni Kattolika*. U xi tfisser l-Azzjoni Kattolika jekk mhux li tixxettel l-imħabba fost il-poplu Nisrani, bil-membri tagħha flimkien mal-Kleru iħossuhom magħqudin biex jiddefendu dak kollu li jħares ġieħ Ġesù Kristu, is-salvazzjoni tal-erwieħ... ħalli l-poplu Malti, pajjiż Kattoliku per eċċellenza ikun jistħoqqlu tabilħaqq dak li l-Q.T. il-Papa Piju XI qal lill-Insara tassew, meta għamel tiegħu kliem San Pietru: 'Ja Maltin, intom kontu, iżda tridu tkomplu tkunu iktar minn qatt qabel, xirka ta' qaddisin, saċerdozju irjali'!"[163]

Il-Kardinal Legat tal-Papa, stqarr li "ma nħossnix strangier sa barra, fostkom" meta rrefera għall-ħbieb tiegħu Maltin, ewlenin fosthom l-Arċisqof ta' Malta li kien iltaqa' miegħu l-ewwel darba fl-Abbazija Benedittina ta' Fort Augustus, fl-Iskozja u l-Isqof t'Għawdex li kien student fil-Kulleġġ Beda, f'Ruma. Semma wkoll l-għadd ta' "Terzjarji Servi ta' Marija Maltin, li permezz tad-devozzjoni tagħhom lejn id-Duluri huma ħaġa waħda mal-Ordni tas-Seba' Qaddisin Fundaturi" tal-Ordni li huwa jappartjeni. Semma' wkoll lill-Mons. Roberto Costaguti O.S.M. u s-sehem tiegħu mit-twaqqif, l-organizzazzjoni u r-regolamenti tal-Università ta' Malta. Tenna li

"....il-Papa qed jistenna ħafna, għaliex meta huwa jfassal programm "għall-merħla tiegħu" jaf li wara kollox hemm l-Ispirtu s-Santu li jagħti ħajja lill-Knisja u jħajjar lill-Insara għax għandhom prospettivi sbieħ quddiemhom, iqanqal enerġiji ġodda li jsaħħu l-fidi, it-tama u l-karità, jgħin fil-prattika tal-virtujiet morali kollha li jgħollu lill-bniedem tant li jkun jistħoqqlu jitħabbeb m'Alla".[164]

Fi tmiem id-diskors tiegħu il-Kardinal Lépicier ħeġġeġ lil kulħadd biex jilqa' l-istedina li qed jagħmel il-Mulej. Kif ukoll biex il-poplu Malti kollu jirrikorri fiduċjuż, bħalma dejjem għamel, quddiem il-"Verġni Sabiħa, Marija, Omm Alla, Medjatriċi tagħna u Korredentriċi tal-Ġens uman.

"Inħossni kburi li, bħala "Serv ta' Marija", se nkun jien, li issa qiegħed inkellimkom, li se nafda f'idejn l-Imqaddsa Protettriċi tagħkom il-ħidma li se ssir biex jinkiseb l-aqwa u l-aħjar tiġdid reliġjuż possibbli, meta, bħala għeluq ta' dawn il-jiem tal-Kunċilju, f'isem il-Papa ta' Ruma, se nkun qed ninkuruna, fil-Bażilka tal-Madonna Mtellgħa s-Sema, fl-Għarb, ir-Reġina Sabiħa tas-Sema u Reġina tal-Poplu Malti kollu!"[165]

Iċ-ċerimonja ntemmet bil-Barka Papali mill-Kardinal A.E.M. Lépicier, li kif ħareġ mill-Konkatidral ta' San Ġwann reġa' rikeb il-karrozzella li wasslitu sal-Palazz tal-Isqof, fil-Belt stess, fejn kien se jkun residenti.



**Sfilata ta' karozzi dieħla takkumpanja l-karozzella tal-Kardinal Lepicier fil-Belt Valletta.**

## ħ) Ċerimonja tal-Ftuħ

Il-ftuħ solenni tal-Kunċilju Reġjonali sar l-għada, 9 ta' Ġunju 1935, Jum l-Għid il-Ħamsin. Mill-Kurja tal-Arċisqof telqet purċissjoni kbira li mxiet lejn il-Konkatidral ta' San Ġwann.[166] Għall-ħabta tat-8.00 ta' filgħodu, il-Kleru sekulari kollu tal-Belt, il-Kapitlu tal-Katidral u l-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu lebsin l-ilbies tal-kor, ħarġu mill-Konkatidral u rħewlha lejn il-Palazz tal-Isqof minn fejn bdiet il-purċissjoni .[167] Fil-Purċissjoni, il-Kardinal Legat A.E.M. Lépicier kien akkumpanjat mill-Arċisqof M. Caruana u l-Isqof M. Gonzi flimkien ma' ġerarkija Ekkleżjastika Maltija u Għawdxija, dawk mistiedna biex jieħdu sehem fil-Kunċilju,[168] flimkien ma' membri ta' xi Kapitli oħrajn. Hawn ta' min jgħid li, għalkemm kienu ġew mistiedna l-Kapitli kollha tal-Kolleġġjati ta' Malta u Għawdex, skont Ganado, uħud minnhom ma ħadux sehem "minħabba l-preċedenza. Kien il-veru skandlu".[169]

Bħal fil-jum ta' qabel, folol kbar daħlu l-Belt sa minn kmieni u nġabru quddiem San Ġwann biex jilqgħu lill-Kardinal Legat tal-Papa. Mons.Ġużeppi Lupi, li diġà slitna xi vrus mill-Awtobiografija tiegħu, dik is-sena kien għadu s-Seminarju qed iħejji biex isir Saċerdot. Dak in-nhar kien preżenti f'San Ġwann u fil-ktieb tiegħu jiddeskrivi b'mod sempliċi, u fil-qosor, mexxej anke jekk dettaljat, dak li seħħ mal-wasla tal-Kardinal: "...aħna s-seminaristi konna qed nistennew il-Kardinal kif soltu konna nistennew lill-Arċisqof ħdejn il-bieb tal-Knisja, iżda l-folla li ppruvat tidħol San Ġwann wara l-Kardinal, lilna s-seminaristi kaxkritna magħha, iżda ħadd ma weġġa'; kulħadd kien ferħan u kien hemm min qal li dik id-dimostrazzjoni li saret lill-Kardinal

kienet tpattija għad-dimostrazzjoni ostili li kienet saret lill-Arċisqof nhar Għid il-Ħamsin, meta l-kwistjoni politika-reliġjuża kienet fl-aqwa tagħha."[170]

Fil-Kon-katidral, mimli bin-nies, ingħata bidu għall-Ewkaristija bil-kant tat-Terza, u[171] saret il-Quddiesa Pontifikali li tmexxiet minn Mons. M. Gonzi, Isqof ta' Għawdex, fil-preżenza ta' Mons. Arċisqof M. Caruana OSB, u l-Em.T. il-Legat tal-Papa l-Kard. H. Lépicier, li assista mit-Tron.[172] Hekk kif intemmet il-Quddiesa Pontifikali, sar it-Talb ritwali skont kif preskritt mill-Pontifikal Ruman u miċ-Ċerimonjal għaċ-Ċelebrazzjoni tal-Konċilju għal waqt il-ftuħ tal-Konċilju, u wara l-Legat Appostoliku għamel id-Diskors inawgurali.[173]

Ngħid bil-quddiem, li d-Diskors twil ħafna, tant li ħassejt li, anki jekk nillimita ruħi u nislet biss xi siltiet minnu, nibża' li nkun qed intawwal iżżejjed u forsi ndejjaq ukoll lil dak li jkun.

M'għandniex xi ngħidu li, id-Diskors sabiħ immens, mimli tagħlim u fih hemm ħafna x'wieħed jogħmod, għax il-Kardinal Lépicier, b'għerf, għaqal u kliem meqjus, laqat ras il-musmar, kif ngħidu, tal-problemi u tan-nuqqasijiet kif ukoll id-diffikultajiet kollha li kienu ilhom qed jiffaċċjaw id-Djoċesijiet ta' Malta u t'Għawdex. L-Em. Tiegħu, b'ton deċiż, sod u qawwi iżda b'delikatezza kbira, qanqal punti importantissimi għall-finijiet tal-Konċilju nnifsu, indirizzati fil-parti l-kbira lill-Kleru kollu, mill-kbir saż-żgħir, u minkejja t-ton paternalistiku, ta' "missier" li tassew xtaq jara imġiebet uliedu aħjar, kemm fuq bażi personali kif ukoll mill-aspett pastorali, kliemu kien konċiż u kategoriku u kellu pjuttost bixra ta' twissija.

Fl-introduzzjoni, elaborata imma ċara, il-Kardinal sejjes il-messaġġ tiegħu fuq kliem San Pietru: "Nitlob lill-presbiteri li hemm fostkom, bħala presbiteru jien ukoll u xhud tat-tbatijiet ta' Kristu, u bħala wieħed li għandu sehem mill-glorja li għad trid tidher: irgħu l-merħla t'Alla fdata f'idejkom"[174]. Skont il-Kardinal, kliem San Pietru kien profetiku u ma kienx indirizzat biss lill-ewwel Insara u seta' għalhekk ikun applikat għall-Isqfijiet, għall-Kleru u għall-poplu kollu ta' Malta li huwa wkoll parti sħiħa mill-"merħla" t'Alla.

Id-Diskors l-ewwel ma jirreferi għad-"Doveri tar-Rgħajja" (=l-Isqfijiet u l-Kleru) li jridu jwettqu l-missjoni tagħhom b'mod sħiħ u bla kundizzjonijiet. Jagħti dettalji dwar "Il-Predikazzjoni u l-Katekiżmu" tant meħtieġa fiż-żmien meta kienu jinħassu sewwa n-nuqqas ta' tagħrif u l-indifferenza fir-rigward tal-veritajiet tal-Fidi u qajla kien jingħata importanza lit-tagħlim tal-Knisja (Katekiżmu) l-aktar fost it-tfal ċkejknin. "Iċ-Ċelebrazzjonijiet Sagri"[175] speċjalment dawk marbutin mal-veritajiet tal-Fidi, għandhom ikunu mezz biex titkattar id-devozzjoni tal-fidili lejn il-misteri qaddisa tar-Reliġjon Kattolika. "Opri tajba" li għeruqhom jinsab fil-karità nisranija imsejsa fuq it-tagħlim ta' Ġesù u, għal dan il-għan, għandhomu jinħolqu ċentri assistenzjali fuq bażi djoċesana u parrokkjali. It-tkattir tal-imħabba lejn l-Ewkaristija, tad-devozzjoni lejn il-Madonna u lejn l-Għarus kastissimu tagħha San Ġużepp, il-Patrun tal-Knisja Universali, "huma strumentali biex il-poplu jiġġedded spiritwalment u jkun iktar prattikanti". "It-Trawwim tal-Kleru" b'riferenza għall-importanza li sa miż-żmien tat-tħejjija l-kandidati għas-saċerdozju jkunu mgħallma u mħarrġa sewwa. "Trawwim fis-Suġġetti Sagri" biex is-Saċerdoti jrawmu Fidi soda u Ħajja Spiritwali tassew. Għalhekk isemmi d-Dommatika, li tistudja l-veritajiet tal-Fidi; il-Morali, bil-firxa kollha tagħha; l-Axxetika, li ssaħħah l-oqsma tal-virtujiet; il-Mistika li tagħni u tqawwi t-talb u l-għaqda m'Alla. "L-eżempju tar-Rgħajja" jenfasizza kif il-ħajja – ekkleżjastika u spiritwali tal-Isqfijiet trid tkun ta' mudell għall-bqija tal-Kleru. "Sottomissjoni tal-Lajċi lejn l-Isqfijiet u s-Saċerdoti" riferenza oħra għal dak li kiteb San Pietru[176] fejn jisħaq li l-Lajċi huma wkoll parti mill-Knisja u għall-ġid tagħha jridu "jobdu lill-Ġerarkija". Il-Kardinal iħeġġeġ ukoll lill-Isqfijiet biex jaraw li l-awtorità tagħhom tkun rispettata, mhux biex jaħkmu imma biex "jobdu lill-Ispirtu s-Santu" li ħatarhom biex imexxu l-Knisja t'Alla. "Prattika tal-umiltà" mezz biex l-Isqfijiet u l-Kleru, filwaqt li jagħtu l-eżempju jħarsu l-bon ordni, is-sliem u l-għaqda tal-komunità fdata lilhom. "Kuraġġ" fil-mumenti ta' qtiegħ il-qalb. L-Isqfijiet u s-Saċerdoti jridu jirrikorru għand Alla li dejjem huwa lest jgħin "b'imħabba tal-Omm" u żgur mhu se jħalli lil ħadd waħdu. "Għassa fuq is-Setet" li dak iż-żmien f'Malta kienu qed iqabbdu għeruqhom. Għalhekk iwissi lill-isqfijiet u lill-Kleru biex "ma jorqdux u jżommu għajnejhom miftuħin", iħeġġiġhom biex jishru u jitolbu lill-Ispirtu s-Santu, lill-Madonna u lill-Qaddisin Protetturi ta' Malta. Bħalma fil-bidu sellem lill-Isqfijiet, il-Kardinal Lépicier temm id-Diskors tal-ftuħ tal-Konċilju b'awgurju lill-istess Isqfijiet:

"Jiena ċert li r-riżoluzzjonijiet li se joħorġu minn dan il-Konċilju li qed jinfetaħ illum bi prospettivi tant sbieħ, se jkunu milqugħa mill-ulied spiritwali tagħkom, b'dik l-istess fidi li urew b'mod daqstant ċar u sinifikattiv meta lkoll laqgħu b'mod tassew spontanju u sabiħ lir-Rappreżentant tal-Q.T. il-Papa fostkom".[177]

Iċ-Ċerimonja tal-ftuħ tal-Konċilju Reġjonali ta' Malta intemmet bil-Barka Papali tal-Em.T. il-Kardinal Legat A.E.M. Lépicier li, wara li ħareġ bi tbatija, minħabba r-rassa tan-nies, mill-Konkatidral ta' San Ġwann, reġa' rikeb il-karrozzella li wasslitu sal-Palazz tal-Isqof fejn hemmhekk ukoll sab folla mdaqqsa ta' nies jistennewh.



**Merħba kbira lill-Kardinal Lepicier waqt li dieħel il-Konkatidral ta' San Ġwann wara l-Arċisqof Mawru Caruana.**

## i) Isir il-Konċilju

Il-Laqgħat formali tal-Konċilju Reġjonali, bdew l-għada, 10 ta' Ġunju 1935, f'dik li hija magħrufa bħala l-Awla Konċiljari, imħejjija għall-okkażjoni, fil-Palazz tal-Isqof,

il-Belt.[178] Hekk kif il-Kardinal Legat, l-Isqfijiet ta' Malta u t'Għawdex, il-personalitajiet distinti u ntiżi fil-qasam, Maltin u Barranin li kienu se jieħdu sehem daħlu u sabu posthom fl-Awla, ingħata bidu għall-ewwel Sessjoni formali billi ngħad it-Talb ritwali, u nqara Digriet *"De Concilio Regionali Melitensi convocando"* (biex jissejjaħ il-Konċilju Reġjonali ta' Malta) li diġà ktibna dwaru iktar 'il fuq.[179]

Wara nqraw it-Telegramm mibgħut lill-Q.T. il-Papa Piju XI mill-Kardinal Lépicier u mill-Isqfijiet Caruana u Gonzi biex isellmulu u jroddulu ħajr wara l-ftuħ tal-Konċilju, kif ukoll it-Telegramm bi tweġiba mibgħut mill-Em.T. il-Kardinal Ewġenju Pacelli, Segretarju tal-Istat tal-Vatikan[180] li, qalilhom li l-Papa kien qed iġedded l-awguri tiegħu għas-suċċess tal-Konċilju Reġjonali ta' Malta.[181]

Tul it-tmint ijiem tal-Konċilju fis-Sessjonijiet Plenarji u s-Sessjonijiet l-oħrajn tressqu għad-diskussjoni iktar minn 400 Digriet.[182] Iżda, ma nistax ma ngħidx li, minkejja s-Sessjonijiet u l-Laqgħat, fil-prattika, kien diskuss u approvat, dak kollu li kien diġà ġie propost lis-*Santa Sede* mill-Isqfijiet Caruana u Gonzi. Ħafna mix-xogħol, speċjalment f'dak li kellu x'jaqsam mat-tiswir tad-Dokument imressaq għall-approvazzjoni mis-Santa Sede u li finalment kien preżentat fil-Konċilju biex ikun diskuss u approvat, kien sar mill-Isqof M. Gonzi,[183] anke jekk b'konsultazzjoni kontinwa mal-Arċisqof M. Caruana OSB. Matul is-Sessjonijiet, iżda "...kollox kien immexxi minn addett għall-Kongregazzjoni tal-Konċilju, Mons. Bruno, li wara laħaq Kardinal."[184] Mons. Lupi kien qed jirreferi għall-Protonotarju Appostoliku Mons. Giuseppe Bruno, wieħed mill-esponenti ewlenin fuq il-Liġijiet tal-Knisja u kien espert u mħarreġ sewwa fl-oqsma tas-Sinodi u l-Konċilji.[185] Is-sehem ta' Mons.Bruno huwa konfermat ukoll minn Padre Taucci "...għamel ħafna mix-xogħol u ta kontribut siewi u kollaborazzjoni prezzjuża."[186]

Naħseb li huwa ta' interess ngħidu min ħa sehem fil-Konċilju Reġjonali ta' Malta. Biex inkun iktar preċiż se nirreferi għal-lista kif ippubblikata minn Padre R.M. Taucci fil-ktieb tiegħu u li fuqu tista' tgħid ibbażajt kitbieti.[187] Se nżomm ukoll l-istess ordni anke jekk se nżid xi noti ta' interess fir-rigward ta' x'uħud mill-parteċipanti.

President: L-Em.T. Alessju Enriku Marija Lépicier O.S.M. Legat tal-Papa *a latere*. Membri effettivi: Mons. Arċisqof Mawru Caruana OSB – Isqof ta' Malta Mons. Mikiel Gonzi – Isqof ta' Għawdex.[188]

Segretarju u l-Ewwel Konsulent tal-Em. Tiegħu: Mons. Giuseppe Bruno.

Mons. Godfrey kien ħabib, kbir tal-Isqof M.Gonzi "kienu studenti flimkien fil-Kulleġġ Ingliż f'Ruma."[189]

Ċerimonjier: Mons.Giuseppe Calderari – Ċerimonjier Pontifiċju.

Konsulenti tal-Arċisqof ta' Malta: Mons. Paolo Galea – Vigarju Ġenerali "l-id il-leminija tal-Arċisqof Caruana"[190] u Mons. Emanuel Galea li kien is-Segretarju personali tal-Arċisqof.[191]

Konsulenti tal-Isqof t'Għawdex: Mons. Carmelo Muscat u Mons. Mikiel Cefai.[192]

Membri Konsultivi: Mons. A. Vella u Mons. V. Buġeja - Delegati tal-Kapitlu tal-Katidral ta' Malta. Mons.Ġużeppi Pace l-Arċidjaknu u Mons. Ġużeppi Farrugia - Delegati tal-Katidral t'Għawdex.

Promoturi: Mons. Giuseppe Apap Bologna, il-Promotur Ewlieni-*Primus Promotor* u Mons. Albert Pantalleresco rispettivament l-Arċidjaknu u d-Dekan tal-Kapitlu tal-Katidral ta' Malta u Mons. Luigi Cordina, Dekan tal-Kapitlu tal-Katidral t'Għawdex.

Segretarji: Mons. Paolo Gauci; Kantur tal-Kapitlu tal-Kattidral ta' Malta, l-Ewwel Segretarju – *Primus Secretarius*, Dun Ġużepp Schembri li diġà semmejna u Dun Andrea Vella minn Għawdex. Huma kienu ta' għajnuna kbira għal Mons.G. Bruno.

Nutara: Kan. Primiċerju Arturo Bonnici li kien in-Nutar Ewlieni – *Primus Notarius*.

Huwa kellu esperjenza kbira f'dan il-qasam kemm fuq bażi parrokkjali kif ukoll djoċesana, u għal iktar minn tliet snin kien "Attwarju" fil-Kurja tal-Arċisqof.[193]

Mons. Ġ. Mifsud u Dun Guliermu Grima, Għawdxi.

Membri Konsultivi tal-Konċilju: Is-Superjuri Maġġuri tal-Ordnijiet Reliġjużi Rġiel.

Patri Gaetano Xerri O.P. - Pirjol Provinċjal tal-Patrijiet Dumnikani; Patri P. Muscat O.F.M.; Patri A. Agius O.E.S.A.; Patri Carta O.F.M.Conv.; Patri Bernard mill-Ħamrun O.F.M.Kapp.; Patri Giovanni Azzopardi O.C.; Patri Bernard O.C.D.

Is-Sibt, 15 ta' Ġunju 1935, intemmet prattikament il-ħidma tal-Konċilju Reġjonali, wara li dawk kollha preżenti approvaw id-Digrieti Konċiljari. Iżda, Mons.Bruno u r-Rev. mi Monsinjuri li kienu qed jgħinuh, kellhom jaħdmu qatigħ biex jiġbru d-Dokumenti skont l-ordni li kienu tressqu u ġew diskussi, iħejju l-minuti fuq dak kollu li kien intqal, il-kummenti, il-proposti u s-suġġerimenti kif ukoll li kien sar tul il-ħamest ijiem ta' laqgħat plenarji u laqgħat oħra. Dan minħabba li l-għada kellu jsir l-iffirmar tal-Atti u tad-Digrieti – *Decreta* finali, tal-istess Konċilju.

## j) Għeluq

Il-Konċilju Reġjonali ta' Malta ntemm il-Ħadd 16 ta' Ġunju 1935, Festa tat-Trinità Qaddisa, bl-istess solennità li kien beda biha l-Ħadd ta' qabel. Għadd kbir ta' nies ħonqu t-toroq tal-Belt minn fejn kellu jgħaddi l-Kardinal Legat, filwaqt li oħrajn irħewlha sa minn kmieni lejn il-Konkatidral ta' San Ġwann bit-tama li jsibu post ħalli jassistu għaċ-Ċerimonja tal-għeluq. Il-wasla, l-ewwel tal-Isqfijiet Caruana u Gonzi, u warajhom tal-Legat il-Kardinal Lépicier qanqlet dimostrazzjoni oħra spontanja minn dawk preżenti li nfexxew iċapċpu u jgħajtu "Viva l-Papa" u "Viva l-Kardinal Legat". Quddiem il-Konkatidral, l-Em.T. il-Kardinal Lépicier sab tistennieh Gwardja tal-Unur u ndaqq l-Innu Pontifiċju.[194]

Fil-Konkatidral mar dritt fuq it-Tron biex jassisti għall-Quddiesa Solenni Pontifikali minn Mons.Mawru Caruana OSB, Isqof ta' Malta u Arċisqof ta' Rodi. L-Isqof t'Għawdex Mons. Mikiel Gonzi ħa sehem f'din iċ-ċelebrazzjoni billi assista mill-kor.[195] Padre Taucci jinnota u jenfasizza li l-Pontifikal "sar bi preċiżjoni liturġika liema bħalha u kollox kien akkumpanjat bil-Kant Gregorjan".[196] Fi tmiem il-Pontifikal, l-Atti u tad-Digrieti tal-Konċilju, ittellgħu

b'purċissjoni u tqiegħdu fuq l-Altar, b'solennità kbira. Wara, il-Kardinal Legat intalab jagħmel id-Diskors tal-Għeluq tal-Konċilju Reġjonali ta' Malta.

L-Em.T. il-Kard. Lépicier beda biex radd ħajr lil Alla tal-għajnuna kollha tul is-sessjonijiet tal-Konċilju u lill-Ispirtu s-Santu li nebbaħ lil dawk kollha li ħadu sehem il-Konċilju biex jittieħdu l-aħjar deċiżjonijiet għall-glorja t'Alla u għall-ġid tal-poplu Malti. Radd ħajr lill-Isqfijiet għaż-żelu li wrew bit-tnedija u fit-tħejjija tal-Konċilju, kif ukoll ir-reqqa fit-tfassil u fid-diskussjoni fuq kull artiklu tal-istess Digrieti Konċiljari. Grazzi speċjali lill-Mons. G. Bruno għall-ħiliet li wera u lil dawk kollha li ħadu sehem.

Għadda mbagħad biex jindirizza direttament lill-poplu Malti u wara li feraħ għal darb'oħra u radd ħajr għall-merħba kbira li ngħata, qal li "Il-Kodiċi tad-Digrieti tal-Konċilju Reġjonali ta' Malta fih dak kollu li minnu jista' jinkiseb il-ġid għaż-żewġ Djoċesijiet...Biex titjieb il-ħajja spiritwali individwali u kollettiva...Fih normi preċiżi biex l-Isqfijiet u s-Saċerdoti jqaddsu lilhom infushom b'ħajja tabilħaqq nisranija u b'hekk ikunu jistgħu jwasslu għas-salvazzjoni lill-erwieħ fdati lilhom... Il-Ġenituri fih isibu linji gwida kif l-aħjar irabbu lil uliedhom fil-biża' t'Alla u jaraw li uliedhom juru tassew li jħobbu u huma leali lejn il-Knisja u daqstant ieħor ċittadini li jħarsu u jobdu l-liġijiet tal-Istat."

Il-Kardinal Lépicier ma naqasx jenfasizza li jekk dak li jkun jifli bir-reqqa u jħares dak li kien diskuss u approvat, żgur li dawn il-Gżejjer ikun jistħoqqilhom il-barka tas-sema u li jgawdu l-hena ta' dejjem. Imma fl-istess ħin, ħass li kien se jonqos "...minn dmirijieti u mill-fiduċja mogħtija lili mill-Papa jekk ma nisħaqx fuq il-ħtieġa biex dan il-Kodiċi ma jibqax fuq l-ixkaffa."

Biex dan iseħħ, kompla l-Kardinal Legat kulħadd irid ikun umli biżżejjed u jitlob lit-Trinità Qaddisa li "tgħaqqadna lkoll". Kif ukoll b'devozzjoni kbira tintalab l-interċessjoni tal-Veġni Mqaddsa Marija. Huwa temm id-diskors b'ħarsa lejn il-Madonna u bi ħrara kbira talabha:

"...bierek dan il-poplu għażiż tiegħek li b'ferħ kbir laqa' l-Legat tal-Papa u żomm fih tħeġġeġ il-fjamma li ma tintefiex tal-fidi f'Ġesù Kristu u l-qima lejn il-Vigarju tal-Kristu fuq l-art."[197]

Fi tmiem id-Diskors, il-protagonisti ewlenin, inġabru madwar l-Altar Maġġur tal-Konkatidral, u bis-solennità kollha xierqa ta' dak il-mument, sar l-iffirmar uffiċjali u formali tal-Atti u tad-Digrieti– *Decreta Concilium Regionale Melitense*.[198] L-iffirmar sar skont il-formola ritwali, kif soltu jsir fi tmiem kull Dokument Uffiċjali, b'dan l-ordni: L-Em.T. il-Kard. Alessju Enriku M. Lépicier O.S.M. – Legat tal-Papa, Mons. Arċisqof Mawru Caruana OSB - Isqof ta' Malta u Mons. Mikiel Gonzi – Isqof t'Għawdex qabel il-kliem *In quorum fidem etc....* "Xhieda ta' dak li hemm...eċċ". Wara d-dikjarazzjoni aħħarija: "Mogħti fil-Knisja Konkatidrali ta' San Ġwann il-Battista, fil-Belt Valletta, fis-16 ta' Ġunju tas-sena 1935", l-Atti u d-Digrieti Konċiljari ġew ukoll iffirmati minn Mons. Arċidjaknu Giuseppe Apap Bologna, il-Kan. Kantur Paolo Gauci u l-Kan. Primiċerju Arturo Bonnici[199] skont il-ħatriet tagħhom. Kollox intemm bl-Innu ta' Radd il-ħajr lil Alla it-"*Te Deum*", ton solenni, bil-Gregorjan. Bl-iffirmar tad-"*Decreta*" ngħalaq ukoll il-Konċilju Reġjonali ta' Malta.

**k) Ratifika tal-Atti Konċiljarji**

Wara l-iffirmar li sar fil-Konkatidral ta' San Ġwann, l-Atti u d-Digrieti tal-Konċilju ntbagħtu Ruma u kellhom jgħaddu seba' xhur qabel mas-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju tat l-approvazzjoni uffiċjali tagħha. Din hija t-traduzzjoni tad-Digriet kif maħruġ mill-istess Kongregazzjoni fl-10 ta' Frar 1936:[200]

Prot.N.99/36
Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju

## Digriet tal-għarfien tal-Konċilju Reġjonali ta' Malta

Fi tmiem il-Konċilju Reġjonali TA' MALTA li ssejjaħ skont il-liġijiet u li ntemm b'suċċess, l-Em.T. Rev.ma il-Kardinal Alessju Enriku Lépicier O.S.M. li ppresieda il-Konċilju bħala Legat Appostolika, ħa ħsieb jibgħat l-Atti u d-Digrieti kollha tiegħu (=tal-Konċilju), biex skont il-Liġi Kanonika 291 § 1, J.C. jkunu eżaminati u approvati minn din is-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju.

Issa, wara li l-Eminentissimi Kardinali membri ta' din l-istess Kongregazzjoni, eżaminaw fil-fond u għarblu bir-reqqa id-Digrieti msemmija, miġburin f'Sessjoni Plenarja fit-18 ta' Jannar 1936 taw l-appruvazzjoni tagħhom, mingħajr ma sar ebda tibdil.

Din l-istess riżoluzzjoni tal-Eminentissimi Kardinali, f'udjenza li saret fl-1 ta' Frar 1936, ġiet ippreżentata lill-Qaddis Missierna, għall-grazzja tal-Ħanin Alla, il-Papa Piju XI li, għoġbu jikkonferma u jiffirma.

Mogħti f'Ruma, f'jum l-10 ta' Frar 1936.[201]
Kardinal Giulio Serafini[202]
Prefett Giuseppe Bruno, Segretarju[203]

Jekk nemmen li l-intenzjoni tal-Isqfijiet ta' Malta u t'Għawdex li jniedu Konċilju Reġjonali, kienet tassew imsejsa fuq il-ħtieġa, ferma u sinċiera, ta' tiġdid spiritwali u qawmien tal-fidi fil-Knisja Maltija, persważ li ma kinitx b'kumbinazzjoni li, il-ħruġ tad-Digriet tas-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju bl-approvazzjoni formali tal-Atti u tad-Digrieti tal-Konċilju Reġjonali ta' Malta sar fl-okkażjoni tal-festa ta' San Pawl Nawfragu, festa għażiża għall-Maltin kollha.

La semmejt il-Festa ta' San Pawl Nawfragu, ippermettuli niftaħ qaws fil-qosor fuq din il-Festa li, għalkemm kienet ilha li daħlet u kienet ilha tkun iċċelebrata, l-ewwel darba li ssemmiet kien fis-Sinodu ta' Malta tal-1646 meta kienet ġiet soppressa (tneħħiet mill-Kalendarju tal-Festi). Qabel, il-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl kienet tkun ċelebrata flimkien mal-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl, fil-25 ta' Jannar. Għal xi żmien kienet ukoll tiġi iċċelebrata l-festa tat-Tluq ta' San Pawl minn Malta fis-27 ta' Mejju.[204] Kienet reġgħet iddaħlet fis-Sinodu ta' Malta tal-1703, imma kienet tiġi ċċelebrata fil-Belt biss. Imbagħad saret festa bl-obbligu tal-Quddies (tal-Preċett jew kif ngħidu Kmandata) fl-1738.[205] Skont il-Liġijiet ta' Malta l-Festa ta' San Pawl Nawfragu hija wkoll Festa Pubblika.[206]

## Kardinal Lépicier: Ċelebrazzjonijiet, Festi u Laqgħat

Matul iż-żjara tiegħu f'Malta, il-Kardinal Lépicier, mexxa ċelebrazzjonijiet oħra, sarulu diversi stediniet, u żar ukoll postijiet ta' interess storiku, kulturali u reliġjuż. Ovvjament, mhux possibbli li nikteb fid-dettal fuq kull attività oħra li saret, imma se ntawwal biss fuq żewġ ġrajjiet importanti, filwaqt li naċċenna fil-qosor ħafna dwar l-attivitajiet l-oħra.

### a) Konsagrazzjoni lill-Qalb Imqddsa ta' Ġesù

Nhar il-Ħadd, 16 ta' Ġunju 1935, filgħodu, kif diġà għidna, il-Kardinal Legat mexxa ċ-Ċerimonja tal-Għeluq tal-Konċilju Reġjonali, u dakinhar stess filgħaxija mar fuq il-Fosos tal-Furjana biex imexxi ċ-ċelebrazzjoni tal-Konsagrazzjoni Solenni ta' Malta lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Il-Pjazza kienet miżgħuda bin-nies flimkien mal-membri tal-Korpi Kostitwiti, Soċjetajiet u Għaqdiet ta' kull xejra. Skont Padre Taucci "...l-għadd ta' dawk qabeż sewwa t-80,000 ruħ".[207] Bi tħejjija għaċ-ċerimonja proprja sar Talb speċjali alternat m'innijiet sagri popolari bil-Malti u bit-Taljan u sar Diskors tal-okkażjoni mir-Rev. Kan. Primiċerju Enrico Bonnici li kien ukoll ir-Rettur tas-Seminarju tal-Isqof, li ntlaqa' tajjeb mill-folla. Kien għall-ħabta tas-6.00 ta' filgħaxija meta l-Em.T. il-Kardinal Lépicier, akkumpanjat mill-Arċisqof Mons. M. Caruana OSB u l-Isqof Mons. M. Gonzi, l-Unur T. il-Prim Imħallef Sir A. Mercieca, mis-Segretarju tiegħu P. A. Brasa O.S.M., miċ-Ċerimonjier Mon. G. Calderari, iż-żewġ Ċambellani l-Markiż A. Mattei u l-Konti G. Ceroni ħareġ minn Bieb il-Belt dak iż-żmien magħruf bħala "Porta Reale, u mexa sa fuq il-Fosos filwaqt li beda jsellem u jbierek lill-folla, sakemm irnexxielu jasal sa quddiem il-Knisja Arċipretali ta' San Publiju, fejn intlaqa' mill-Kapitlu tal-Katidral u mill-Arċipriet tal-Furjana.[208] L-Em. Tiegħu daħal fil-Knisja, libes l-ilbies Pontifikali u wara reġa' ħareġ biex mar sab postu fuq it-Tribuna artistika, li s-soltu tintrama fl-okkażjonijiet speċjali fid-daħla tal-Knisja tal-Furjana, filwaqt li ndaqq l-Innu Pontifiċju.

Ippermettuli niftaħ qaws qasir ta' tagħrif, dwar l-Innu Pontifiċju. L-Istati tal-Papa, sa mill-1857 kellhom l-Innu Nazzjonali tagħhom *"Roma Alma Parens..."* – Is-sliem, sliem għalik Ruma... – fuq il-mużika tal-imsemmija *"Marcia Trionfale"* - Marċ Trijonfali - tal-Kompożitur Awstrijak Vittorino Hallmayr, surmast tal-Banda f'Ruma. Iktar tard l-isem inbidel u sar *"Inno Pontificio"* - Innu Pontifiċju – b'melodija tassew ferrieħa u fuq ruħha. Fl-okkażjoni tal-Ġublew Saċerdotali tal-Beatu Papa Piju XI, il-Kompożitur ewlieni Franċiż Charles Gounod, bagħat b'rigal lill-Papa Innu Marċ *"Marche Pontificale"* – Marċ Pontifiċju, li ndaqq għall-ewwel darba minn seba' Baned Militari fi Pjazza San Pietru nhar il-11 t'April 1869. Il-Marċ tant għoġob lill-Papa li kien hemm min ħaseb li seta' jieħu post l-Innu Nazzjonali tal-Istati tal-Papa. Iżda, minħabba l-okkupazzjoni ta' Ruma u t-tnedija tal-Istat Taljan, mhux biss ma sar xejn, imma l-Knisja tneżżgħet minn kull setgħa politika u s-simboli tagħha tneħħew u ma baqgħux jgħoddu iktar. Fl-1929 bejn il-Knisja u l-Gvern Taljan kienu ġew iffirmati l-imsemmija "Patti Lateranensi" – il-Ftehim tal-Lateran – li bihom il-Knisja reġgħet ingħatat xi forma ta' setgħat politiċi, anki jekk limitati għall-Belt tal-Vatikan, u kisbet lura s-simboli tagħha bħall-Bandiera u l-Innu tas-Surmast Hallmayr. Fl-okkażjoni tas-Sena Mqaddsa tal-1950, il-Papa Piju XII, ordna li jinbidel l-isem tal-Innu Pontifiċju li sar "Inno e Marcia Pontificale" – *Innu u Marċ Pontifiċju* – kif ukoll issir verżjoni ġdida tal-lirika, li bit-Taljan *"Roma Immortale..."* inkitbet minn Antonio Allegra (1905-1969) li kien organista fil-Bażilka ta' San Pietru, filwaqt li l-verżjoni bil-Latin *"O Felix Roma..."* inkitbet minn Mons. Raffaello Lavagna, b'arranġament tas-Surmat Alberico Vitalini l-1991. Dan l-Innu, kif għadu jindaqq u jitkanta sal-lum, sar uffiċjali b'Digriet Papali fl-1 ta' Jannar 1950.[209]

Dan il-qaws kien neċessarju biex infisser li dakinhar tal-Konsagrazzjoni ta' Malta lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, l-Innu Pontifiċju li ndaqq kien l-Innu l-qadim miktub mis-Surmast Awstrijak Hallmayr.

Ħekk kif saret l-Espożizzjoni Solenni ta' Ġesù Sagramentat, Mons. Arċisqof M. Caruana qara l-Att ta' Konsagrazzjoni flimkien mal-miġemgħa miġbura devotament fuq il-Fosos. Wara ġiet ippreżentata Parċmina Artistika, li nħadmet għall-okkażjoni, li kienet mill-Isqfijiet ta' Malta u ta' Għawdex, mill-Unur Tiegħu Sir A. Mercieca u mill-Kardinal Legat A.E.M. Lépicier. L-istess Kardinal iffirma wkoll *Album* illegat bil-fidda li fih kien hemm imniżżlin sensiela ta' fjuretti spiritwali li saru mill-poplu, permezz ta' opri tal-ħniena u atti ta' devozzjoni. L-Album kien ippreżentat lill-Em.T. il-Kardinal Lépicier, mid-Direttur Nazzjonali tal-Appostolat tat-Talb, biex jagħtih personalment lill-Q.T. il-Papa Piju XI. War tkanta t-*"Te Deum"* u kollox intemm bil-Barka Sagramentali.[210]

### b) L-Inkurunazzjoni tal-Madonna ta' Pinu

Ċerimonja oħra solenni u maestuża ta' xejra reliġjuża temmet madwar għaxart'ijiem espressjoni qawwija tas-sentimenti Insara tal-poplu Malti li, ingħaqad mar-Rgħajja Spiritwali tiegħu u wera x-xewqa li kien jemmen bis-serjetà li jseħħ tiġdid fil-Knisja Maltija – ta' Malta u t'Għawdex –



**Il-Fosos tal-Furjana miżgħuda bl-insara jassistu għaċ-ċerimonja tal-Konsagrazzjoni tal-Gżejjer Maltin lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù fi tmiem il-Konċilju.**

fis-sens sħiħ tal-ħsieb u tal-kelma.

Kif diġà ktibna iktar 'il fuq, meta fid-29 ta' April 1935, l-Isqof Mons. M. Gonzi, mar il-Vatikan, b'konnessjoni mat-tħejjijiet dwar il-Konċilju Reġjonali ta' Malta, huwa kellu udjenza speċjali mal-Papa Piju XI. L-Isqof t'Għawdex talab espressament lill-Papa biex il-Legat tal-Papa għall-Konċilju "...jinkuruna wkoll ix-xbieha mirakoluża tal-Madonna ta' Pinu."[211] Ta' min jgħid li s-soltu, kif spjegajna fil-każ tal-Inkurunazzjoni tal-Inkwatru tal-Kunċizzjoni ta' Bormla, l-inkurunazzjoni ta' xbieha jew statwa li tgawdi minn devozzjoni kbira fil-pajjiżi Nsara, issir mill-Isqof Djoċesan jew xi ħadd ieħor delegat minnu wara li jsir Rikors formali quddiem il-Kapitlu tal-Vatikan. Iżda, anke din id-darba, il-Papa Piju XI, bħalma kien diġà għamel ta' qablu, ħass, li b'imħabba lejn il-Popolazzjoni Għawdxija, kellu jiddeċiedi u jagħti huwa stess, l-approvazzjoni meħtieġa. Għal dan il-għan il-Papa għażel lill-Em.T. il-Kardinal A.E.M. Lépicier – Legat tal-Papa *a latere* biex f'ismu u bl-awtorità mogħtija minnu jmexxi ċ-ċerimonja tal-Inkurunazzjoni.[212]

Deher ċar għalhekk li "Il-Kardinal Lépicier ma kellux biss jippresiedi l-Konċilju, iżda ġie wkoll biex jinkuruna ix-xbiha tal-Madonna ta' Pinu".[213] L-Isqof Gonzi, malli ngħata din il-konferma direttament mingħand il-Papa, dakinhar stess, b'ferħ kbir, permezz ta' Ċirkulari ħabbar li "waqt iż-żjara tiegħu f'Malta, il-Kardinal Legat tal-Papa kien se jżur ukoll Għawdex biex jinkuruna x-xbiha mirakoluża tal-Madonna ta' Pinu.[214] Ġimagħtejn wara tnediet uffiċjalment l-Ittra Pontifiċja (jew Brevi Pontifiċju) "*Marianum extat sanctuarium*" – Fid-Djoċesi t'Għawdex hemm Santwarju... – li permezz tagħha l-Papa Piju XI kien qed jawtorizza formalment lill-Kardinal Lépicier biex f'ismu u bħala Legat Tiegħu jinkuruna l-Inkwatru tal-Madonna ta' Pinu. L-Ittra nħarġet mill-Vatikan f'isem il-Papa fl-14 ta' Mejju 1935 – l-erbatax-il sena tal-Pontifikat tiegħu - u kienet iffirmata mill-Kardinal Eugenio Pacelli.[215]

It-Tlieta, 18 t' Ġunju 1935, il-Kardinal Legat, telaq mill-Palazz tal-Isqof, il-Belt u mar id-Dwana minn fejn rikeb fuq *Destroyer* tal-Qawwiet Navali Ingliżi, li għall-okkażjoni tajjar il-Bandiera tal-Papa, dirett lejn Għawdex. Huwa kien akkumpanjat mill-Arċisqof Mons. M. Caruana OSB, mill-Isqof ta' Għawdex Mons. M. Gonzi u mill-membri tad-Delegazzjoni Pontifiċja. Il-merħba li ngħatatlu fil-Gżira t'Għawdex ma kinitx anqas minn dik li kellu mal-wasslitlu f'Malta. Minn fuq id-*Destroyer* niżel fuq Lanċa li waslitu sal-Port tal-Imġarr, fejn waqt li kien dieħel ġew sparati "salve" ta' murtaletti u tiri ta' kanun. Fuq ix-Xatt sab jistennewh lill-Kummissarju għal Għawdex, ir-Rev.mi Membri tal-Kapitlu tal-Katidral u l-Kapitli tal-Kolleġġjati Għawdxin l-oħra, rappreżentanti tal-Kleru u Korpi Kostitwiti u Għaqdiet Għawdxin, kif ukoll minn kontinġent militari mir-Riġment "*The Devonshire*" taħt it-tmexxija tal-Kurunell P. R. Worrall.[216] Wara li spezzjona l-Gwardja tal-Unur, l-Em. Tiegħu tela' fuq it-Tron imħejji apposta. Wara diskors qasir ta' Merħba mill-Isqof t'Għawdex, il-Kardinal Legat, impressjonat bil-folla ferrieħa u mimlija entużjażmu li kellu quddiemu, wieġeb billi għamel riflessjoni qasira msejsa fuq id-diskors ta' Ġesù fuq il-muntanja meta semma' s-seba' Beatitudnijiet. Wara li ltaqa' mal-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi, Ċivili u Militari rikeb fuq waħda mill-karozzi li ffurmaw korteo u fost l-isparar tal-musketteriji u d-daqq tal-qniepen tal-Knejjes twassal lejn il-Belt Vittorja u daħal fil-Palazz tal-Isqof fejn kellu r-residenza matul il-mawra tiegħu f'Għawdex.[217]

Il-Ħamis 20 ta' Ġunju 1935, Festa ta' *Corpus Domini* – illum il-Festa tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, mijiet ta' Maltin telgħu Għawdex biex jifirħu u jiċċelebraw flimkien filwaqt li jieħdu sehem fil-Festi tal-Inkurunazzjoni tax-Xbieha tal-Madonna ta' Pinu. Dik l-għodwa sabiħa u tant mistennija mill-Għawdxin, bdiet billi għall-ħabta tat-8.00 ta' filgħodu, il-Kardinal Legat A.E.M. Lépicier mexa purċissjonalment mill-Palazz tal-Isqof t'Għawdex lejn il-Katidral tal-Belt Vittorja fejn ġiet iċċelebrata Quddiesa Solenni Pontifikali minn Mons. Mikiel Gonzi – Isqof ta' Għawdex. L-Em. Tiegħu assista mit-Tron.[218] Il-qofol, iżda ta' "waħda mill-isbaħ paġni ta' fidi u devozzjoni fl-istorja ekkleżjastika t'Għawdex"[219] kellu jintlaħaq dakinhar stess wara nofsinhar fil-Bażilka Santwarju tal-Madonna ta' Pinu fl-Għarb.[220]

Dawk kollha li assistew għall-Pontifikal fil-Katidral ingħaqdu ma' mijiet oħra ta' nies u, b'kull mezz li sabu, il-maġġoranza tagħhom bil-mixi, marru lejn Ta' Pinu fejn diġà kien hemm folla kbira ta' nies jistennew ħerqana lill-Kardinal Legat. L-Em.T. il-Kardinal Lépicier "akkumpanjat miż-żewġ Isqfijiet u segwit bl-iskorta tal-Pulizija tal-Kavallerija",[221] malli wasal fil-Pjazza quddiem is-Santwarju, sab folla kbira tistennieh. Sellem lil kulħadd u anke jekk bi tbatija minħabba r-rassa tal-għadd kbir ta' devoti, daħal fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu għall-ħabta tal-5.00 ta' wara nofsinhar fost iċ-ċapċip u l-għajjat ta' "Viva l-Papa". Wara l-Kant tal-Għasar Solenni tal-Festa, Mons. Isqof Gonzi qara l-Ittra Pontifiċja[222] li diġà tkellimna dwarha u "li permezz tagħha setgħet issir l-Inkurunazzjoni tax-Xbieha mirakoluża"[223] u devota.

Wara l-funzjoni solenni fil-Bażilika, il-Kardinal Legat Lépicier, ħareġ fil-Pjazza ta' quddiem il-Knisja u mexa purċissjonalment lejn il-palk li tħejja biex fuqu ssir l-Inkurunazzjoni u biex iċ-ċerimonja titgawda min-numru ikbar ta' nies. Miegħu, apparti l-Isqfijiet, u d-Delegazzjoni Pontifiċja kien hemm ukoll l-Unur Tiegħu Sir A. Mercieca l-Prim Imħallef tal-Qrati ta' Malta li, f'isem il-Poplu, fuq imħadda miksija bil-bellus kien qed iġorr il-kuruna tad-deheb u l-ġawhar. Il-Kardinal bierek il-kuruna prezzjuża fost l-għajjat ta' ferħ mill-preżenti, imma, dlonk kulħadd siket hekk kif beda jinqara "l-Att Notarili li bih ir-Rettur tas-Santwarju obbliga ruħu li jżomm dejjem il-kuruna mwaħħla" fuq ras ix-Xbiha tal-Madonna meqjum fl-Inkwatru".[224] Il-Kardinal Legat akkumpanjat mill-Isqfijiet, tela' fuq il-palk fejn kien hemm l-Inkwatru u b'qima kbira u devozzjoni qiegħed il-kuruna fuq ras il-Madonna, fost iċ-ċapċip, id-daqq tal-qniepen u l-isparar tal-murtali.[225]

L-Isqof t'Għawdex, imqanqal u kommoss wara dik iċ-ċerimonja li tant ried u ħadem għaliha, għamel kelmtejn qosra bil-Malti u fisser x'kienet tfisser iċ-ċerimonja tal-Inkurunazzjoni[226] u fost l-oħrajn qal:

"Id-devozzjoni lejn l-Assunzjoni ta' Marija hija qadima fostna daqskemm hi qadima l-fidi, kif jixhduh il-knejjes qodma mgħollijin ad unur tagħha f'Malta u Għawdex."[227]

Il-Kardinal ma kienx inqas kommoss minn Mons.Gonzi, u mqanqal mill-entużjażmu tal-poplu u b'ferħ kbir f'qalbu, għamel Diskors tassew sabiħ li fih wera l-imħabba kbira li minn dejjem ħaddan lejn il-Madonna.[228] Mid-Diskors tal-Kardinal Legat laqtuni żewġ siltiet li ħsibt li naqsam magħkom. Nibda mill-ewwel silta li ħadt ħsieb naqleb għall-Malti. Wara li esprima l-ferħ kbir tiegħu, li kellu x-xorti li jkun hu, li jqiegħed fuq ras il-Madonna kuruna daqstant sabiħa, il-Kardinal Legat fisser l-importanza tal-kuruna,

"Din il-kuruna tad-deheb, sinjal tar-rikonoxxenza tagħkom lejn Marija Santissima għall-għajnuniet kollha li intom irċivejtu minn idejha, se tibqa' għal dejjem bħala rahan mill-iktar qawwi tad-devozzjoni tagħkom bla qies lejn is-Sultana glorjuża tas-smewwiet. Din se tkun il-garanzija solenni tal-patt li proprju issa għadkom kif iffirmajtu ma' Marija. Minn issa 'l quddiem, intom tintrabtu li tħobbuha, tqimuha u taqduha bħala Omm l-iktar maħbuba u Hija mill-għoli tat-tron tagħha twegħdkom li se tibqa' dejjem tiegħu ħsiebkom, fil-ħajja u fil-mewt. Oh, tassew ixxurtjati intom, li ħejjejtu lil Marija kuruna hekk sabiħa! U xxurtjat jiena li messni dan l-unur mixtieq bil-bosta li ninkuruna lill-Omm tagħna tas-Sema!"[229]

Mit-tieni silta, biex ma ntawwalx, dommejt flimkien il-punti l-iktar importanti, li jfissru sewwa x'ried jgħid l-Em.Tiegħu fl-ispjegazzjoni li ta dwar il-ġemmi u l-ħaġar prezzjuż li bihom hija mżejna l-kuruna.

"Din il-kuruna mhijiex għajr xebħ ta' dik il-kuruna li biha kienet ġiet inkurunata l-Madonna – fil-jum li kienet Imtellgħa s-Sema bir-Ruħ u bil-Ġisem - minn Binha stess, u ddikjarata Reġina tas-Sema u tal-Art. Fil-ħaġar prezzjuż ta' din il-kuruna naraw is-simboli ta' tliet għamliet ta' teżori li jżejnu lill-Verġni Mqaddsa. F'tal-ewwel, f'dak il-ħaġar jiddi u jlellex, hemm xebh ċar mat-Tnissil bla Tebgħa ta' Marija, l-Immakulata, is-safa', il-bjuda ta' ruħha, il-qdusija tagħha. F'tat-tieni, il-kuluri jgħajjtu u qawwijin ifakkruna fil-kobor tal-Madonna li bl-umiltà kollha aċċettat li ssir Omm is-Salvatur tad-Dinja u b'imħabba liema bħalha ingħaqdet b'rabta intima li kien Alla u l-Iben tagħha fl-istess ħin. Bil-maternità divina tagħha stħoqqha l-ogħla ġieħ fis-sema, li toqgħod bilqiegħda fuq il-lemin ta' Binha l-għażiż. L-għamla tal-ġemmi u l-ħaġar prezzjuż tat-tielet teżor ifissru l-pwieni u l-qtiegħ il-qalb li l-Madonna, kellha ssofri bil-passjoni u l-mewt ta' Binha fuq il-Kalvarju fejn saret Omm il-Bnedmin kollha. Fl-isfond ta' dawn il-weġgħat kollha li hija sofriet ma' Ġesù tispikka b'saħħa l-imħabba immensa tagħha lejna."[230]

Kollox intemm bil-kant solenni tat-*Te Deum*.

### ċ) Stediniet u laqgħat

Ħafna kienu l-istediniet li saru lill-Kardinal Legat, iżda, minħabba l-impenji li kellu u l-ħin ristrett kellu jillimita ħafna l-parteċipazzjoni tiegħu. Kull fejn mar huwa dejjem kien akkumpanjat mill-Isqfijiet u mill-membri tad-Delegazzjoni Pontifiċja.

Il-Ħamis 13 ta' Ġunju, il-Kardinal Legat kien mistieden għall-pranzu fil-*Casino Maltese* – il-Każin Malti,[231] fejn mal-wasla tiegħu ngħata merħba sabiħa mill-President Sir Filippo Pullicino. Waqt l-ikel, il-Kardinal Lépicier u l-mistednin distinti setgħu wkoll jieħdu pjaċir jisimgħu siltiet mużikali *ad hoc*, minn orkestra żgħira mmexxija minn Maestro Francesco Bellizzi. Fit-tmiem, il-Kardinal iltaqa' wkoll ma' dawk preżenti.[232]

Il-Ħadd 16 ta' Ġunju, kmieni wara nofsinhar, sar riċeviment kbir f'ġieħu fil-Palazz tal-Isqof fl-Mdina, organizzat mill-Knisja Maltija. Dakinhar stess filgħaxija kien il-mistieden għal ċena fil-*Mess* tal-Fizzjali tar-*Royal Malta Artillery* (RMA)li kienet fi Triq il-Merkanti il-belt. Dak iż-żmien l-RMA kienet taħt it-tmexxija tal-Kurunell Alfred J. Gatt.[233]

It-Tnejn 17 ta' Ġunju, il-Logotenent Gvernatur Sir Harry Luke, ried juri l-istima u r-rispett lejn l-Em.Tiegħu kif ukoll l-apprezzament għall-miġja tiegħu f'Malta, u għalhekk sar pranzu f'ġieħu fil-Palazz tal-Gran Mastri l-Belt. Iżda, il-Kardinal Lépicier, ħassu xi ftit għajjien u bagħat minfloku lill-Mons. Arċisqof Mawru Caruana OSB.[234]

Pranzu ieħor f'ġieħ il-Legat tal-Papa sar f'Għawdex li kien organizzat mill-Isqof t'Għawdex Mons. M. Gonzi. Kienu preżenti l-ogħla Ġerarkija Ekkleżjastika, Ċivili u Militari.[235]

Il-Kardinal Legat sab ukoll ħin biex jiltaqa' mal-Konslu Ġenerali Taljan f'Malta, Signor Silenzi li kien akkumpanjat mis-Segretarju *"del Fascio"* u minn Delegazzjoni ta' membri tal-Ministeru tal-Kolonji u Istituzzjonijiet Taljani f'Malta. Il-laqgħa saret fil-Kurja tal-Isqof il-Belt.[236]

### d) Żjarat

Skont Padre Taucci, il-Kardinal, ma riedx li waqt iż-żjara tiegħu f'Malta jonqos milli jmur sa San Pawl il-Baħar u jżur il-Gżejjer ta' San Pawl. Xewqtu seħħet wara li s-Sur Philip N. Bianchi stiednu u ħadu bil-*Yacht* tiegħu. Żjara oħra għal qalb ħafna tal-Kardinal ,kienet dik li għamel bla mistenni fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu l-Belt. Huwa kien imdawwar mal-Knisja mill-Arċipriet il-Kan. Manduca u membri oħra tal-Kapitlu tal-istess Kolleġġjata.[237]

F'Għawdex, għalkemm iż-żjara kienet qasira ħafna, il-Kardinal Lépicier xtaq u mar iżur il-monumenti klassiċi, fosthom dawk tal-Ġgantija u oħrajn li jiddistingwu lil Għawdex. Mar iżur ukoll, u baqa' impressjonat bl-Għar ta' Kalipso, li huwa diġà kien jaf bih minn meta żagħżugħ, kien qara l-ktieb *Télémaque* ta' Fénelon.[238]

## It-tluq tal-Kardinal Lépicier

Wara ċ-Ċelebrazzjonijiet u l-Festi kollha li saru f'Malta u f'Għawdex fl-okkażjoni tal-Konċilju Reġjonali ta' Malta u l-Inkurunazzjoni tal-Madonna ta' Pinu, kif ukoll l-entużjażmu kbir tal-poplu Malti li bi ħġaru ħa sehem sħiħ u wera stima u rispett profond lejn ir-Rappeżentant tal-Papa, l-Em.Tiegħu A.E.M. Lépicier - Kardinal Legat *a latere*, temm formalment il-mawra tiegħu fil-Gżejjer Maltin, biex imur lura lejn Ruma u jagħti rendikont tal-Missjoni tiegħu lill-Papa Piju XI.[239]

Il-Ġimgħa 21 ta' Ġunju 1935, l-għada filgħodu tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna ta' Pinu, il-Kardinal Legat telaq minn Għawdex biex imur lura lejn Malta. Dakinhar stess, wara nofsinhar, l-Em. Tiegħu flimkien mad-Delegazzjoni Pontifiċja li akkumpanjatu tul il-mawra tiegħu f'Malta,

akkumpanjat mill-Isqfijiet ta' Malta u t'Għawdex, niżel id-Dwana. Kif ġara mal-wasla tiegħu, anke din id-darba il-Logotenent Gvernatur Sir H. Luke, bagħat Gwardja tal-Unur, li l-Kardinal Legat Lépicier spezzjona qabel ma rikeb il-Vapur li kien diġà ankrat fil-Port, lest biex isalpa. Wara li sellem lill-Isqfijiet, lill-awtoritajiet Ċivili u Militari u ta l-Barka Tiegħu għall-aħħar darba, imbarka fuq il-vapur *Milano*,[240] fost l-għajjat u ċ-ċapċip tal-folla li nġabret sa minn kmieni ħdejn id-Dwana, id-daqq tas-sireni tal-bċejjeċ tal-baħar ta' kull għamla u daqs li daru mal-vapur, kif ukoll għad-daqq tal-qniepen tal-Knejjes tal-Belt, tat-Tlett Ibliet u tal-idwar. Dejjem b'ordni ta' Sir H. Luke, żewġ *Destroyers* tal-Qawwa Navali Ingliża skortaw lill-vapur waqt il-ħruġ mill-Port u 'l barra minnu.[241]

## Id-Digrieti *"Decreta"* tal-Konċilju Reġjonali ta' Malta 1935

Hemm min isostni[242] li dawn id-Digrieti kienu jixbħu u/jew kienu "mibnija fuq dawk tal-ewwel Sinodu t'Għawdex tal-1903. Iżda, meta wieħed jifli fid-dettall id-Digrieti tal-Konċilju Reġjonali ta' Malta, dlonk jintebaħ li tfasslu fid-dawl ta' dak li kienet qed tipproponi l-Knisja Universali wara li, 18-il sena qabel, kien ġie kodifikat u approvat il-Kodiċi l-Ġdid tal-Liġijiet tal-Knisja. Personalment, inħoss li fid-Digrieti, l-Isqfijiet, anki jekk f'moħħhom kellhom ideat ċari u preċiżi biex isseħħ bidla fil-Knisja Maltija, waslu biex finalment jagħmlu dak li, fi kliem ta' żmienna, isejħulu "aġġornament". Din il-kelma ntużat għall-ewwel darba fil-Knisja mill-Beatu Papa Ġwanni XXIII meta nieda l-Konċilju Vatikan II, u reġgħet saret riferenza għaliha f'Ottubru tas-sena li għaddiet, mill-Papa Emeritu Benedittu XVI, f'udjenza li kellu ma' grupp ta' "Padri Konċiljari",[243] li marru Ruma fl-okkażjoni tat-tnedija tas-Sena tal-Fidi.[244]

It-tqassim tad-Digrieti jikkonsisti fi Tliet Partijiet prinċipali u 17-il Appendiċi.

A)L-Ewwel Parti *"De Fide Catholica"* – Dwar il-Fidi Nisranija, maqsuma f'żewġ Kapitli, tittratta dwar il-Fidi Kattolika u t-Tħabbir tal-Kelma. L-Ewwel Kapitlu jirreferi għall-Professjoni tal-Fidi u jagħti direttivi preċiżi dwar x'għandu jsir biex il-Fidi tkun imħarsa, u titkattar billi dawk responsabbli jaraw li titwassal għand kulħadd kif suppost. It-Tieni Kapitlu joffri tagħrif prattiku fuq kif għandha ssir il-Predikazzjoni u minn min trid issir. Il-ħtieġa tat-tagħlim tal-Katekiżmu speċjalment liż-żgħar imma wkoll lill-adulti. Il-kapitlu jagħlaq b'direttiva ċara dwar meta għandha ssir l-Omelija, li tkun taqbel mal-Liturġija u li matul iktar minn nofs siegħa, kif ukoll li jinqraw siltiet mill-Evanġelju tal-jum, bil-Malti.

B) It-Tieni Parti *"De Personis"* – Dwar il-Persuni (In-nies li jiffurmaw il-Knisja ta' Kristu), tinqasam f'għaxar Kapitli. Fil-qosor jingħata tagħrif u struzzjonijiet varji b'konnessjoni mal-Papa, l-Isqof (jew l-Ordinarju Djoċesan), il-Kurja Djoċesana - bl-uffiċjali u dmirijiethom, is-Seminarju - kif għandu jitmexxa, x'edukazzjoni jingħataw is-seminaristi u anke kif għandhom jilbsu u jġibu ruħhom. Interessanti li, il-ħames kapitlu li jittratta dwar il-Kleru, fih ħames paġni (l-itwal wieħed, fil-fatt). Huwa mimli direttivi, prattikament ordnijiet, bil-għan li s-saċerdoti kollha, ħadd eskluż, jifhmu l-importanza tal-vokazzjoni tagħhom u l-impenn tal-missjoni pastorali tagħhom billi jiġġeddu spiritwalment, moralment u fuq kollox iħarsu l-Liġijiet tal-Knisja, jobdu lill-Isqof tagħhom u joqogħdu għad-dixxiplina tal-Knisja. F'din il-parti hemm direttivi wkoll għar-Retturi tal-Knejjes, il-Kappillani u l-Kolleġġjati fuq dwar x'inhuma dmirijiethom u l-obbligi tagħhom. Il-kapitlu Disgħa huwa maqsum fi tnejn u jirreferi għar-Reliġjużi Irġiel u Nisa rispettivament. F'dan il-kapitlu tispikka l-mentalità bbażata fuq it-talb u d-dixxiplina tal-Isqof M. Caruana OSB li bħala monaku Benedittin kien intebaħ tajjeb kemm kienu neqsin ir-Reliġjużi Maltin minn dik l-ispiritwalità tant meħtieġa għall-Ħajja Konsagrata. Il-kapitlu ta' wara li wkoll huwa maqsum fi tnejn, huwa ddedikat lill-Lajċi, speċjalment lill-Ġenituri u fih hemm dettalji dwar is-serjetà tal-missjoni tagħhom kif għandhom jedukaw lil uliedhom, u fejn għandhom jibagħtuhom skola; Ommijiet u n-nisa in ġenerali kif għandhom jilbsu u jġibu ruħhom. Il-kapitlu jintemm b'riferenza għall-Azzjoni Kattolika, l-importanza u l-ħtieġa tal-preżenza tagħha f'kull Parroċċa flimkien ma' struzzjonijiet fuq it-tmexxija taċ-Ċirkli u l-imġiba tal-membri.

Ċ)It-Tielet Parti *"De Rebus"* – Dwar il-Ħwejjeġ Qaddisa, maqsuma f'sitt Kapitli. Din l-aħħar parti tad-Digrieti tibda b'sensiela ta' direttivi dwar is-Sagramenti (fid-dettal u jsemmihom wieħed wieħed) u l-amministrazzjoni xierqa tagħhom u jħeġġeġ biex kulħadd iqim u jirrispetta dawn l-għejjun ta' grazzja minn Alla. Fejn issir riferenza għall-Ewkaristija ssir differenza bejn il-Quddiesa u l-Ewkaristija bħala tali li jinkludu struzzjonijiet dwar l-amministrazzjoni tat-Tqarbin, kif u meta għandu jsir, kif u fejn tinżamm l-Ewkaristija, il-Barka Sagramentali. Fit-tieni Kapitlu hemm dettalji fuq il-Knejjes u ċ-Ċimiterji, u joħroġ ċar li l-Isqfijiet kellhom premura jinżlu f'dettalji forsi wkoll irqaqat dwar x'tiżjin huwa permess u kif għandhom jinżammu. Fil-kapitlu tal-Festi hemm inklużi wkoll il-Liturġija, il-Kant Sagru u l-Mużika Sagra li dwarhom nikteb iktar 'l isfel, imma niġbed l-attenzjoni, f'dan il-kapitlu nsibu li l-Konċilju Reġjunali barra l-Ħdud approva tlettax-il Festa, għaxra minnhom - Marija Omm Alla, San Ġużepp, l-Għid, l-Axxensjoni, Corpus, San Pietru San Pawl, l-Assunta, il-Qaddisin Kollha, il-Kunċizzjoni u l-Milied - skont kif stabbilit mil-Liġi tal-Knisja ta' dak iż-żmien. It-tliet Festi f'Malta kienu: il-Konverżjoni ta' San Pawl, in-Nawfraġju ta' San Pawl u t-Twelid ta' San Ġwann. Jgħaddi mbagħad biex jittratta dwar dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Kult li għandu jingħata u kif, lil Alla; il-qima li għandha tingħata lil Alla u lill-Qaddisin b'riferenza għall-Purċissjonijiet. Il-kapitli Ħamsa u Sitta jittrattaw il-benefiċċji u l-benefiċjarji; u ordnijiet kategoriċi, tista' tgħid, dwar l-amministrazzjoni tal-Legati Piji u ġid ieħor tal-Knisja, rispettivament.

D)Appendiċi, sbatax b'kollox, li jikkonsistu f'tagħrif u direttivi li mhux biss jispjegaw imma wkoll jingħad b'mod dettaljat dak li għandu jsir, kif u meta, b'konnessjoni ma' dak li jkun intqal fid-Digriet partikolari: iż-żamma tal-Ewkaristija, x'jista' u x'ma jistax isir fil-Knisja, kif għandhom ikunu regolati l-Festiċċ. Ta' min jagħmel riferenza għal żewġ Appendiċi: l-ewwel waħda, fejn hemm mudell ta' kif għandu jsir taħriġ – *survey*, dwar il-prattika tar-Reliġjon

fil-Parroċċi u fl-Iskejjel jew Kulleġġi mmexxijin mill-Knisja, taħriġ li kellu jsir kultant żmien. Is-sitt waħda fejn hemm mudell ta' kif għandu jinġabar tagħrif dwar l-*"status animarum"* – tagħrif fuq in-nies tal-Parroċċa.

## Il-Konċilju Reġjonali ta' Malta, irnexxa jew le?

Wieħed mill-istoriċi tal-Istorja tal-Knisja, il-Prof. P. Alessandru Bonnici OFM Conv kiteb li "Id-digrieti kienu ntlaqgħu ħażin. Kien hawn min kisser kwadri ta' qaddisin u ċarrat ritratti ta' Isqfijiet u qassisin. Kien hawn dawk li, għalkemm qagħdu għad-deċiżjonijiet, ma rrassenjaw ruħhom qatt."[245] Skont Ganado "Il-Konċilju ma tantx irnexxa."[246] Anki Bezzina, jaqbel ma' dak li qal Ganado, u wara li kkwota żied jgħid "...dan ġara l-iktar minħabba n-nuqqas ta' konsultazzjoni mal-kleru fil-kompilazzjoni tal-Atti Konċiljari. Minn dak li qrajna u smajna u qalulna... fehemna li l-parti l-kbira tal-kleru u, naturalment tal-poplu, saru jafu bil-Konċilju meta xxandret il-Pastorali. Barra dan...m'hemmx spjegazzjoni biżżejjed għal xi konklużjonijiet."[247] Skont Mons. Lupi "Kienu biss l-Isqfijiet li ħadu d-deċiżjonijiet..."[248] Dan kollu jista' jkun minnu, imma ta' min jgħid ukoll li, speċjalment l-Arċisqof Caruana jidher li kellu relazzjonijiet tajbin mal-Kleru. Ganado li kien jaf mill-qrib sewwa lill-Mons. Caruana, fil-fatt kiteb li "...l-Arċisqof Caruana, li bħala isqof li jisma' l-kappillani kollha kien l-iktar bniedem li kellu l-polz tal-pajjiż f'idejh..."[249] L-istess Ganado f'kitbietu diversi drabi rrefera għall-Arċisqof Caruana bħala "...reliġjuż u serju, bniedem ta' karattru li, meta jagħti kelma jew jieħu deċiżjoni, kont tista' torbot fuqu."[250] Minkejja dan, problemi kellu "għaliex minbarra bit-Taljan kien qed jipprova jipprietka bl-Ingliż u ried idaħħal l-użu tal-Malti fil-Knejjes"[251] ħaġa – din tal-użu tal-Malti - li seħħet mal-40 sena wara. Fl-1925 sa mxiet xniegħa "li kien irriżenja" tant li Lord G. Strickland kien għarraf dan b'ittra lil Lord Amery.[252] Żgur li "Kull meta meta kien hemm il-ħtieġa li jiftaħ fommu, dan għamlu...l-isqof kien magħruf għall-prudenza anki jekk dejjem qal dak li kellu jgħid."[253] Atteġġjament dan li ma kienx intlaqa' minn kulħadd u ma kienx jintgħoġob! Mill-banda l-oħra, però, huwa wkoll fatt magħruf li sa mill-bidu tal-Episkopat tiegħu "...ħadem biex waqt li jżomm dak kollu li kien tajjeb fid-djoċesi, jirriforma u jbiddel dak kollu li kien meħtieġ għall-ġid tal-Knisja Maltija. Kellu ħafna għal qalbu l-kleru u r-reliġjużi u ħadem bis-sħiħ biex jgħolli iktar ir-rispett tal-poplu Malti lejn il-kleru u r-reliġjużi tiegħu. Huwa ma qgħadx lura milli jirriforma s-Seminarju kif ukoll il-Kurja...ħalli tkun aktar effiċjenti fit-tmexxija tad-djoċesi... kien jinsisti ħafna fuq id-dmir tal-Ġenituri fit-trobbija nisranija ta' wliedhom... jinkoraġġixxi l-għaqdiet kattoliċi speċjalment l-Azzjoni Kattolika... it-tnedija tal-Ġurnal *Leħen is-Sewwa...*"[254] Rev. Dr. J. Manicaro kiteb sew dwar ħidmet l-Isqof M. Caruana fil-qasam tal-Liturġija "favur parteċipazzjoni iktar attiva fil-Quddiesa"[255] iżda wkoll dwar aspetti varji u iktar wiesgħa tal-ispirtu liturġiku bit-tnedija ta' Kummissjoni Djoċesana għall-Arti Sagra – *Giunta per la tutela della Antichità Ecclesiastiche*"[256] U xi ngħidu għall-mużika sagra. L-Isqof Caruana meta kien għadu Monaku Benedittin fl-Abbazija ta' Fort Augustus, fl-Iskozja minbarra għall-Liturġija kien magħruf ħafna għall-mużika sagra, il-Kant Gregorjan b'mod partikulari tant li meta kien direttur tal-Kor tal-Abbazija "il-kant tal-Gregorjan kien laħaq l-għola livell."[257] Wara sena li kien sar Isqof ta' Malta, xandar Ċirkolari dwar il-Mużika Sagra fil-Knejjes.[258] Bla tlaqliq ilmenta li d-direttivi tal-*Motu Proprio* "Tra le Sollecitudini" ta' San Piju X, kienu ġew injorati u wissa li *"Motu Proprio* huwa liġi li għandha tkun imħarsa anki jekk ma ddoqqx għal widnejn ta' dak li jkun"[259] "Għalkemm ta l-kunsens tiegħu biex jibqa' jintuża parti mir-repertorju tal-kompożizzjonijiet klassiċi u polifoniċi miktuba fuq l-istil tal-Palestrina u kompożizzjonijiet oħrajn moderni li huma tassew ta' xeħta sagra", l-Arċisqof M. Caruana "ta importanza kbira lill-Kant Gregorjan, li skont hu kien l-aqwa mezz biex iqanqal il-parteċipazzjoni tal-fidili waqt iċ-Ċelebrazzjonijiet liturġiċi."[260] Imma kelmet l-Isqof waqgħet fuq widnejn torox, ħafna mill-kleru baqa' jirreżisti t-twissijiet tal-Isqof, anke f'dak li kellu x'jaqsam mal-approvazzjoni tas-siltiet li setgħu jintużaw fil-Knejjes. Inkun qed nonqos jekk ma ngħidx li anke s-suċċessur tiegħu l-Arċisqof Mons. M. Gonzi, baqa' jsib l-ostakli u l-atmosfera ta' retiċenza u ta' oppożizzjoni mill-Kleru, forsi wkoll, xi drabi, imsaħħnin minn lajċi, għadha ħajja sal-lum. Mhuwiex, forsi, dan li għadni kemm ktibt, rifless fid-digrieti tal-Konċilju Reġjonali ta' Malta? Forsi, ma kellhomx raġun l-Isqfijiet, iniedu l-Konċilju Reġjonali ta' Malta għaliex, kif diġà semmejna, "is-sitwazzjoni u l-qagħda fil-Knisja Maltija kienet iddeterjorat ħafna"?

Naħseb, biex nagħlaq dan il-paragrafu, li tajjeb ngħid li minkejja kollox "id-deċiżjonijiet tal-Konċilju... teoretikament, baqgħu jorbtu sa żmienna, għalkemm ħafna digrieti tiegħu ġew superati mid-digrieti tal-Konċilju Vatikan II; iżda għax id-digrieti tal-Konċilju kienu għadhom jorbtu uffiċjalment, fuq talba ta' Mons. Mercieca, is-*Santa Sede* ħarġet digriet biex tħassar dawk id-digrieti li kien għadda żmienhom, għax iċ-ċirkostanzi kienu tbiddlu għalkollox."[261]

## Il-Konċilju Reġjonali ta' Malta u l-Festi

Għalkemm hawn fuq ippruvajt kemm stajt, infisser kemm kien tassew f'waqtu l-imsemmi Konċilju, kemm kienu ġusti l-miri li kellu l-Konċilju bid-deċiżjonijiet tiegħu, u kemm seta' kien ta' ġid akbar għall-Knisja Maltija fis-sens sħiħ u wiesgħa tal-kelma, ikolli ngħid li kontra l-appell imqanqal tal-Kardinal Legat Lépicier id-digrieti essenzjali għat-tiġdid tal-Knisja, baqgħu "fuq l-ixkaffa", u ħidmet l-Isqfijiet u dawk kollha li taw sehemhom sfat prattikament fix-xejn. Dan kollu tort, fl-opinjoni tiegħi, tal-moħħ, imnawwar u fqir, ta' wħud mil-lajċi u anke ta' bosta membri tal-kleru djoċesan u reliġjuż.

Tassew kontra qalbi, ikolli ngħid li mid-deċiżjonijiet kollha tal-Konċilju, li - "kollha" kienu msejsa fuq il-Liġijiet il-ġodda tal-Knisja - qanqlu interess biss, dawk fejn saret referenza għall-Festi u iktar minn hekk: għall-"Festi oħrajn". Iva, naf x'qed ngħid, għax imkien fid-*"Decreta"* tal-Konċilju ma jissemmew il-kliem "Festa Sekondarja". Xi jfisser dan? Li l-kelma "oħrajn" ġiet impropjament u forsi malintenzjonalment, imqabbla mal-kelma "Sekondarja".

Wara kollox, il-Knisja, mhux biss dik lokali, għalkemm sa minn meta bdew ikunu ċċelebrati il-Festi dejjem kien hemm distinzjoni, jew aħjar: klassifikazzjoni qatt ma ntużaw it-termini "Primarja" u/jew "Sekondarja" kif sirna nifhmuhom hawn Malta. Imma fuq dan inkompli nespandi.

Sfortunatament, il-Konċilju Reġjonali ta' Malta, baqa', u naħseb li se jibqa', magħruf l-aktar, kont se ngħid biss, għal dak li għadu wkoll jissejjaħ sal-lum : "it-Trażżin tal-Festi Sekondarji"(*sic!*). Ganado kiteb hekk: "Irnexxielu jrażżan ix-xejra eżaġerata tal-festi sekondarji fl-Irħula, li kienet qiegħda ġġib ħafna nkwiet".[262] Bonnici kiteb li "Kienu saru bosta limitazzjonijiet fi żmien il-Konċilju Reġjonali tal-1935. It-tnaqqis ta' solennitajiet il-festi sekondarji kien deher f'isem il-Kardinal Alessio Enrico Lépicier, li kien ġie bħala delegat tal-Papa. Imma kulħadd kien jaf kemm kien kbir is-sehem ta' Gonzi f'dawn id-digrieti..."[263] Jekk niġu f'dan, jekk wieħed jifli sewwa, b'moħħ ċar u ħieles minn kull preġudizzju, dlonk jintebaħ li finalment, id-deċiżjonijiet tal-Konċilju Reġjonali tal-1935 fir-rigward tal-Festi, kellhom biss l-għan li kollox isir u jkun konformi ma' dak li kienet kemm għadha kif stabbiliet is-*Santa Sede*, bl-approvazzjoni tal-Liġi Kanonika l-Ġdida.

Hawn taħt ħa nipprova ngħid il-verżjoni tiegħi u nuri għaliex ma naqbilx għalkollox, għalkemm kulħadd għandu dritt għall-opinjoni tiegħu, dwar l-interpretazzjonijiet li ngħataw ċerti digrieti tal-Konċilju kif ukoll dwar ċerti dikjarazzjonijiet li saru, u li bla dubju għadhom isiru u komplew isiru minkejja d-Digrieti tal-Konċilju Vatikan II u Direttivi kif mogħtija mill-Knisja Maltija.

## a) Il-Festa Maltija

Għalina l-Maltin, żgur li "l-Festa hija realtà soċjali kumplessa li ħafna mill-Maltin jieħu importanti li ssir distinzjoni fuq xi tfisser il-kelma: Festa! Għalija, il-Festa, "hija espressjoni popolari tal-fidi Nisranija tal-Poplu Malti, kollu, u m'għandha x'taqsam xejn mal-Festa Liturġika, li ssir fil-Knisja, anke jekk, fil-kuntest ta' pajjiżna, minn dejjem eżistiet rabta sħiħa bejn iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi (=fil-Knisja) u dawk esterni (=ta' barra)".[264] Fl-introduzzjoni għal *Seminar* li sar fis-sena 2011, Dr. Charles J. Farrugia stqarr li "Ir-rabta tal-festi għandha għeruq reliġjużi"[265] imma, żied jgħid li "diffiċli li xi ħadd fid-dinja tal-lum jiddiskuti l-festi u jgħid li dawn huma purament reliġjużi".[266] F'dan is-*Seminar* tkellmet Dr. Vicky Anna Cremona, l-ambaxxatriċi ta' Malta fit-Tuneżija li, tifhem u tistqarr li *"The word 'festa' brings to mind a special time, set apart from the rest of the year, which is a focal point in the life of a parish"*.[267] Nista' nistaqsi għaliex il-festa, mhijiex ukoll il-*"focal point"*: tal-Belt jew ir-Raħal kollu, inkella tal-Pajjiż f'każ ta' Festi Nazzjonali? Fl-istess taħdita, Dr Cremona, għamlet żewġ kunsiderazzjonijiet interessanti, li jorbtu mat-tieni punt imqajjem minn Dr J. Farrugia: 1) *"today there is less massive affluence to the saint's celebratory mass..."* u 2) *"However the 'festa ta' barra' has grown considerably both in importance and dimension, as people abandon religious ritualistic celebration and turn more and more to public manifestations..."*[268] Fl-istess *Seminar*, kien interessanti ferm sehem il-Professur Jeremy Boiessevain, magħruf għall-kitbiet u analiżi tiegħu fuq il-"Festa Maltija" u l-festi in ġenerali f'Malta. Huwa qal fost l-oħrajn li "Il-festa jew festi annwali huma aktar minn festi reliġjużi f'isem il-patrun u ċelebrazzjoni ta' ferħ." Innota wkoll li "...ftit jidher li kien hemm tibdil fir-ritwali tal-festi ta' ġewwa. Għall-kuntrarju, il-festi aktar brijużi u teatrali ta' barra kibru bil-kbir."[269] F'punt li qajjem waqt is-*Seminar*, it-Tabib Godfrey Farrugia qal li huwa jemmen li "...il-festi għandhom għeruq Insara u minsuġa fihom għandhom l-identità tan-Nazzjon Malti..." Skont l-istess Dr G. Farrugia l-festa hija okkażjoni liturġika u soċjali li ssir "f'atmosfra ta' familjarità, ferħ u fervur reliġjuż" [270]li huma s-sinjali karatteristiċi tal-festa. Fid-dawl ta' dan kollu, jien persważ li ż-żewġ elementi: Festa Liturġika u Festa Soċjali, jeħtieġ li jkomplu jikkumplimentaw lil xulxin, inkella, bħalma biss ġara fl-imgħoddi jista' jkun li jinqala' l-inkwiet.[271]

F'Malta, il-festi, taħt forma jew oħra, minn dejjem kienu jeżistu, sa miż-żmien bikri tal-Istorja ta' Malta. Imma, ejja nillimitaw ftit u ngħidu li ilhom jeżistu sa minn meta bdew jinbnew il-Knejjes fl-Ibliet u l-Irħula tagħna. F'dawn il-Knejjes li, qabel xejn, huma ddedikati lil Alla, kienu bdew isiru ċelebrazzjonijiet (=Festi) f'ġieħ il-Madonna taħt titli differenti, u oħrajn f'ġieħ dan jew dak il-Qaddis/a. Tul is-sekli uħud minn dawn il-Festi baqgħu jkunu ċelebrati, kibru u ġieli biddlu suriethom u anki waslu sa żmienna; oħrajn tilfu mill-importanza tagħhom; u xi ftit, mhux biss ma baqgħux isiru, iżda, lanqas biss għadhom jissemmew. Fil-bidu, kien is-Saċerdot/Rettur inkarigat minn xi Knisja, iktar tard il-Kappillan – djoċesan u/jew reliġjuż, inkarigat mill-Parroċċa li kien jieħu ħsieb jorganizza l-Festa. Iktar ma din bdiet tikber, ir-responsabbli mill-Knejjes u mill-festa, bdew ifittxu l-għajnuna tal-Lajċi, l-aktar minn fost il-ħaddiema tal-id għaliex dawn, apparti l-għajnuna u xi kontribut finanzjarju, li qatt ma naqas, spiss kienu jitqabbdu wkoll jagħmlu xogħlijiet ta' ħtieġa skont sengħethom. Maż-żmien, l-għadd tal-lajċi beda jiżdied u, jew bil-barka tas-Saċerdot/Rettur inkarigat u/jew Kappillan, inkella b'inizjattiva tagħhom, bdew jinħolqu l-ewwel gruppi ta' lajċi impenjati lesti jagħtu sehemhom fil-ħidma tal-Knisja li, sadattant, ma kinetx iktar marbuta biss mal-Festa. Kien minn fost dawn l-istess gruppi li tul is-snin organizzaw ruħhom u minnhom żviluppaw l-Assoċjazzjonijiet, il-Fratellanzi, is-Sodalizji eċċ.

Ovvjament, fejn hemm il-ħafna, kif jgħid il-Malti: Mitt bniedem, mitt fehma! X'ġara? Ġara li fi ħdan dawn l-istess gruppi, ovvjament minn fost dawk li kienu għadhom mhux organizzati, nibtu oħrajn li bdew isejħu lilhom infushom "Għaqdiet" jew "Soċjetà", li mhux dejjem kellhom il-barka tas-Saċerdot/Rettur/Kappillan u tant anqas tal-Knisja lokali. Maż-żmien, mhux talli ma naqsux, talli tkattru, u r-responsabbli mill-Knejjes mhux l-ewwel darba li kienu jagħlqu għajn waħda, jekk mhux it-tnejn, kemm minħabba li, anke l-għajnuna ta' dawn il-gruppi spiss kienet meħtieġa speċjalment fil-ġranet tal-Festa, kif ukoll biex ma jinqalax inkwiet bla bżonn, għaliex, spiss, uħud minn dawn il-gruppi kienu jgawdu mill-appoġġ ta' Xirek Soċjali (=Għaqdiet stabbiliti, Każini tal-Banda) imma kien hemm ukoll uħud li kienu membri attivi ta' Każini politiċi u/jew partitarji ta' Movimenti politiċi (=Partiti).[272]

## b) Festi Primarji u Festi Sekondarji

It-taħlit, wassal biex ir-rwoli ta' dawk kollha – ekkleżjastiċi u lajċi, imdaħħlin fil-Festa, bdew ikunu inqas ċari a skapitu ta' dik li jiena sejjaħtilha "rabta bejn il-liturġiku u l-profan". Nixtieq kieku nipponta subgħajja, imma, peress li kien hemm min ma qabilx, naħseb li ma nkunx ġust għal kollox, anke jekk, kif diġà għidt, kienet il-Knisja nfisha l-ewwel ma fittxet l-għajnuna tal-lajċi, għax ħasset li hekk kien meħtieġ, meta l-Festa bdiet tikber. Konsegwentement, iżda, forsi mingħajr ma xtaqet jew mingħajr ma ħasbet, l-affarijiet żviluppaw u wasslu għas-sitwazzjoni li semmejt fil-paragrafu ta' qabel dan. Kienet il-Knisja, fl-aħħar mill-aħħar, li dak li kien isir ġewwa, li kien tagħha biss, ħarġitu barra u bdiet taqsmu ma' ħaddieħor. Kontra dak li stqarr Patri Adrijanu Cachia OFM "...il-festi jibdew il-Knisja u jispiċċaw fil-Knisja. Ma tistax il-Knisja tiddistanzja ruħha minnhom."[273] fuq il-bażi ta' dak li ktibt, il-Knisja, kważi kważi, lanqas fuq dak li kien jikkonċerna lilha direttament ma kien baqagħlha kontroll għax "il-gruppi" bdew jindaħlulha, min bil-pulit u min bil-goff, u jiddettawlha mhux fuq il-Festa biss, imma wkoll fuq l-użu tal-ġid u tal-wirt artistiku tagħha, jew dak li kien ġie regalat jew mogħti lilha b'Testmenti jew b'Legati(sic!).

Dan fisser il-bidu ta' fronti opposti, li tkattar minħabba li żviluppaw fatturi oħrajn li ħadd ma seta' jrażżan: żieda ta' festa, u ġieli festi, l-Ibliet u l-Irħula fejn diġà kien hemm waħda; bidu t'attivitajiet istituzzjonalizzati mill-Għaqdiet u/jew "il-gruppi"; u fuq kollox il-Politika, bit-tnedija tal-Partiti Politiċi fiż-żmien li bdew jaraw iż-żernieq f'pajjiżna. Apparti minn hekk, xi Politiċi, bdew isiru iktar midħla tal-Festa, minn jeddhom jew għax mistiedna, bdew jindehsu mal-Każini tal-Banda, tant li spiss kienu jkunu preferuti mill-Kumitati li kienu jaraw kif jagħmlu biex personalità politika tieħu post personalitajiet importanti li minn dejjem stinkaw biex jgħollu l-prestiġju tal-istess Każini.[274] Tassew f'waqtu kien dak li kiteb, snin ilu, il-ġurnalist veteran Anton Cassar "...il-Knisja u l-Festa tar-raħal influwenzaw il-politika u n-nies politiċi influwenzaw il-Festa u l-Knisja tar-Raħal!"[275] Skont il-Professur J. Boissevain, il-fronti opposti, ir-rivalità (=il-pika) komplew tkattru bir-rabta bejn "il-Festa, il-Każini tal-Banda u l-Partiti Politiċi" anke jekk skont hu "kienet konsegwenza kronoloġika u loġika u bdiet tqabbad għeruqha għaliex il-festa bdiet tikber u l-Każini tal-Banda bdew jiżdiedu".[276] "B'hekk", dejjem skont Boissevain, "żdiedet il-konfrontazzjoni minħabba d-distinzjoni bejn festa u festa, Madonna u Madonna taħt titlu ieħor, li wasslet biex tinħoloq "klassifikazzjoni" tal-Festi li bdew jissejħu Festi Primarji u Festi Sekondarji. F'dan ir-rigward, Boissevain, anki jekk inċidentalment iktar minn darba jagħmel l-istess distinzjoni, ma setax ikun iktar preċiż u, se nerġa' nikkwotah, għax fl-opinjoni tiegħi niżel sew fil-fond u wasal sal-għeruq tad-dilemma, jiġifieri il-ħolqien tad-distinzjoni "sfortunata u perversa" ta' Festa Primarja u Festa Sekondarja. Se nħalli kitbet Boissevain, bl-Ingliż, għax naħseb li mhix problema: "*...besides the Patron Saint, parishes celebrate many other saints. The feasts of the Secondary saints are normally not as lavish as the annual festa festa of the Patron. But many villages celebrate two large festas: one of the titular Saint of the parish, and the other for a Secondry saint who has assumed almost equal social importance. When this occurs, a village is divided into two partiti, each of which has its on Band Club... The Partiti compete almost on every aspect of the festa including decor of the streets, adornment of the statue, number of guest bands, and above all the fireworks. Even the exact number of the communicants, the size of candles and the quantity of light bulbs of the church's facade*".[277]

M'għandi l-ebda problema biex bl-akbar responsabbiltà nistqarr li: din id-distinzjoni, jiġifieri "il-klassifikazzjoni" ma saritx mill-Knisja, iżda, żviluppat b'rabta maċ-ċirkostanzi partikolari ta' Festa/Festi f'dan jew dak ir-Raħal/Belt. Madanakollu, bla tlaqliq, inħoss li, anki jekk il-Knisja Maltija u/jew il-Mexxejja tagħha setgħu ma kinux responsabbli, żgur imma li, xi membri tal-Ġerarkija/Arċiprieti/Kappillani/Kleru djoċesan u regolari kienu kompliċi. Il-Festi, maż-żmien, bdew jikbru fil-prestiġju u jkunu mogħnija bi privileġġi mhux biss fuq bażi Djoċesana imma kienu jinkisbu wkoll "Digrieti" mill-Vatikan. Minħabba f'hekk, dawk tal-hekk imsejħa "Festi Sekondarji" kienu jidħlu f'kunflitt li, spiss kien jispiċċa fi ġlied, ma' dawk tal-"Festi Primarji" jiġifieri tat-Titular (= tal-Patrun). Dawn minn dejjem kellhom l-Arċipriet/Kappillan u l-maġġoranza tal-Kleru warajhom, filwaqt li tal-ewwel, qajla kont issib xi membru ta' wieħed mill-Partiti Politiċi, meta mhux diġà, il-Każin tagħhom, kien ikun immexxi minn xi esponent ta' Partit partikolari.

## ċ) X'hemm fil-Konċilju Reġjonali dwar il-Festi?

F'artiklu li jiena kont ktibt fl-1998,[278] kont ikkwotajt artiklu ieħor li kien inkiteb mis-Sur J. Farrugia b'konnessjoni mal-Festa ta' San Ġużepp f'Ħaż-Żebbuġ.[279] Farrugia għamel riferenza għal dak kollu li għaddiet minnu tul is-snin il-Festa ta' San Ġużepp f'Ħaż-Żebbuġ, "speċjalment bid-daqqa ta' ħarta li ħadet bid-deċiżjonijiet li kienu ttieħdu waqt il-Konċilju Reġjonali fl-1935, meta l-importanza tal-Festi Sekondarji prattikament kienet ġiet fix-xejn".[280]

Mhux se nelabora fuq dan li nkiteb, imma ntenni biss it-teżi tiegħi li l-Konċilju Reġjonali ta' Malta fejn jirreferi għall-Festi: Kapitlu III, Art.1 u 2 kif ukoll Appendiċi XV u XVI u għall-Kult lejn il-Qaddisin: Kapitlu IV, Art.1 u l-Purċissjonijiet: Kapitlu IV, Art.2, "Imkien" ma jsemmi "Festi Sekondarji". Fil-fatt, u iktar qabel diġà aċċennajna, kulma għamel il-Konċilju Reġjonali kien li bħalma għamel fuq ħwejjeġ oħra konnessi mal-Knisja, iddeċieda li anki ż-żewġ Djoċesijiet ta' Malta u ta' Għawdex ikunu konformi ma' dak li kienet stabbiliet il-Knisja bil-Liġi Kanonika. Għaldaqstant jiddistingwi bejn Festi li jiċċelebraw il-Misteri tal-Fidwa u Festi tal-Obbligu (fosthom il-Ħdud), Festi oħrajn li huma tal-Quddies, Festi Titulari u/jew tal-Patrun u fil-famuż Appendiċi XV għal "*De festis, quae in singulis ecclesiae, etiam exemptis, ab aliquo pio sodalitio, prater festum ecclesiae principale, celebrantur*" – Dwar il-festi, li minbarra l-festa prinċipali jkunu ċelebrati fl-istess Knisja, ukoll jekk eżenti mill-obbligi ta' xi sodalizju. Mela, jista' xi ħadd jgħidli, fejn tissemma' l-"Festa Sekondarja"? Ovvjament, min irid jagħti interpretazzjoni għandu kull dritt(*sic!*), iżda, żgur ma jistax li l-kliem Festi "oħrajn" ifisser li dik il-festa għandha xi ħaġa inqas mill-Festi l-oħra,

għax kif spjegajt fil-paragrafi ta' qabel, "il-festi kienu ħarbu mill-kontroll tal-Knisja u dawk il-lajċi li hija stess kienet qabbdet biex jgħinuha, kompliċi wkoll membri tal-Kleru, wasslu biex il-Festa ma tibqax tali, is-sagralità tagħha kienet għoddha ntilfet, l-eżaġerazzjonijiet esterni kienu saru iktar milli evidenti.

Wara kollox, għalfejn għandu jeħel il-Konċilju Reġjonali li, iva, forsi applika b'mod mill-aktar strett il-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Knisja, imma żgur li f'moħħ min fassal id-"Digrieti" kien hemm il-ġid tal-Knisja, l-imħabba għall-Liturġija u għas-sabiħ u ċ-ċelebrazzjoni sana tal-Festa. Nerġa' nistaqsi "għalfejn għandu jeħel il-Konċilju Reġjonali tal-1935, meta l-problemi – id-differenzi bejn festa primarja u festa sekondarja - komplew jikbru tul is-snin u għadhom magħna sal-lum. L-Isqfijiet ta' Malta kollha, minn wara Caruana – Gonzi, Mercieca, u xi ftit anke Cremona – xorta kellhom jiffaċċjaw ostakli, u ma sabux tarf ta' din il-kobba li tħabblet mingħajr ma kellha għalfejn u f'xi okkażjonijiet, bit-tort jew bir-raġun u b'indħil jew le, inżammu permessi, ma tħallewx isiru ċerti opri u/jew armar anke ta' barra, u sfortunatament (Alla ħares nerġgħu għal dak iż-żmien) ġieli ma sarux xi festi.

Kelma tal-aħħar dwar il-Konċilju Reġjonali ta' Malta 1935. Jekk wieħed jindenja ruħu jagħti ħarsa, anke fuq fuq, lejn id-Digrieti u mill-Kostituzzjonijiet li kienu diskussi u approvati fil-Konċilju Vatikan II, jintebaħ li ħafna minnhom jixbħu lil dak li kien diskuss u approvat waqt il-Konċilju Reġjonali 1935. Insemmi biss: Il-Liturġija, l-Uffiċċju Pastorali tal-Isqfijiet, tiġdid tal-Ħajja Reliġjuża, il-formazzjoni tas-Saċerdoti u l-Ministeru u l-ħajja tal-Presbiteri, l-Appostolat tal-Lajċi u oħrajn. Infakkar ukoll li sa minn dak iż-żmien l-Isqfijiet Maltin Mons. Caruana u Mons. Gonzi kienu favur il-Malti fil-Liturġija, il-parteċipazzjoni tal-Lajċi, sehem in-nisa (anke jekk limitat ħafna) fil-Knisja in ġenerali, il-qdusija tal-Festi....

## Konklużjonijiet

Dan li se ngħid huma ħsibijiet tiegħi, li jirriflettu dak li nemmen fih u li nixtieq nara li kull min tassew iħobb il-Festa, dejjem jekk irid, jista' jaqbel magħhom. Għalhekk ħadd m'għandu jieħu għalih!

Tajjeb jingħad li, "kull Knisja partikolari (=id-Djoċesi) trid tkun konformi mal-Knisja Universali mhux biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' prinċipji ta' Fidi u s-Sagramenti, imma wkoll f'dak kollu li twassal lilna mit-Tradizzjoni Appostolika li baqgħet għaddejja."[281] Il-Kummissjoni Pontifiċja fl-istess Struzzjonijiet, tisħaq li l-Isqfijiet, skont il-Liġijiet Kanoniċi huma fid-dmir li jaraw li ċ-ċelebrazzjonijiet Liturġiċi jsiru kif suppost għall-ġid tal-Komunità u biex fid-Djoċesi jseħħu l-paċi u s-sliem.[282]

Fl-imgħoddi mhux 'il bogħod ħafna, il-Knisja, kellha mas-36 Festa fis-sena li, bil-Liġijiet tal-Knisja tal-1917 tnaqqsu, kif għidna, għal tlettax, filwaqt li ħalliet fid-diskrezzjoni tal-Isqfijiet Lokali li jżidu jew inaqqsu minnhom skont il-ħtiġiet Pastorali tad-Djoċesi partikolari. Illum, iżda, il-Knisja hija iktar speċifika. "Skont it-Tradizzjoni, il-Qaddisin huma meqjuma fil-Knisja u l-fdalijiet u x-xbihat awtentiċi tagħhom tingħatalhom ukoll qima. Il-Festi tal-Qaddisin ixandru l-għeġubijiet ta' Kristu fil-qaddejja tiegħu u jagħtu eżempji f'waqthom biex il-fidili jimxu fuqhom."[283] U tkompli b'mod ċar li "Biex il-festi tal-Qaddisin ma joħdux post il-festi li jfakkru l-Misteri nfushom tas-Salvazzjoni, ħafna minnhom għandhom jitħallew biex ikunu ċċelebrati minn xi Knisja, jew Nazzjon jew Familja Reliġjuża partikolari u għandhom ikunu estiżi għall-Knisja Universali dawk biss li jiċċelebraw it-tifkira tal-Qaddisin ta' importanza tassew universali".[284]

B'Festa, il-Knisja tifhem iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa u tal-Liturġija tas-Sigħat tal-Misteri tal-Mulej, tal-Madonna, tal-Anġli, tal-Qaddisin, tal-Beati. Il-Festi huma: Universali – imniżżla fil-Kalendarju tal-Knisja Universali u jridu jkunu ċelebrati minn dawk kollha li jimxu skont ir-Rit Ruman; u Partikolari – imniżżla fil-Kalendarji iżda, jiġu ċċelebrati biss f'xi post(=pajjiż), minn xi Djoċesi jew Istituzzjoni Reliġjuża.[285] Spiċċa għalhekk żmien il- "klassifikazzjoni" tal-Festi. Min għandu ċerta età jiftakar il-kliem: Prima Klassi Privileġġjata, Solennità u Prima Klassi, Prima Klassi Ordinarja, Sekonda Klassi eċċ. Illum, il-Knisja, tiddistingwi biss bejn Solennità, Festa, u Tifkira li tista' tkun Obbligatorja.[286] B'Solennità nifhmu ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Misteri tal-Fidwa[287] Festa tirreferi għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' ġrajjiet inqas importanti konnessi ma' ħajjet Ġesù Kristu, u tal-Madonna, l-Appostli u l-Qaddisin fost l-iktar importanti fil-Knisja bħal San Ġużepp u xi Qaddisin oħrajn li għandhom importanza Liturġika.[288] Il-bqija tal-Qaddisin l-oħrajn, anke jekk magħrufin jew li għamlu isem, jitfakkru biss fil-Liturġija tal-Jum.[289]

Skont l-aħħar riformi tal-Liġijiet tal-Knisja, il-Festi tal-Knisja Universali huma Għaxra u ħafna minnhom jaqblu ma' dawk proposti fil-Konċilju Reġjonali ta' Malta: "Fil-Ħdud ikun iċċelebrat il-Misteru tal-Għid għaldaqstant skont it-Tradizzjoni Appostolika jrid jitħares mill-Knisja kollha bħala Jum Festiv u tal-Obbligu tal-Quddies. Għandhom ikunu ċċelebrati wkoll il-Milied, l-Epifanija, l-Axxensjoni, Corpus, Marija Omm Alla, il-Kunċizzjoni, l-Assunta, San Ġużepp, San Pietru u San Pawl, il-Qaddisin Kollha."[290] Dawn il-Festi huma kollha meqjusin Solennità bħalma huma wkoll Solennità l-Festi tal-Patrun ta' pajjiż, il-Festa tad-Dedikazzjoni tal-Knisja ta' Parroċċa u/jew Djoċesi. Fil-Festa Titulari ta' Belt jew Raħal, sakemm ma tkunx xi waħda milli semmejna, għalkemm hija solennità "proprja", m'hemmx l-obbligu tal-Quddies, anke jekk ta' min jirrikmandaha.

Għandi ħafna xi ngħid iktar imma, nibża' li għar-raġunijiet ta' spazju ma nkunx nista' nesprimi u nispjega ruħi kif nixtieq, bażi ta' dak li ssostni l-Knisja llum fuq Festi fl-istess Knisja; l-arti sagra, il-Kant u l-Mużika, kif ukoll il-jedd li l-Kappillan għandu li juża l-għamara "kollha" li ngħatat lill-Knisja. Madankollu, qabel ma nagħlaq din il-kitba, twila tiegħi, nixtieq nagħmel konsiderazzjoni fir-rigward tal-Festa ta' San Ġużepp.

Kif rajna l-Festa ta' San Ġużepp hija meqjusa mill-Knisja Universali bħala Solennità. Apparti minn hekk hija l-unika Festa fil-kalendarju tal-Knisja li anke meta tiġi fir-Randan, issir bil-pompa kollha bħallikieku mhux Randan, u jekk taħbat f'xi Ħadd tar-Randan issir is-Sibt ta' qabel jew l-għada inkella l-pitgħada. Fejn mhijiex iktar tal-Obbligu (=tal-Preċett) tista' wkoll tkun trasferita barra minn żmien ir-Randan.[291] Allura jiena nistaqsi, u nagħlaq tassew, kemm

se nkomplu sejrin biha u nkomplu nsostnu, li l-Festa ta' San Ġużepp hija "Festa Sekondarja"? Ngħid biss li l-Festa ta' San Ġużepp, għax huwa fost l-iktar Qaddisin importanti tal-Knisja, l-ewwel wieħed wara l-Madonna, u għax huwa l-Patrun tal-Knisja Universali, il-festa tiegħu hija fil-livell ta' Solennità tal-Knisja Universali. Jekk tassew irridu nkunu konformi mat-tagħlim tal-Knisja - din tgħodd l-iktar għal min għandu s-setgħa li jara li l-affarijiet jimxu kif suppost - fid-dawl ta' dak li stqarret il-Kummissjoni Pontifiċja *Ecclesia Dei*, il-Festa tal-Qaddis Patrijrka San Ġużepp ma tista' qatt tingħata l-ġenb jew issir b'Rit inqas solenni, "għall-ġid komuni u biex iseħħu l-paċi u s-sliem fid-Djoċesi". Wasal iż-żmien li jitneħħa l-għanqbut. L-imgħoddi spiċċa, jeħtieġ li naqbdu triq ġdida, bis-sehem u bil-kollaborazzjoni sinċiera ta' kulħadd.

**Referenzi**


[1] Concilium Regionale Melitense, 1936, *Decreta*, Anno Domini MDCCCCXXXV, in Civitate Valletta habitum, Fr.Alexio Henrico M. S.R.E.Card.Lépicier O.S.M. Summi Pontificis PII PP. XI Legato Apostolico Praeside

[2] Angelo Schembri< >Joe Flask, 2012, *Korrispondenza*, permezz ta' *e-mails*

[3] Radd il-ħajr kbir lill-Kan. Jonathan Farrugia li pprovdielna d-Dokument imsemmi

[4] Addis, E.W.- Arnold Th., 1928, *Catholic Dictionary*, ara COUNCIL, 11-il Ed. Riveduta u miżjuda minn Scannel, T.B.

[5] Enciclopedia Treccani, 2010, *Dizionario di Storia*, ara CONCILIO. Aubert, R.-Fedalto, G.-Quaglioni D., 1995, *Storia dei Concili.*

[6] *Atti*, 15, 1-35

[7] *The Jerome Biblical Dictionary*

[8] Saydon, P.P., 1977, *Bibbja Saydon*, "It-Testment il-Ġdid", p.326, nn.1 u 4-5

[9] *L-istess*, p.327, nn. 6 u 7

[10] *L-istess*, n.13

[11] Addis, E.W. – Arnold, Th., *l-istess*

[12] Barnes, T.D., 1971, *Tertullian: a literary and historical study*

[13] Addis, E.W. – Arnold, Th., *l-istess*

[14] *Catholic Encyclopedia*, ara APOSTOLIC CANONS

[15] www.airemsea.it, *Storia dei Concili della Chiesa Cattolica*

[16] Minħabba f'hekk hemm min isejħilhom "Konċilji Ortodossi"

[17] Skont l-Imperatur ta' Biżanzju Kostantinu V, l-Imperatur kellu l-istess awtorità tal-Appostli tant li, l-Imperatur kien beda jingħata t-titlu ta' *Pontifex Maximus*.

[18] *Enciclopedia Treccani*, 2010, CESAROPAPISMO, f'"Dizionario di Storia".

[19] Alberigo, G., 1990, *Storia dei Concili Ecumenici*. *Il-Knisja tal-Lvant ma kinitx għarfet id-deċiżjonijiet li kienu ttieħdu f'dan il-Konċilju.

[20] Hefele, C.J.-Leclercq, H., 1907, *Histoires des Conciles d'après les Documents originaux*

[21] L-Isqof li, taħtu, ikollu Djoċesijiet dipendenti/suffraganeji.

[22] Apparti r-riferenza li saret dwar il-"Konċilju Appostoliku", hemm ħjiel li personalitajiet u esponenti Lajċi bdew jieħdu sehem anke fil-Konċilji Ekumeniċi. Għadd ta' Lajċi kienu partikolarment preżenti u attivi fil-Konċilju Vatikan II. Madankollu qatt ma kellhom dritt għall-vot.

[23] Addis, E.W.- Arnold Th., *l-istess*. Hefele, C.J.-Leclercq, H., *l-istess*

[24] Il-Kardinal Giovanni Mastai Ferretti sar Papa fl-14 ta' Ġunju 1846 u miet fi-7 ta' Frar 1878. *Għat-tagħrif fuq il-Papiet li se nsemmi ara Thomas, P.C.,1997, *A Compact History of the Popes*

[25] Mattei de, R., 2000, *Pio IX*

[26] Bil-Malti, b'kelma waħda, insejħulu "Id-Drittu" li jfisser il-"Kodiċi tad-Drittu Kanoniku"

[27] *Catholic Encyclopedia*, CANON LAW. La Rocca, F., 1959, *Manual of Canon Law*.

[28] Il-Kardinal Giacomo della Chiesa kien sar Papa fis-6 ta' Settembru 1914 u miet fit-22 ta' Jannar 1922.

[29] Beneditt XV, Papa, 1917, *Providentissima Mater Ecclesia*, "Kostituzzjoni Appostolika" 17 ta' Mejju 1917. Il-Kodiċi imma daħal fis-seħħ nhar iz-19 ta' Mejju 1918.

[30] *Codex Iuris Canonici Pii X Pontificis Maximi iussu digestus Benedicti Papae XV auctoritate promulgatus,*1918. Peters, Ed., 2001, *1917(Pio-Benedictine) Code of Canon Law –CIC*

[31] Il-Kardinal Giuseppe Sarto kien sar Papa fid-9 ta' Awwissu 1903 u miet fl-20 ta' Awwissu 1914. Kien dikjarat Qaddis fl-1952 mill-Papa Piju XII.

[32] Piju X, Papa, 1904, *Arduum Sane Munus*, "Motu Proprio" 14 ta' Mejju 1904.

[33] Il-Kardinal Karol Wojtiwa kien sar Papa fis-16 ta' Ottubru 1978 u miet fit-2 ta' April 2005. Kien dikjarat Beatu fl-1 ta'Mejju 2011, mill-Papa Beneditt XVI.

[34] Ġwanni Pawlu II, Papa, 1983, *Sacrae Disciplinae Leges* "Kostituzzjoni Appostolika" 25 ta' Jannar 1983

[35] Il-Kardinal Josef Ratzinger kien sar Papa fiz-19 ta' April 2005. Irriżenja minn Papa fit-28 ta' Frar 2013.

[36] Beneditt XVI, Papa, 2009, *Ad Tuendam Fidem*, "Motu Proprio" 15 ta' Diċembru 2009

[37] Fattori, M.T., 2011, *La crisi dei concili Sinodi, assemblee, convegni ecclesiali Cristiani d'Italia*, f' "Enċiklopedia Treccani".

[38] *L-istess*

[39] *L-istess*

[40] CIC 1983,*Codice di diritto canonico*, Testo ufficiale e versione italiana sotto il patrocinio della Pontificia Università Lateranense e della Pontificia Università Salesiana, Roma. Abate, A., 1983, *La Sacra Gerarchia alla luce del nuovo Codice, La nuova legislazione canonica*, fi "Studia Urbaniana"(19) p.181-242.

[41] Lupi, Ġ., 2002, *Mons. Ġ. Lupi –Tifkiriet u Stqarrijiet*, Awtobijografija, p.97. Ara wkoll Puech, G., 1994, *Ethnotextes Maltais*, fi "Studia Melitensia" I, p.63

[42] Taucci, R.M., 1935, Sua Eminenza il Cardinale Alessio Enrico M. Lépicier Legato del Papa per la celebrazione del Concilio Regionale di Malta e Gozo e per l'incoronazione dell'Immagine miracolosa detta 'Ta Pinu' a Gozo". *Padre Taucci kien is-Segretarju personali tal-Kardinal imsemmi u "Annalista"(dak li jikteb id-Djarju/il-Kronaka fuq dak kollu li jiġri u jsir) tal-Ordni tiegħu: l-Ordni tas-Servi ta' Marija. Re Taucci ara Dal Pino, F.A., P.Raffaele M. Taucci 1882-1971, Profil

[43] Fenech, D., 1976, *The Making of Archbisop Gonzi*, p.12. Kien fost il-membri ewlenin tas-*Self Government*. Huwa kien ir-raba' Prim Ministru, imma serva wkoll bħala Kap tal-Oppożizzjoni.

[44] Smith, H. – Koster, A., 1984, *Lord Strickland Servant of the Crown*. Membru tal-House of Commons u serva bħala Gvernatur Ingliż fl-Indji tal-Punent, Tażmanja, Awstralja tal-Punent u fi *New South Wales*

[45] Blouet, B., 1993, *The Story of Malta*, pp. 182-184. Skont Fenech 1929-1930. Imma huwa fatt li teknikament, Strickland kien baqa' fil-ħatra(bħala "caretaker") minkejja li fl-1930 l-Elezzjonijiet Ġenerali kienu ġew sospiżi mill-Gvern Ingliż minħabba l-kriżi politiku-reliġjuża.

[46] Tonna, E.-Galea, M., 1981, *L-Arċisqof Gonzi*, pp.117-141, vol.I

[47] Ganado, H., 1977, *Rajt Malta tinbidel*, vol.I, p.406

[48] Blouet, B., *l-istess*, p.184

[49] *L-istess*

[50] Randall, A., 1956, *Vatican Assignment*. Fenech, D., *l-istess*

[51] Il-Kardinal Achille Ratti kien sar Papa fit-12 ta' Frar 1922 u miet fit-12 ta' Frar 1939. Dan il-Papa kien iffirma Trattat (*Patti Lateranensi*)mal-Gvern Taljan immexxi minn Mussolini, li permezz tiegħu il-Belt tal-Vatikan ngħatat *status* ta' Stat Indipendenti. Iżda kien l-istess Papa li xandar Enċiklika li tikkundanna n-Nażiżmu u l-Komuniżmu.

[52] Delegat Appostoliku jinħatar mill-Papa biex f'ismu jieħu ħsieb ir-relazzjonijiet u jittratta kwistjonijiet bejn is-*Santa Sede* u Gvern partikulari.

[53] Catholic Hierarchy, *List of Deceased Bishops*. Kien sar Arċisqof Titulari fl-1927. Serva wkoll bħala Nunzju Appostoliku għall-Irlanda.

[54] Ganado, H., *l-istess*, p.405

[55] Dnub mejjet

[56] *Ittra Pastorali*, 27 ta' April 1930

[57] Fenech, D., *l-istess*

[58] Ganado, H., *l-istess*, p.420

[59] L-iktar waħda riċenti kienet dik tas-sittinijiet.

[60] Buttigieg, A., 1980, *L-Għażla tat-Triq*, f' "Mill-Album ta' Ħajti: It-2 Ktieb, p.50. Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*, p.140

[61] Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*, p.141

[62] Ganado, H., *l-istess*, p.408. Omm Strickland kienet kuġina fit-tielet grad tal-Beata M.Adeodata Pisani OSB – ara Flask, J., 2006, *Beata Maria Adeodata Pisani OSB*, p.12

[63] Buttigieg, A., *l-istess*, p.51

[64] Blouet, B., *l-istess*, p.187

[65] Ganado, H., 1977, *Rajt Malta tinbidel*, p.59

[66] *Catholic Hierarchy*

[67] *L-istess*, inħatar fil-31 ta' Marzu 1911 u kien ordnat Isqof Titulari ta' Selinunte fl-14 ta' Mejju 1911.

[68] Serva f'din il-ħatra minn wara l-mewt tal-Isqof/Arċisqof Pietru Pace fis-26 ta' Lulju 1914, sal-ħatra tal-Isqof/Arċisqof Mawru Caruana OSB fit-22 ta' Jannar 1915. Mons. M. Caruana ħatru wkoll Vigarju Ġenerali, ħatra li baqa' jżomm sa mewtu (19.6.1927) flimkien ma' dik ta' Isqof Awżiljarju. *Amministratur Appostoliku jinħatar mill-Papa biex f'ismu jmexxi Djoċesi waqt sede vacante, jew Djoċesi li tkun qed tiffaċċja problemi kemm ta' xejra spiritwali kif ukoll materjali/amministrazjoni tal-finanzi

[69] Mallia, Ph., 1987, *L-Isqof li ħabbu kulħadd*. Fsadni, M., 2003, *Dumnikani Magħrufa*. Scerri Iv., 2011, *100 sena mill-Ordinazzjoni Episkopali tal-Isqof Anġlu Portelli, O.P.*, f'"Leħen Is-Sewwa" 4 ta' Ġunju 2011. Anon., 2011, *100 sena mill-Ordinazzjoni Episkopali tal-Isqof Angelo Portelli O.P.*, f' "L-Isla Leħen il-Parroċċa" – Festa Marija Bambina - 2011

[70] Lupi, Ġ., *l-istess*

[71] *L-istess*. *L-aħħar Sinodu fil-Gżejjer Maltin kien sar fl-1703 fi żmien l-Isqof Davide Cocco Palmieri(1684-1711), ara Arkivju Arċiveskovili: *Synodus, Concilia et Statuta Capitularia*. Bezzina, J., 1979, *Ħarsa qasira lejn is-Sinodi Djoċesani f'dawn il-Gżejjer*, f'"Bullettin tas-Sinodu Djoċesan t'Għawdex" (3), p.69

[72] *L-istess*.

[73] Għawdex sar Djoċesi awtonoma fis-16 ta' Settembru 1864, ara Bezzina, J.,1994, *Church History*, p.126.
*L-ewwel Sinodu f'Għawdex sar fl-1903 u tnieda mill-Isqof Giovanni Maria Camilleri O.E.S.A.(1889-1924), ara Bezzina, J., 1979, *l-istess*, p.69-70

[74] Bezzina, J., *l-istess*, p.87

[75] Schiavone, M., 2009, *Dictionary of Maltese Biographies*, vol.II, p.1437

[76] *Kodiċi Liġijiet tal-Knisja* (1918) kan.281. Lupi, Ġ., *l-istess*

[77] Legat tal-Papa *a latere*, huwa dak il-Kardinal li jinħatar mill-Papa, biex jirrappreżentah u jaġixxi f'ismu f'okkażjonijiet speċjali.

[78] Archivum Episcopale Gaudiense(AEG), *Acta Episcoporum*, Gonzi Circ., 115.Bezzina, J., *l-istess*, p.87

[79] Għalhekk l-ittri O.S.M. wara isem il-Kardinal Lépicier, għax huma l-inizjali tal-Ordine dei Servi di Maria

[80] Catholic Hierarchy, *Lista ta' Kardinali mejtin*. Biographical Dictionary, *The Cardinals of the Holy Roman Church*. Taucci, R.M., l-istess, "Prefazione" p.3. ROSCHINI, G.M., 1937, *La vita e l'opera del cardinale Alessio M. Lépicier, O.S.M.*, fi "Studi Storici OSM", 3 (1937), pp. 5-44

[81] Taucci, R.M., *l-istess*, p.11

[82] Catholic Hierarchy, *Lista ta' Kardinali mejtin*. Biographical Dictionary, *The Cardinals of the Holy Roman Church*.*Il-Kardinal Ferrata, Taljan, mal-ħatra tiegħu bħala Isqof fl-1885 sar Nunju Apostoliku fil-Belġju, fl-1891 fi Franza u fit-22 ta' Ġunju 1896 inħatar Kardinal Qassis, Titulari ta' Santa Priska, tliet snin wara sar Camerlengo (1899-1900), Prefett tas-Sagra Kongregazzjoni għall-Indulġenzi u r-Relikwi (1999), Prefett Sagra Kongregazzjoni tar-Riti (1900), Prefett tas-Sagra Kongregazzjoni tal-Isqfijiet u r-Regolari (1902),Prefett tas-Sagra Kongregazzjoni tas-Sagramenti (1908). Għamel żmien Arċipriet tal-Bażilka tal-Lateran. Fl-1914, inħatar Prefett tas-Suprema Sagra Kongregazzjoni tas Sant'Uffizzju (1914) u fl-4 ta' Settembru 1914 inħatar Segretarju tal-Istat iżda dam biss xahar għax miet fl-4 ta' Ottubru 1914.

[83] Farrugia, L., 1914, *Ricordo del XXIV Congresso Eucaristico Internazionale*. Taucci, R.M., *l-istess*

[84] Catholic Hierarchy, *l-istess*. Biographical Dictionary, *l-istess*

[85] Anon.,1949, *Żvilupp tal-qima lejn Marija Verġni Immkulata f'Bormla*, p.53. *Is-soltu l-inkurunazzjoni ta' xbieha jew statwa issir mill-Isqof Djoċesan jew xi ħadd ieħor delegat minnu.

[86] *L-istess*. Catholic Hierarchy, *l-istess*. Biographical Dictionary, *l-istess*

[87] AAM, *Ittra Pastorali*, 21 ta' April 1935. Bezzina, J., *l-istess*, p.87. Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*, p.151

[88] Bezzina, J., *l-istess*, n.112

[89] AAM, *Ittra Pastorali*, 21 ta' April 1935. Bezzina, J., *l-istess*, p.87. Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*, p.151

[90] Bezzina, J., *l-istess*, p.88. Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*, p.150

[91] Lépicier, A.E.M., 1935, *DECRETUM de Concilio Regionali Melitensi convocando*, 5 ta' Mejju 1935. Taucci, R.M., *l-istess*, pp.38-39

[92] Il-kanoni 281 imsemmi huwa skont il-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Knisja tal-1917

[93] Mill-ġuridizzjoni ekkleżjastika, jiġifieri jiddependu direttament mill-Ġeneral/Superjur Ġenerali/Moderatur tal-Ordni tagħhom jew mis-Santa Sede, l-aktar f'dik li hija tmexxija u amministrazzjoni

[94] Il-kanoni 290 imsemmi huwa skont il-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Knisja tal-1917

[95] AEG, *l-istess*, Gonzi ċirc.115. Bezzina, J., *l-istess*, p.87.

[96] Bezzina, J., *l-istess*, p.88

[97] *L-istess*

[98] Ara dak li diġà għidna fis-sottotitlu: e)Il-Liġi tal-Knisja u l-Konċilji/Sinodi

[99] Ittra Pastorali, *l-istess*

[100] Inventarju tal-Abbazija ta' Fort Augustus.

[101] Manicaro, J., 2004, *Liturgical Renewal in the Maltese Islands – A Historical Study (1840-1963)*, Dissertatio ad Doctoratum Sacrae liturgiae ossequendum in Pontificio Instituto Liturgico, Thesis ad Lauream n.292, Pontificium Atheneum S.Anselmi de Urbe. Ara s-sottotitlu fir-ritratt tal-Isqof Caruana, p.45

[102] Miceli, P., 1994, *San Girgor*, fi "Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi tagħhom" vol.III, p.150.
*Hemm min jgħid li t-Tribuna ta' fuq l-Altar Maġġur fil-Knisja ta' San Girgor saret fuq disinn tal-istess Isqof.

[103] Rosseau, O., 1958, *Storia del movimento liturgico*. Oury, G.M.,

2001, *Dom Guéranger, moine au cœur de l'Église*. Guéranger, P., 2004, *Mémoires autobiographiques*. Petit,V., 2010, *Église et Nation. La question liturgique en France au XIXe siècle.*

104 Piju X, Papa, 1903, *Tra le sollecitudini*, "Motu Proprio" 22 ta' Novembru 103

105 *L-istess*

106 Ridder, B., 1958, *Manuale di Storia Ecclesiastica*. Manicaro, J., *l-istess*, pp.35-62

107 Avanzo, S.M., 2004, *Abate Dom Costantino Bosschaerts OSB Oliv.(1889-1950)*, f' "Icone di monaci – Profili di Benedettini Olivetani", pp.182-190

108 *L-istess*, p.187 re bidu ta' Cirkolu Liturġiku "*Felix Concordia*" fl-1918

109 Guéranger, P., 1841 - , *L'Année Liturgique*. Din hija sensiela ta' 15-il volum li Dom Guéranger ma setax ikompli għax laħaq miet. Ir-Rivista *La Vie Liturgique* li tnediet mill-monaku Dom Lambert Beauduin OSB, Belġjan. Ir-Rivista *L'Art Sacré* maħruġa mid-Dumnikani "progressivi" Franċiżi.

110 Bezzina, J., 1979, *Is-Sinodi Djoċesani f'Malta u Għawdex (1558-1975)*

111 Archivum Archiepiscopali Melitensis, *Synodus, Concilia et Statuta Capitularia*

112 Bezzina, J., 1979, *Ħarsa qasira lejn is-Sinodi Djoċesani f'dawn il-Gżejjer*, f'"Bullettin tas-Sinodu Djoċesan t'Għawdex" 1975, nru.3, p.88. Ganado, H., *Rajt Malta tinbidel*, vol. II, p.59

113 Ganado, H., *l-istess*

114 *L-istess*

115 *L-istess*

116 *L-istess*

117 *L-istess*, p.60

118 L-istess, p.59

119 Catholic Hierarchy, *Lista ta' Kardinali mejtin*. Biographical Dictionary, *The Cardinals of the Holy Roman Church*. *Mons.G.Bruno(1875-1954) Taljan, kien inħatar Protonotarju Appostoliku fl-1932 u serva bħala Segretarju fil-Kongregazzjoni Pontifiċja tal-Konċilju. Fl-1946, sar Kardinal Djaknu, bit-Titlu ta' Sant'Ewstakju

120 Catholic Hierarchy, *Lista ta' Kardinali mejtin*. Biographical Dictionary, *The Cardinals of the Holy Roman Church*. *Mons.W.Godfrey(1889-1963), Ingliż, sar Kardinal Qassis bit-Titlu ta' San Nerew u Sant'Akillew fil-15 ta' Diċembru 1958.

121 Bil-Malti *Ċambellan*. Kienu lajċi ta' nisel nobbli li kienu jagħmlu parti mill-Familja Pontifiċja. Il-ħatra kienet tneħħiet mill-Papa Pawlu VI, bil-"Motu Proprio" *Pontificali Domus*, fl-1968.

122 Membru ieħor tal-Familja Pontifiċja li, bl-Ingliż, tfisser *Man of Honour* f'dan il-każ kien assenjat mal-Kardinal Lépicier bħala Assistent persunali tiegħu

123 Ajkijiet. Fl-Ordnijiet Reliġjużi dawn huma patrijiet Professi(=li jieħdu l-Voti) imma mhux saċerdoti.
Normalment jagħmlu xogħol tal-id, u faċendi oħra fil-Kunvent/ Monasteru. Bil-Liġi Kanonika tal-1983 ma baqgħux jissejħu "Fratelli Conversi" = Ajkijiet, imma huma Patrijiet bħall-oħrajn, ukoll jekk xorta baqgħu jagħmlu ħafna mix-xogħol ta' qabel, u xorta baqgħu ma jqaddsux. Uħud minnhom komplew jistudjaw u saru Saċerdoti.

124

125 Colchester Web Site MyHeritage. Ara wkoll www.MyHeritage.com, *Family Tree*

126 Taucci, R.M., *l-istess*, p.13

127 Schiavone, M., *l-istess*, p.1108

128 *L'Osservatore Romano*, 10 giugno 1935. Taucci, R.M., *l-istess*, pp.9-10

129 Taucci, R.M., *l-istess*. Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*, p.150

130 *MALTA*, 8 ta' Ġunju 1935

131 *MALTA*, 10 ta' Ġunju 1935. Taucci, R.M., l-istess, p.13. Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*

132 Ganado, H., *l-istess*, p.60

133 Taucci,R. M., *l-istess*, p.11. Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*

134 Sir H.Luke kien "*locum tenens*" Logotenent Gvernatur bejn l-1930-1938. Ara Luke, H., 1967, *MALTA*. Jew Listi oħrajn tal-Gvernaturi Ingliżi f'Malta.

135 Ganado, H., *l-istess*

136 *MALTA*, *l-istess*. Ganado, H., l-*istess*

137 Taucci, R.M., *l-istess*, p.16

138 Taucci, R.M., *l-istess*, p.17. Cauchi, N.Ġ., 1983, *Is-Santwarju " Ta' Pinu " Ċentru ta' Pellegrinaġġi*, p.65

139 Taucci, R.M., *l-istess*

140 *L-istess*

141 *L-istess*

142 Karrozzella lussuża li kienet tintuża fl-okkażjonijiet speċjali. Għalkemm tinqara *Landò*, a la Franċiża l-kelma tirreferi għal LANDAU (aqra Landaw) il-pajjiż bil-Bavjiera l-Ġermanja fejn din it-tip ta' karrozzella kienet inbniet għall-ewwel darba

143 Tonna, E.-Galea, M.,*l-istess*

144 Taucci, R.M., *l-istess*

145 Ganado, H., l-istess

146 Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*, pp.150-151

147 Taucci, R.M., *l-istess*, p.18

148 Illum nistgħu nsejħulhom "Ittri Kredenzjali", jiġifieri Dokument Uffiċjali li bih persuna tkun awtorizzata taġixxi u tiddeċiedi f'isem xi ħadd - f'dan il-każ il-Papa – f'xi okkażjoni speċjali jew għal żmien determinat.

149 *Litterae Apostolicae*, f'"Concilium Regionale Melitense – Decreta" 1936, pp.v-vi

150 Bezzina, J., *l-istess*, p.87

151 Piju XI-Papa, 1922, *Ubi Arcano*, Ittra Enċiklika 23 t' Diċembru 1922, l-ewwel sena tal-Pontifikat.

152 *Direttorju Ekkleżjastiku – Malta u Għawdex*

153 Taucci, R.M., *l-istess*, p.20-22. Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*, p.151

154 Taucc, R.M., *l-istess*, p.21

155 *L-istess*

156 Taucci, R.M., *l-istess*, pp. 21-22. Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*

157 Taucci, R.M., *l-istess*, p.22

158 *L-istess*

159 *L-istess*

160 *L-istess*, p.,23

161 Taucci, R.M., *l-istess*. Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*.

162 *Taucci, R.M.*, *l-istess*, p.24

163 *L-istess*, pp.24-25

164 *L-istess*, p.25

165 *L-istess*, pp.25-26

166 Taucci, R.M., *l-istess*, p.27. Bezzina, J., *l-istess*, p.89. Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*. Ganado, H., *l-istess*, p.63

167 Taucci, R.M., *l-istess*

168 *L-istess*

169 Ganado, H., *l-istess*

170 Lupi, Ġ., *l-istess*

171 Waħda mis-sigħat kanoniċi. Skont il-Liturġija tas-Sigħat (il-Brevjar) tal-lum, *Terza*, hija parti mit-Talb ta' Nofs il-Jum – Fid-Disgħa ta' Filgħodu

172 Taucci, R.M., l-istess, p.27

173 *L-istess*, pp.28-36

174 I Pt 5, 1-2

175 Fid-Diskors hemm "Ir-Riti Sagri" imma ppreferejt nuża *Ċelebrazzjonijiet* biex ninftiehem aħjar

176 I Pt 5, 3

177 Lépicier, A.E.M., *Discorso inaugurale per l'apertura del Concilio Regionale di Malta*, 9 giugno 1935. Taucci, R.M., *l-istess*, p.36

178 Bezzina, J., *l-istess*. *Skont Mons.Lupi, il-laqgħat tal-Konċilju

saru f'San Ġwann, imma naħseb bi żball, għax fil-fatt f'San Ġwann saru biss: iċ-Ċerimonja tal-ftuħ u l-iffirmar tal-Atti u tad-Digrieti.

[179] Taucci, R.M., *l-istess*, pp.38-39

[180] Kien ilu f'din il-ħatra mill-1930. Mal-mewt ta' Piju XI, il-Kard. Pacelli sar Papa fit-2 ta' Marzu 1939.
Apparti l-ħidma kbira fi ħdan il-Knisja f'kull qasam, Piju XII jibqa' msemmi għat-tnedija tas-Sena Mqaddsa fl-1950 li matulha ddikjara d-Domma tat-Tlugħ is-Sema tal-Madonna. Huwa miet fid-9 t'Ottubru 1958.

[181] Taucci, R.M., *l-istess*, pp.39-40

[182] Taucci, R.M., *l-istess*, p.40

[183] Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*, p.150

[184] Lupi, J., l-*istess*

[185] Biographical Dictionary, *The Cardinals of the Holy Roman Church*, ara Card.G.Bruno

[186] Taucci, R.M., *l-istess*

[187] Taucci, R.M., *l-istess*, p.37 *Lista tal-parteċipanti fil-Konċilju u l-ħatriet rispettivi tagħhom

[188] Interessanti li Padre Taucci wara l-kunjom Gonzi żied il-kunjom Tonna li fil-fatt kien kunjom ommu fi xbubitha. Ara Taucci,R.M., *l-istess*. Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*, p.9

[189] Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*. Biographical Dictionary, *The Cardinals of the Holy Roman Church*., ara Card.W.Godfrey. Fil-21 ta' Novembru 1938 kien inħatar l-ewwel Delegat Appostoliku għal Malta.

[190] Ciarlò, J.-Galea.M., 2002, *Qaddejja u Xhieda*, p.27. *Mons.P.Galea(1866-1952) fi żmien is-*Self Government* kien ir-Rappreżentant tal-Kleru fis-Senat bejn l-1921-1927

[191] L-istess, p.36.*Mons. E. Galea(1891-1974) kien Professur tal-Liġi Kanonika. Fl-1940 inħatar Vigarju Ġenerali u sentejn wara Isqof Titulari ta' Tralles u Isqof Awżiljarju ta' Malta.

[192] Bezzina, J., *l-istess*, n.120. Skont Bezzina "Nofs il-membri tal-Konċilju kienu minn Għawdex" imma ma naħsibx li kien il-każ

[193] Bonavia, G.C., 1994, *Biographical Data*, f' "Mgr Prof. Arturo Bonnici, 1903-1978" Commemoration by Malta Historical Society, 1st December 1994, p.11.

[194] Taucci, R.M., *l-istess*, p.42

[195] Taucci, R.M., *l-istess*. Bezzina, J., l-istess, p.89. Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*, p.151

[196] Taucci, R.M., *l-istess*

[197] Taucci, R.M., *l-istess*, pp.42-44. *Jgħodd għas-siltiet ikkwotati

[198] *L-istess*. Bezzina, J., *l-istess*. Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*.

[199] Concilium Regionale Melitense, *Decreta*, p.67. Borg, V., 1995, *Mgr.Prof.Arturo Bonnici D.D., H.E.L.,B.L.Can., B.A. – A COMMEMORTION,*f' "Melita Historica" 1995, Vol.XI, No.4, p.401, n.25

[200] L-istess, p.vii

[201] *L-istess*

[202] Catholic Hierarchy, *Lista ta' Kardinali mejtin*. Biographical Dictionary, *The Cardinals of the Holy Roman Church*. *L-Em.T. Giulio Serafini (1867-1938), Taljan, kien inħatar Kardinal fit-30 ta' Ġunju 1930 u nagħta t-Titlu ta' Santa Maria Sopra Minerva. Sakemm miet hu żamm il-kariga ta' Prefett tas-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju kif ukoll dik ta' President tal-Kummissjoni Pontifiċja għall-interpretazzjoni eżatta tal-Kodiċi tal-Liġi tal-Knisja. Ara wkoll Franciolini, G., 1939, *Il Cardinale Giulio Serafini*

[203] Ara t-tagħrif li diġà tajna dwaru

[204] Bezzina, J., *l-istess*, p.81, n.80

[205] Synodus Melitensis, 1703, *Appendix*, p 11, f'Bezzina, J., *l-istess*. *Nerġa' nfakkar li dan kien l-aħħar Sinodu li kien sar f'Malta qabel il-Konċilju Reġjunali tal-1935.

[206] Lista ta' btajjel pubbliċi(b'żieda mal-Festi Nazzjonali u l-Ħdud), 1989, *Skeda ( Art.5(1) ) sostitwita 6/8/1989*, f' "Att dwar il-festi Nazzjonali u l-Btajjel Pubbliċi oħra" 27/6/1975.

[207] Taucci, R.M., *l-istess*, p.45

[208] *L-istess*, pp.45-46

[209] www.vatican.com, Inno Pontificio

[210] Taucci, R.M., *l-istess*, pp.45 u 51

[211] Bezzina, J., *l-istess*, p.88. Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*.

[212] Taucci, R.M., *l-istess*, p.53

[213] Ganado, H., *l-istess*, p.59. Bezzina, J., *l-istess*. Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*. Lupi, J., *l-istess*, p.98.

[214] AEG, *l-istess*, Gonzi Circ.114, 29 ta' April 1935. Bezzina, J., *l-istess*. Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*.

[215] Taucci, R.M., *l-istess*, pp.56-58. Bezzina, J., *l-istess*, ara n.114

[216] Taucci, R.M., *l-istess*, p.58. Cauchi, N.Ġ., *l-istess*

[217] Taucci, R.M., *l-istess*, p.59. Cauchi, N.Ġ., *l-istess*

[218] Taucci, R.M., *l-istess*. Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*, p.152

[219] Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*, p.151

[220] Padre Taucci jirreferi għar-Raħal tal-Għarb bħala *Garbo*.

[221] Cauchi, N.Ġ., *l-istess*, p.67

[222] "*Marianum extat sanctuarium*", Brevi Pontifiċju, 14 ta' Mejju 1935

[223] Taucci, R.M., *l-istess*, p.61. Bezzina, J., *l-istess*

[224] Taucci, R.M., *l-istess*. Bezzina, J., *l-istess*. Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*. Cauchi, N.Ġ., *l-istess*

[225] Taucci, R.M., *l-istess*

[226] Taucci, R.M., *l-istess*, pp.61-62

[227] Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*

[228] Taucci, R.M., *l-istess*, pp.62-63

[229] Taucci, R.M., *l-istess*, p.62. Cauchi, N.Ġ., *l-istess*, p.69

[230] Taucci, R.M., l-istess, p.63. Tonna, E.-Galea, M., *l-istess*

[231] Taucci, R.M., *l-istess*, pp.46. Ganado, H., *l-istess*, vol. II p.59

[232] Taucci, R.M., *l-istess*, p.47

[233] *L-istess*

[234] *L-istess*

[235] *L-istess*, p.65

[236] Taucci, R.M., *l-istess*, pp.47-48

[237] *L-istess*, p.50

[238] *L-istess*, pp.65-66

[239] *L-istess*, p.66

[240] Anke dan il-vapur kien tas-Società di Navigazione "Tirrenia"

[241] Taucci, R.M., *l-istess*. Cauchi, N.Ġ., *l-istess*

[242] Bonnici, A., 1975, *History of the Church in Malta*, vol.III, p.35. Bezzina, J., *l-istess*, p.89

[243] Jissejħu hekk dawk li kienu ħadu sehem attiv fil-Konċilju Vatikan II.

[244] Vatican Information Service (VIS), 12 ta' Ottubru 1912.

[245] Bonnici, A.,1996, *Storja ta' Malta fi Ġrajjiet il-Knisja*, p.72

[246] Ganado, H., *l-istess*, p.63

[247] Bezzina, J., *l-istess*, p.91

[248] Lupi, J., *l-istess*

[249] Ganado, H., *l-istess*, p.8

[250] *L-istess*, vol.III, p.79

[251] Bonnici, A., 2000, *Is-suspett li l-Isqof Mawru Caruana fl-1925 ried jirriżenja*, f' "Reliġjon u Ħajja" Mejju 2000, pp.123-128

[252] *L-istess*, p.125

[253] Mercieca, J., 1993, *Omelija*, mill-Arċisqof Mons.Ġ.Mercieca waqt Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' San Girgor Tas-Sliema, l-okkażjoni tal-50 Sena mill-mewt tal-Arċisqof M. Caruana OSB

[254] Ciarlò, J., 2002, *Żamm li kien tajjeb iżda rriforma u biddel*, f' "Il-Ġens Illum" 23 ta' Marzu 2002 mis-Sensiela Xhieda għal Żmienna

[255] Manicaro, J., *l-istess*, p.42

[256] *L-istess*, pp.150-151

[257] *L-istess*, p.134

[258] AAM, *Acta Epis.*,Ittra Ċirkolari, Caruana...12 ta' Marzu 1916

[259] Manicaro, J., *l-istess*, pp.135

[260] *L-istess*

[261] Lupi, J., *l-istess*, pp.97-98. *L-awtur kien qed jirreferi għall-Arċisqof Ġ.Mercieca illum Arċisqof Emeritu.

[262] Ganado, H., l-istess, vol.II, p.63

[263] Bonnici, A.,1996, *Storja ta' Malta fi Ġrajjiet il-Knisja*, p.72

[264] Flask, J., 2006, *Nibżgħu għall-Festa tagħna*, fi "Festa San Ġużepp, Ħaż-Żebbuġ – 2006", Programm tal-Festa maħruġ mill-Każin San Ġużepp – Banda De Rohan A.D.1860

[265] Farrugia, Ch.J., 2011, *Il-Festi Kultura u Identità*, p.3. Huwa kien l-editur tar-Rapport dwar is-Seminar Nazzjonali organizzat fil-31 ta' Marzu 2011, mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju – Mqabba. *Se nibqa' nirreferi għalih bħala "Seminar 2011-Mqabba"

[266] *L-istess*, p.4

[267] Cremona, V.A., 2011, *The Theatricality of the Maltese festa*, p.18, f' "Seminar 2011-Mqabba"

[268] *L-istess*, p.26

[269] Boissevain, J., 2011, *Festa Saints and Fireworks: Ħarsa fuq medda ta' snin 1960-2010*, p.39, f' "Seminar 2011-Mqabba"

[270] Farrugia, G., 2012, *Pyrotechnic Malta*, p.37

[271] Flask, J., *l-istess*

[272] *L-istess*

[273] Farrugia, Ch.J., *l-istess*, p.49

[274] Flask, J., *l-istess*

[275] Cassar, A., 1988, *Il-Festa tar-Raħal*, fi "it-Torċa" 11 t'Awwissu 1988

[276] Boissevain, J., 1988, *Festa Partiti and the British: exploding a Myth*, f' "Mallia-Milanes, V., British Colonial Experience 1800-1964...p.221

[277] Boissevain, J., 1993, *Saints and Fireworks: Religion and Politics in Rural Malta*, p.75

[278] Flask, J., 1998, *Festa Sekondarja kbira*, fi "Festa San Ġużepp – 1998, Programm tal-Festa maħruġ mill-Każin San Ġużepp – Banda De Rohan A.D.1860

[279] Farrugia, J., 1965, *San Ġużepp f'Ħaż-Żebbuġ*, f'"Leħen il-Belt de Rohan, I (3) 1965

[280] *L-istess*

[281] Kummissjoni Pontifiċja "Ecclesia Dei", 2011 *Struzzjonijiet lill-Knisja Universali*, dwar l-applikazzjoni tal-*Motu Proprio* "Summorum Pontificum" li tnieda mill-Papa (illum Emeritu) Benedittu XVI fis-7 ta' Lulju 2007

[282] *L-istess*

[283] Konċilju Vatikan II, *Sacrosanctum Concilium*, 1963, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, Kap.V, §111, 4 ta' Diċembru 1963

[284] *L-istess*

[285] Ġwanni XXIII, Papa, 1960, *Rubricarum Instructum*, Motu Proprio 25/7/1960 f'AAS vol.LII, pp.593-595

[286] www.lachiesa.it

[287] Castellano, D.J., 2012, *Commentary on Sacrosantum Concilium*

[288] *L-istess*

[289] *L-istess*

[290] CIC, Kodiċi tal-Liġi tal-Knisja, 1983, *Il-Ġranet tal-Obbligu*, Kap. III, kan.1246

[291] Sagra Kongregazjoni tal-Kult Divin, *Kalendarju Ġenerali Ruman*. Murphy, P.L., 1960, *The New Rubrics of the Roman Breviary and Missal*